Ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni

# Ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni
## għall-Mexxejja u l-Persuni Responsabbli

Id-Direttorat-Ġenerali
għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sikurezza



Kummissjoni Ewropea

# Ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni għall-Mexxejja u l-Persuni Responsabbli

Novembru 2004



Dan il-Ktejjeb ta' tagħrif inkiteb minn Jan Niessen u Yongmi Schibel mill-Grupp għall-Politika tal-Migrazzjoni (MPG), f'isem il-Kummissjoni Ewropea (Id-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sikurezza).

Dan il-Ktejjeb ta' tagħrif jista' jitniżżel mill-websajt tal-Kummissjoni Ewropea f'http://ec.europa.eu/justice_home/

ISBN 92-79-02521-X

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2006
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm issir referenza għas-sors.

© Ritratti u disinn ta': Ruben Timman / www.nowords.nl

# Werrej


| | | |
|---|---|---|
| **Daħla** | | **5** |
| **Il-Kuntest** | | **6** |
| **Introduzzjoni** | | **8** |
| **Kapitolu 1:** | **L-introduzzjoni ta' immigranti ġodda u ta' refuġjati rikonoxxuti** | **13** |
| 1.1 | It-tfassil tal-programmi | 15 |
| 1.2 | Jitlaqqgħu l-ambizzjonijiet u r-riżorsi | 19 |
| 1.3 | Ix-xogħol ma' l-imsieħba | 22 |
| 1.4 | L-evalwazzjoni u l-adattament tal-programmi | 28 |
| Kapitolu 1: | Konklużjonijiet | 32 |
| **Kapitolu 2:** | **Il-parteċipazzjoni ċivika** | **35** |
| 2.1 | Il-kompetenza interkulturali | 36 |
| 2.2 | L-involviment taċ-ċittadini u ta' l-immigranti | 41 |
| 2.3 | L-organizzazzjonijiet isiru miftuħa u inklużivi | 53 |
| Kapitolu 2: | Konklużjonijiet | 54 |
| **Kapitolu 3:** | **L-indikaturi** | **57** |
| 3.1 | Il-ħolqien tal-kondizzjonijiet | 60 |
| 3.2 | L-għażla ta' l-indikaturi | 64 |
| 3.3 | Il-kooperazzjoni Ewropea | 68 |
| Kapitolu 3: | Konklużjonijiet | 72 |
| **L-Anness:** | **Biex il-politika tiġi tradotta fi programmi** | **75** |
| Noti tat-Tmiem | | 80 |
| Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni | | 82 |



## Daħla

Illum, fl-UE kollha l-Istati Membri qed jiffaċċjaw sfidi simili fejn għandha x'taqsam l-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-soċjetà. Dan qed isir kompitu aktar importanti kif ukoll wieħed kompless u sensittiv.

Bil-prospettiva ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u li qed tonqos, fis-snin li ġejjin żieda fl-immigrazzjoni se tkun kemm probabbli kif ukoll bżonnjuża. L-integrazzjoni ta' l-immigranti hija importanti ferm għall-koeżjoni soċjali u għall-iżvilupp ekonomiku. Biex l-immigranti jkunu jistgħu jħossuhom parti mis-soċjetà tagħna, aħna rridu nittrattawhom b'mod ġust, u nkunu żguri li jkollhom l-għodod it-tajba biex jieħdu sehem b'mod sħiħ fis-soċjetajiet tagħna. L-integrazzjoni hija proċess kontinwu, f'żewġ direzzjonijiet, li hija bbażata fuq drittijiet reċiproċi u fuq obbligi korrispondenti kemm ta' l-immigranti kif ukoll tas-soċjetà ospitanti.

Fil-Kunsill Ewropew ta' Salonka li sar f'Ġunju 2003, il-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet saħqu fuq l-importanza li fuq livell ta' UE jkunu żviluppati l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi u ta' informazzjoni dwar l-integrazzjoni biex jitgħallmu minn xulxin. Biex jirrispondu għal din is-sejħa, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni, li huma esperti mill-Istati Membri li jiltaqgħu flimkien b'mod regolari, iddeċidew li jħejju Ktejjeb ta' tagħrif ta' prassi tajba.

Jiena nilqa' minn qalbi l-pubblikazzjoni ta' din l-ewwel edizzjoni tal-ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni, li toffri varjetà ta' eżempji u ta' prattika għal integrazzjoni b'suċċess li tkun implimentata fl-Unjoni Ewropea. Il-ktejjeb ta' tagħrif jitfa' dawl fuq il-bosta proġetti u programmi differenti li jeżistu fl-Ewropa, kollha fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u joffri xi konklużjonijiet ġenerali u tagħlim li nkiseb. Nittama li dan il-ktejjeb ta' tagħrif se jkun ta' siwi għall-mexxejja u għall-persuni responsabbli fl-UE kollha. Se jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' qafas komuni Ewropew dwar l-integrazzjoni.

Jiena ċert li dan il-ktejjeb ta' tagħrif se jkun ta' ispirazzjoni kemm għal dawk li għandhom esperjenza ta' integrazzjoni ta' l-immigranti kif ukoll għal dawk li għadhom ġodda f'dan il-qasam u se jappoġġja l-għan komuni tagħna li jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet għall-isfidi ta' l-integrazzjoni.



Jonathan Faull
Direttur Ġenerali
DĠ għall-Ġustizzja,
il-Libertà u s-Sikurezza
Il-Kummissjoni Ewropea

Brussell, Novembru 2004



## Il-Kuntest

L-idea li jkun żviluppat ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni toriġina mill-Kunsill Ewropew ta' Salonka li sar f'Ġunju 2003, fejn il-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet kienu saħqu fuq l-importanza li jkunu żviluppati kooperazzjoni kif ukoll skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-grupp tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni, li ġie stabbilit reċentement. Bil-ħsieb li dan l-iskambju ta' informazzjoni jkun strutturat u biex jinkisbu xi riżultati konkreti li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimxu fuqhom meta jkunu qed jiżviluppaw u jippromwovu inizjattivi ta' politika għal integrazzjoni li jkollha aktar suċċess, kien deċiż li jiġi kkompilat ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni. L-għan ewlieni ta' dan il-ktejjeb ta' tagħrif huwa, għalhekk, li jservi bħala mutur għall-iskambju ta' l-informazzjoni u ta' l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri.

Dan il-ktejjeb ta' tagħrif tħejja għall-Kummissjoni Ewropea minn konsulent indipendenti, il-Grupp għall-Politika tal-Migrazzjoni, u kien żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni. Huwa bbażat fuq ir-riżultati ta' serje ta' seminars tekniċi li saru f'Kopenħagen (Frar 2004), f'Liżbona (April 2004) u f'Londra (Ġunju 2004). Dawn is-seminars, li kienu organizzati mill-ministeri responsabbli għall-integrazzjoni ta' dawn il-pajjiżi, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea u kienu ffaċilitati mill-Grupp għall-Politika tal-Migrazzjoni, laqqgħu flimkien lill-mexxejja u lill-persuni responsabbli, kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi, biex jiskambjaw l-informazzjoni u l-aħjar prattika fuq tliet kwistjonijiet: il-programmi ta' introduzzjoni, il-parteċipazzjoni fil-ħajja ċivika u politika u l-iżvilupp ta' l-indikaturi. It-tliet kapitoli tal-ktejjeb ta' tagħrif jirriflettu l-istruttura tas-seminars, b'kull wieħed minnhom jikkonċentra fuq wieħed minn dawn it-temi. Meta kien qed jitħejja kull seminar, u biex ikun hemm qafas għad-diskussjonijiet, il-Grupp għall-Politika tal-Migrazzjoni żviluppa serje ta' dokumenti dwar il-kwistjonijiet u abbozza wkoll id-dokumenti ta' konklużjoni għas-seminars. Dawn, imbagħad, kienu diskussi fil-grupp tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni taw kontribut kemm matul is-seminars kif ukoll waqt il-proċess tal-kumpilazzjoni tal-ktejjeb ta' tagħrif, permezz ta' eżempji ta' prattika tajba u ta' inizjattivi promettenti dwar l-integrazzjoni mill-pajjiżi rispettivi tagħhom. Flimkien, dawn l-elementi kollha kienu l-komponenti fundamentali essenzjali għal dan il-ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni.

Dan il-ktejjeb ta' tagħrif huwa maħsub għall-mexxejja u għall-persuni responsabbli. Min huma dawn u x'għandhom komuni li jista' jagħmel dan il-ktejjeb ta' tagħrif utli għat-tnejn? B'mod ġenerali, il-mexxejja jifformulaw l-għanijiet ġenerali dwar l-integrazzjoni, jagħmlu r-riżorsi disponibbli, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u jevalwaw ir-riżultati. Il-persuni responsabbli jbiddlu l-għanijiet dwar l-integrazzjoni fi programmi konkreti, jiffissaw il-miri u jwettqu l-attivitajiet biex dawn jintlaħqu. Mingħajr dubju, mhuwiex l-iskop ta' dan il-ktejjeb ta' tagħrif li jittratta l-formazzjoni tal-politika ġenerali ta' l-integrazzjoni. Lanqas mhu l-għan ta' ktejjeb ta' tagħrif Ewropew li joqgħod jidħol f'wisq dettalji biex jid-

deskrivi l-attivitajiet konkreti ta' programm. Għalhekk, dan il-ktejjeb ta' tagħrif juri l-aħjar prattika u joffri l-esperjenza li tkun inkisbet mill-prattika fl-Istati Membri fejn għandhom x'jaqsmu żewġ tipi ta' programmi ta' integrazzjoni, jiġifieri l-korsijiet ta' introduzzjoni għall-immigranti l-ġodda u għar-refuġjati rikonoxxuti (il-Kapitolu 1) u l-parteċipazzjoni ċivika (il-Kapitolu 2). Biex ikun hemm aktar informazzjoni dwar is-suċċess tal-programmi ta' integrazzjoni u biex jitkejlu r-riżultati ta' dawn, il-mexxejja u l-persuni responsabbli jistgħu jiżviluppaw indikaturi u livelli ta' referenza ta' l-integrazzjoni. L-użu ta' dawn fil-politika pubblika u fil-programmi ta' integrazzjoni se tiġi esplorata fil-Kapitolu 3.

Fuq il-bażi ta' dawn il-kapitoli, qed tkun proposta skema dwar kif l-għanijiet ta' l-integrazzjoni jistgħu jiġu tradotti fi programmi ta' integrazzjoni (l-Anness). L-iskema tista' tgħin lill-mexxejja u lill-persuni responsabbli biex jiċċaraw l-għanijiet tal-programmi ta' integrazzjoni, jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tagħhom u jkejlu l-kisbiet. B'dan il-mod, l-iskambju ta' prattika tajba se jkun iffaċilitat u se jagħti aktar frott. F'dawn it-tliet kapitoli l-aħjar prattika qed tkun deskritta fil-qosor. Meta jissemma pajjiż partikolari fejn għandha x'taqsam attività speċifika, dan ma jipprekludix il-fatt li l-prattika teżisti wkoll f'pajjiżi oħra. L-esperjenza li nkisbet mill-prattika hija enfasizzata fit-test kollu u terġa' tidher bħala konklużjoni fit-tmiem ta' kull Kapitolu.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li t-tagħlim miksub u r-rakkomandazzjonijiet li hawn f'dan il-ktejjeb ta' tagħrif għandhom jittieħdu bħala dak li huma: suġġerimenti għall-mexxejja u għall-persuni responsabbli u katalogu ta' ideat li jispiraw. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-iżvilupp ta' dan il-ktejjeb ta' tagħrif huwa maħsub li jkun proċess kontinwu, strument ħaj li mhux biss se jkun żviluppat gradwalment matul iż-żmien, iżda se jiġi aġġornat skond il-progress, l-iżviluppi l-ġodda, is-soluzzjonijiet u r-riżultati. It-tieni edizzjoni b'kapitoli ġodda hija għalhekk ippjanata għall-2006. It-tliet temi magħżula għal din l-ewwel edizzjoni tal-ktejjeb ta' tagħrif jirriflettu l-prijoritajiet li ġew identifikati fil-*Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Impjiegi*, iżda matul iż-żmien il-ktejjeb ta' tagħrif se jkopri l-oqsma tal-politika kollha li huma relatati ma' l-integrazzjoni, fosthom l-aspetti marbuta mad-djar, mall-kura tas-saħħa u mas-suq tax-xogħol.

Brussell, Novembru 2004



## Introduzzjoni

Fl-Unjoni Ewropea mkabbra kollha, fejn il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri huma affetwati mill-movimenti migratorji, l-integrazzjoni ta' l-immigranti qed toħloq ħafna dibattiti. Uħud mill-pajjiżi, minn pajjiżi ta' emigrazzjoni saru pajjiżi ta' immigrazzjoni u għall-ewwel darba qed jiffaċċjaw il-kwistjoni ta' l-integrazzjoni. Il-pajjiżi li għalihom l-immigrazzjoni mhix xi ħaġa ġdida jingħaqdu magħhom fl-attenzjoni li qed jiffokaw fuq l-immigranti l-ġodda, iżda dawn ukoll qed jissoktaw jippromwovu l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti residenti waqt li qed ibiddlu l-politika ta' qabel li jidher li ma kenitx ta' suċċess biżżejjed. Bħalma jiġri f'oqsma oħra ta' politika, id-diversità tal-metodi li kienu rrappreżentanti fl-Ewropa kollha tissuġġerixxi tweġibiet differenti għad-domanda ta' 'kif' tiġi promossa l-integrazzjoni. Il-kunċett u l-prattika ta' l-integrazzjoni jvarjaw mhux biss minħabba l-każijiet speċifiċi ta' l-immigrazzjoni. Reġimi differenti tal-politika u varjazzjonijiet fir-rwoli tal-gvern u tas-soċjetà ċivili wasslu għal metodi diverġenti dwar kif jiġu integrati l-immigranti u r-refuġjati l-ġodda. Eżempju ta' din id-diversità hija l-kwistjoni miftuħa dwar liema gruppi huma, jew għandhom ikunu, fil-mira tal-politika ta' integrazzjoni. Għat-termini 'immigranti' u 'minoranzi etniċi' qed jintużaw definizzjonijiet differenti. L-immigranti tat-tieni ġenerazzjoni jistgħu jiġu identifikati min-nazzjonalità tagħhom jew, jekk ikunu ċittadini, mill-post tat-twelid tal-ġenituri tagħhom. Storikament, l-Istati Membri l-ġodda enfasizzaw il-fatt li jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-minoranzi aktar milli l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Lanqas m'hemm ftehim dwar jekk 'l-immigranti', ikun xi jkun il-mod kif ikunu identifikati, għandhomx jitqiesu bħala grupp wieħed. Anzi, dawn jistgħu jitqiesu bħala individwi jew bħala membri ta' sottokategoriji speċifiċi, li jiġu definiti skond l-oriġini nazzjonali jew etnika, ir-reliġjon, is-sess, l-età jew ir-raġuni tal-wasla tagħhom (migranti ekonomiċi, refuġjati, jew membri tal-familja) jew skond il-ħiliet tagħhom (minn dawk b'livell għoli għal dawk b'livell baxx). Is-soċjetà kollha wkoll tista' tkun mira politika xierqa jekk l-integrazzjoni titqies bħala proċess lejn il-koeżjoni soċjali. Il-politika, mela, hija rispons għall-effetti ta' diżintegrazzjoni tal-bidla soċjali, ekonomika u kulturali mgħaġġla li għaddejjin minnha bħalissa l-parti l-kbira tas-soċjetajiet Ewropej u għandha fil-mira diversi gruppi fost il-popolazzjoni, kemm jekk għandhom sfond migratorju u kemm jekk le. Għalhekk, taħt l-intestatura ta' integrazzjoni wieħed jista' jsib taħlita ta' metodi ġenerali u speċifiċi li għandhom fil-mira tagħhom gruppi differenti u li jindirizzaw varjetà ta' kwistjonijiet.

Il-pajjiżi Ewropej kollha jżommu ma' l-istandards tad-drittjiet tal-bniedem u jaqsmu valuri bħalma huma l-ugwaljanza, l-anti-diskriminazzjoni, is-solidarjetà, il-ftuħ, il-parteċipazzjoni u t-tolleranza. Il-gvernjiet qed jinfluwenzaw lil xulxin fuq livelli differenti permezz ta' l-iskambji kontinwi ta' politika, li jwasslu għal ċertu grad ta' konverġenza fil-metodi, fl-għanijiet u fil-miri tal-politika, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali. Jeżistu ħafna affarijiet komuni fl-identifikazzjoni ta' l-oqsma jew tad-dimensjonijiet ċentrali ta' l-integrazzjoni. Filwaqt li definizzjoni unika u eżatta ta' integrazzjoni tista' tkun wisq limitata, l-identifikazzjoni tad-dimensjonijiet ċentrali ta'

l-integrazzjoni tista' sservi bħala 'definizzjoni operattiva' utli. L-għan ġenerali ta' l-integrazzjoni ħafna drabi jitqies li huwa l-awto-suffiċjenza: il-gvernijiet jippruvaw jagħtu l-possibbiltà lill-immigranti biex ikollhom ħajja indipendenti fejn jikkonċernaw id-dar, l-impjieg, l-edukazzjoni, in-netwerks soċjali u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà. L-ewwel *Rapport Annwali dwar l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni* tal-Kummissjoni juri li fl-Istati Membri kollha l-aċċess għas-suq tax-xogħol kif ukoll il-ħiliet tal-lingwa u livell suffiċjenti ta' edukazzjoni huma l-iktar għanijiet importanti biex tkun żgurata integrazzjoni ta' suċċess. Fuq livell Ewropew, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol hija l-qasam li għandha l-iktar għanijiet tal-politika li huma ddefiniti b'mod konkret, għaliex il-*Linji ta' Gwida dwar l-Istrateġija għall-Impjiegi* ta' l-2003 jipproponu li sa l-2010 għandu jkun hemm tnaqqis sostanzjali fid-differenza fil-livelli tal-qgħad bejn iċ-ċittadini ta' l-UE u dawk li mhumiex ċittadini ta' l-UE. Ix-xogħol iwassal għal kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar, kif jagħmel l-aċċess għal djar li wieħed jiflaħ iħallas għalihom u li jkunu ta' kwalità tajba. In-nuqqas ta' disponibilità, djar ta' kwalità baxxa u n-numru kbir ta' immigranti f'żoni urbani fqar huma problema kbira għall-parti l-kbira ta' l-Istati Membri. Din id-dimensjoni ta' l-integrazzjoni tixħet l-attenzjoni fuq il-politika lokali u urbana u fuq ir-rwol ċentrali ta' l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' integrazzjoni.

Waqt li l-attenzjoni fuq it-temi soċjo-ekonomiċi tkompli, il-gvernijiet ukoll qed jenfasizzaw dejjem aktar l-importanza ta' l-isfera soċjo-ekonomika, tad-dimensjonijiet personali ta' l-integrazzjoni, kif ukoll tal-frekwenza u ta' l-intensità ta' l-interazzjonijiet soċjali. Dan il-metodu jistipula l-ħtieġa li l-immigranti jkunu integrati fl-aspetti kollha tas-soċjetà, li jinkludu l-qasam ċiviku, dak kulturali u dak politiku. Barra minn hekk, il-kunċett ta' l-integrazzjoni bħala proċess f'żewġ direzzjonijiet jixħet l-attenzjoni fuq l-attitudnijiet tas-soċjetajiet riċeventi, fuq iċ-ċittadini, l-istrutturi u l-organizzazzjonijiet tagħhom bl-istess mod. Id-dimensjonijiet differenti ta' l-integrazzjoni huma interrelatati u r-riżultati f'qasam wieħed isaħħu lill-oħrajn. Per eżempju, l-impjiegi huma ta' siwi biex tkun żviluppata kompetenza lingwistika u kompetenza kulturali aktar wiesgħa, u biex ikunu stabbiliti rabtiet soċjali. Min-naħa tagħhom, ir-rabtiet soċjali jwessgħu l-opportunitajiet ekonomiċi. Il-lingwa hija utli fis-suq tax-xogħol minbarra li tipprovdi aktar opportunitajiet għall-edukazzjoni. Fl-istess waqt, tindika l-għarfien tal-popolazzjoni u tas-soċjetà ospitanti.

Il-politika ta' integrazzjoni tfittex li tikseb riżultati pożittivi għall-immigranti fl-oqsma ta' l-impjiegi, tad-djar, ta' l-edukazzjoni, tas-saħħa eċċ. L-immigranti u r-refuġjati l-ġodda u dawk residenti se jkunu jistgħu jiksbu aħjar dawn ir-riżultati jekk jiżviluppaw ċerti ħiliet, bħalma huma l-profiċjenza fil-lingwa u l-għarfien tas-soċjetà ospitanti. F'dan is-sens, il-programmi ta' introduzzjoni jgħinu lill-immigranti u lir-refuġjati l-ġodda biex jiksbu l-ħiliet ħalli jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà b'mod sħiħ. Fl-istess ħin, l-attenzjoni ffukata fuq l-adattament individwali u fuq kwistjonijiet ta' kapital uman trid tiġi komplementata b'enfasi fuq il-koeżjoni soċjali u fuq l-ugwaljanza f'soċjetajiet diversi. Id-domanda għall-ħiliet trid titqabbel ma' mekkaniżmi b'saħħithom biex ikunu jistgħu jiġu akkwistati dawn il-ħiliet u mall-possibbiltajiet biex dawn jintużaw. Is-soċjetà u l-istituzzjonijiet tagħha



jridu jkunu attivi biex ikunu miftuħa għall-immigranti. Mhux l-immigrant biss li jrid jikseb il-ħiliet, imma l-gvernijiet u l-partijiet soċjali wkoll iridu jiżguraw irwieħhom li jkun hemm opportunitajiet biżżejjed għal parteċipazzjoni fuq bażi ta' ugwaljanza u ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni. Li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb tar-responsabbiltà huwa kruċjali biex titfassal politika ta' integrazzjoni li tkun ġusta u effettiva.

Barra li hija relazzjoni bejn 'Stat' u 'immigrant individwali', l-integrazzjoni hija proċess fejn jeżistu sħubiji mill-qrib bejn livelli differenti ta' atturi governattivi u mhux governattivi, bħalma huma min iħaddem, l-unjins, l-organizzazzjonijiet reliġjużi, is-soċjetà ċivili, l-assoċjazzjonijiet tal-migranti, il-medja u l-NGOs li jappoġġjaw lill-immigranti. Per eżempju, il-mexxejja politiċi għandhom responsabbiltà kbira fir-rwol tagħhom bħala edukaturi pubbliċi u fil-promozzjoni ta' attitudni pożittiva lejn l-immigranti ħalli jkunu miġġielda t-tendenzi ksenofobi u razzisti. Min iħaddem jista' jagħti aċċess għall-impjiegi, jipprovdi t-taħriġ fil-ħiliet u t-tagħlim tal-lingwi, joffri t-taħriġ tal-bidu, jiffaċilita l-aċċess għad-djar, u jinforma lid-dibattitu pubbliku dwar il-benefiċċji ekonomiċi ta' l-immigrazzjoni. Il-medja wkoll għandha rwol importanti biex tipprovdi rappurtaġġ ibbilanċjat u tinforma l-attitudnijiet tal-pubbliku dwar l-immigranti u r-refuġjati l-ġodda. L-onestà u l-viċinat tajjeb min-naħa tal-pubbliku huma ingredjenti essenzjali ta' integrazzjoni b'suċċess u dawn jistgħu jiġu mħeġġa permezz ta' programmi ta' volontarjat. L-integrazzjoni hija responsabbiltà komuni u tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' ħafna atturi.

Il-parteċipazzjoni attiva ta' l-immigranti tiddependi mid-drittijiet u mill-obbligi li gradwalment qed isiru konformi ma' dawk taċ-ċittadini. L-aċċess għall-istituzzjonijiet, għas-servizzi u għall-mezzi ta' parteċipazzjoni ċivili joħloq il-kundizzjonijiet biex il-migranti jkunu jistgħu jeżerċitaw ċittadinanza attiva. Il-ftuħ ta' ħajja assoċjattiva, li tvarja minn klabbs sportivi għal partiti politiċi, hija deċiżiva għar-riżultat tal-proċess. L-organizzazzjonijiet tat-tipi kollha jeħtieġ li jagħtu viżibilità lir-realtajiet interkulturali billi tiġi applikata politika ta' opportunitajiet indaqs, billi jitħaddmu l-migranti fil-livelli kollha, u billi jkun hemm kooperazzjoni ma' l-assoċjazzjonijiet tal-migranti. L-organizzazzjonijiet tal-migranti wkoll huma msieħba ewlenija fl-eżerċizzju ta' gvern parteċipattiv. Id-deċiżjonijiet politiċi, speċjalment fuq livell lokali, jaffetwaw lir-residenti li mhumiex ċittadini, li jistgħu jipparteċipaw permezz ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni differenti. Fl-istess waqt, il-migranti jistgħu jiġu mħeġġa jiksbu n-naturalizzazzjoni.

## X'hemm bżonn biex il-prattika tajba tinqasam

Definizzjoni possibbli ta' l-aħjar prattika tista' tkun: metodi li permezz ta' riċerka u evalwazzjoni ntwera li kienu effettivi u sostenibbli u li pproduċew riżultati eċċellenti, u li jistgħu jiġu applikati fi, u jkunu adattati għal, sitwazzjoni differenti.

- Wieħed jista' jitgħallem kemm minn prattika tajba u kemm minn prattika ħażina
- Il-parti l-kbira tal-prattiċi għandhom elementi ta' punti tajba u oħrajn ta' punti dgħajfa
- L-ebda prattika ma tista' tirrepeti ruħha għal kollox
- Il-prattika kollha jeħtieġ li tkun adattata għaċ-ċirkostanzi lokali

## Id-dokumentazzjoni dwar l-aħjar prattika jeħtieġ li tindika

- X'kienet il-problema li kienet indirizzata mill-prattika u min identifika l-problema?
- Min beda l-prattika u min kien involut?
- Kif żviluppat il-prattika u x'kienu l-istadji?
- X'kienu l-konsegwenzi pożittivi u/jew negattivi?
- X'inhi l-vijabilità finanzjarja għal perjodu twil ta' żmien?
- L-effikaċja: l-impatt tal-prattika
- L-effiċjenza: il-proporzjon ta' l-impatt ma' l-ispiża
- Is-sostenibilità: l-impatt li jdum u r-replikabilità
- L-aspetti ta' barra: jiġifieri kwalunkwe impatt pożittiv u negattiv tal-prattika li ma kienx maħsub fuq dawk li mhumiex il-benefiċjarji immedjati
- Ir-rilevanza: xi tfisser il-prattika għall-grupp ikkonċernat





Kapitolu 1

# L-introduzzjoni ta’ immigranti ġodda u ta’ refuġjati rikonoxxuti





**Dan il-kapitolu jagħti ħarsa lejn it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' introduzzjoni. Permezz ta' programmi ppjanati sew u mgħammra bir-riżorsi meħtieġa, il-parteċipanti jistgħu jitgħallmu l-lingwa, jistabbilixxu rabtiet mas-suq tax-xogħol u jiksbu għarfien dwar is-soċjetà ospitanti. Il-gvernijiet jistgħu jaħdmu ma' l-awtoritajiet lokali, ma' l-imsieħba soċjali u mal-NGOs bħala msieħba u jevalwaw regolarment il-programmi biex ikun hemm sforz ta' suċċess għall-introduzzjoni.**

L-integrazzjoni hija proċess li jdum diversi snin, f'ħafna każijiet li jmur lil hinn min-naturalizzazzjoni jew fit-tieni jew fit-tielet ġenerazzjoni. L-impenn isaħħaħ il-proċess meta s-soċjetajiet riċeventi jidħlu biex jilqgħu lill-immigranti u jipprovdulhom l-opportunitajiet biex isiru familjari mal-lingwa, mall-valuri bażiċi u mad-drawwiet u meta, min-naħa tagħhom, l-immigranti juru determinazzjoni li jsiru parti mis-soċjetà riċeventi.

Il-programmi ta' introduzzjoni huma investiment fil-futur li kemm l-immigrant kif ukoll is-soċjetà għandhom ikunu lesti li jagħmlu. Dawn jagħtu lill-immigranti bidu li jagħtihom il-possibbiltà li jakkwistaw ħiliet vitali biex isiru awto-suffiċjenti u għalhekk l-isforz ma jkunx moħli. Il-profitti mill-investiment għas-soċjetà huma li l-immigranti jsiru ċittadini li huma mgħammra bl-aħjar mod u kapaċi jagħtu kontribut lis-soċjetà.

L-istadji bikrin ta' residenza ta' immigrant fil-pajjiż riċeventi huma ta' importanza partikolari. Uħud mill-gvernijiet nedew programmi ta' introduzzjoni għall-fażi bikrija tar-residenza ta' migrant. Il-programmi ta' introduzzjoni ġeneralment jikkonsistu minn tliet komponenti ewlenin: it-tagħlim tal-lingwa, l-orjentazzjoni ċivika u t-taħriġ professjonali dwar is-suq tax-xogħol.

Eżempju ta' programm ta' introduzzjoni ġej mill-belt ta' Gent (fil-Belġju), li għandha servizz muniċipali ta' integrazzjoni, li ġie ffinanzjat mill-Belt u fil-parti l-kbira mill-Komunità Fjamminga (taħt l-intestaturi ta' politika urbana u ta' integrazzjoni). Il-programm ta' lqugħ ta' Gent ipoġġi fil-prattika l-leġiżlazzjoni Fjamminga (ta' l-2003, implimentata mill-1 ta' April 2004) li tinkludi korsijiet ta' introduzzjoni għall-membri tal-familji li jkunu għadhom kif waslu, għall-migranti regolarizzati, għar-refuġjati rikonoxxuti, għall-vittmi tat-traffikar u għall-minuri. Il-leġiżlazzjoni tkopri wkoll lil persuni li jkunu qed ifittxu kenn politiku u li jkunu laħqu ċertu livell fil-proċess ta' determinazzjoni fejn it-talba tagħhom qed tiġi eżaminata bir-reqqa. Għal uħud mill-gruppi, il-korsijiet ta' introduzzjoni huma obbligatorji. Il-programm ta' introduzzjoni jinkludi t-tagħlim ta' l-Olandiż (sa 1200 siegħa fuq erba' livelli, li minnhom 120 jingħataw fiċ-ċentru stess) u 75 siegħa ta' tagħlim dwar l-'orjentazzjoni tas-soċjetà'. Il-korsijiet dwar l-'orjentazzjoni tas-soċjetà' jinkludu moduli dwar kwistjonijiet prattiċi u amministrattivi u jipprovdu tagħrif dwar kif wieħed jikseb aċċess għall-attivitajiet kulturali u soċjali. F'Gent, dawn il-korsijiet isiru bit-Tork, bl-Għarbi, bil-Franċiż, bl-Ingliż, bir-Russu, bl-Ispanjol, bil-Persjan, bl-Albaniż, bis-Somali kif ukoll bl-Olandiż. Flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra, il-belt qed tipprova toffri wkoll programm ta' lqugħ individwali 'magħmul apposta għall-individwu', li jinkludi gwida dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ. Bħalissa hemm madwar 500 immigrant u refuġjat adult ġdid li qed isegwu l-programm ta' introduzzjoni.

Kuntatt: www.gent.be/integratiedienst/, Kom-Pas Centre: kom.pas@gent.be



## 1.1 It-tfassil tal-programmi

Li jkunu offruti korsijiet fuq livelli differenti, fejn jintużaw formati differenti u b'firxa ta' metodi ta' tagħlim, jista' jgħin biex l-immigranti bi sfondi edukattivi differenti jew b'għarfien preċedenti tal-pajjiż u b'lingwa differenti jiksbu taħriġ fil-lingwa li jkun suċċess. Dan iwassal għal kwalifiki li jistgħu jintużaw. Idealment, il-programmi jaħsbu biex il-korsijiet ikunu segwiti minn testijiet ħalli l-livell tat-tagħlim tal-parteċipanti jiġi validat.

### It-taħriġ fil-lingwa

Speċjalment f'pajjiżi fejn l-immigranti u r-refuġjati l-ġodda m'għadx għandhom għarfien tal-lingwa lokali minħabba rabtiet kolonjali jew ta' xorta oħra, it-tagħlim tal-lingwa jkun iċ-ċentru ta' l-isforzi ta' introduzzjoni li jsiru mill-gvernijiet. Il-korsijiet ġeneralment huma mmirati lejn adulti li huma legalment residenti li m'għandhomx għarfien biżżejjed tal-lingwa jew tal-lingwi uffiċjali. Għalkemm il-gvernijiet joffru ħafna riżorsi għall-programmi tal-lingwa, ħafna huma inkwetati li ma ntlaħqux l-aħjar riżultati.

Ħafna drabi l-parteċipanti jitqassmu f'livelli differenti tat-taħriġ fil-lingwa. Fl-Iżvezja, il-ħiliet lingwistiċi tal-parteċipanti jiġu evalwati biex dawn jitqassmu f'erba' livelli (żewġ livelli jintużaw biex jiddistingwu lil dawk il-parteċipanti li għandhom sfond akkademiku). Fil-korsijiet ta' integrazzjoni li huma provduti taħt il-liġi Ġermaniża dwar l-immigrazzjoni ta' l-2004, l-allokazzjoni tal-klassi se tirrifletti l-ħiliet lingwistiċi u l-esperjenzi edukattivi li wieħed kellu qabel. Bil-kontra, il-grupp migratorju li l-parteċipant ikun membru tiegħu mhux se jibqa' rilevanti aktar biex wieħed ikun allogat fi klassi għat-tagħlim tal-lingwa, kif kien jiġri fl-imgħoddi. Ħafna pajjiżi joffru klassijiet separati ta' qari u kitba – ġeneralment b'tagħlim aktar intensiv – u korsijiet speċjali għall-migranti żgħażagħ. Ħafna drabi, il-korsijiet jispiċċaw b'test fil-lingwa. Fid-Danimarka, per eżempju, il-korsijiet u t-testijiet tal-lingwa huma relatati mal-livelli tal-'Qafas Komuni ta' Referenza Ewropew għall-Ilsna: It-tagħlim, l-istruzzjoni, il-valutazzjoni' (CEFR) tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Ikun utli ħafna għall-parteċipanti meta ċ-ċertifikati tal-kors ikunu ta' format magħruf minn min iħaddem u minn istituzzjonijiet edukattivi oħra biex il-parteċipanti jkollhom aċċess għal aktar opportunitajiet tas-suq tax-xogħol jew ta' taħriġ. Il-kontenut u l-metodi tat-tagħlim għandhom jitfasslu fid-dawl ta' dawn l-opportunitajiet.

Evalwazzjoni Ġermaniża tal-korsijiet tat-tagħlim tal-lingwa li kienet ikkummissjonata mill-Ministeru ta' l-Intern tiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li t-tagħlim u t-tisħiħ tal-ħiliet tal-kitba tal-lingwa huma kruċjali, għaliex biex wieħed ikun jista' jimxi fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol Ġermaniż għandu jiffoka fuq is-sitwazzjonijiet pubbliċi u tax-xogħol, fejn il-migrant x'aktarx li jkollu bżonn għarfien tal-lingwa Ġermaniża.





## Il-kontenut vokazzjonali tal-korsijiet ta' introduzzjoni

L-aħjar prattika tissuġġerixxi li l-korsijiet ta' introduzzjoni jitfasslu b'mod flessibbli, fejn ikun hemm lok għal tagħlim tal-lingwa b'mod parallel għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, aktar milli wieħed joqgħod jistrieħ fuq mudelli strettament sekwenzjali ta' tagħlim tal-lingwa, ta' taħriġ vokazzjonali u ta' edukazzjoni ogħla. Idealment, il-korsijiet jintegraw it-taħriġ fil-lingwa ma' dak vokazzjonali waqt li jivvalidaw il-ħiliet eżistenti.

Jekk l-awto-suffiċjenza hija l-għan tal-programmi ta' introduzzjoni, li tkun stabbilita rabta mill-qrib mas-suq tax-xogħol trid tkun ċentrali għat-tfassil tagħhom. Mall-wasla tagħhom, ħafna parteċipanti mhux se jkollhom affiljazzjonijiet mas-suq tax-xogħol, jekk ikunu daħlu permezz ta' l-iskemi għar-reunifikazzjoni tal-familja jew bħala refuġjati. L-għajnuna għat-tiftix tax-xogħol, iċ-ċentri tal-konsulenza professjonali, il-kuntratti ta' sħubija u t-taħriġ vokazzjonali kollha jistgħu jkunu parti mill-programmi ta' introduzzjoni, li jiġu offruti flimkien jew li jkunu integrati mat-tagħlim tal-lingwa. Per eżempju, fid-Danimarka it-taħriġ dwar is-suq tax-xogħol jista' jinkludi edukazzjoni mifruxa tul perjodu qasir ta' żmien, taħriġ fil-post tax-xogħol jew reklutaġġ b'sussidju fuq il-paga. L-immigrant jew ir-refuġjat jista' jkun offrut ukoll kunsillier biex jappoġġja l-iżvilupp tal-kwalifiki soċjali, lingwistiċi u vokazzjonali tiegħu jew tagħha.

Programmi kombinati ta' impjieg u lingwa ħafna drabi jkunu ta' siwi, speċjalment għaliex il-parteċipanti jiksbu benefiċċju mit-tagħlim tal-lingwa fejn jitqiegħed fil-kuntest tax-xogħol jew tat-taħriġ. L-immigranti u r-refuġjati l-ġodda jilħqu l-għanijiet aktar malajr jekk jitħallew jagħmlu ħafna affarijiet f'daqqa; għalhekk, il-programmi għandhom jit-mexxew b'mod parallel aktar milli b'mod sekwenzjali. Per eżempju, fl-Olanda l-programmi b'mogħdija doppja jikkonsistu minn kombinazzjoni ta' lingwa Olandiża ma' element ieħor (jiġifieri appoġġ fit-trobbija tat-tfal, xogħol, taħriġ vokazzjonali, impjiegi volontarji jew attivitajiet soċjali). B'mod partikolari, dawk li jkollhom taħriġ professjonali u/jew esperjenza tal-ħajja tax-xogħol preċedenti jistgħu jirċievu introduzzjoni li tkun orjentata lejn ix-xogħol u li tkun fil-qasam professjonali tagħhom. B'dan il-mod, il-kontenut tal-programm jista' jappoġġja b'mod attiv id-dħul ta' l-individwu fis-suq tax-xogħol kif ukoll jiffaċilita t-tagħlim tal-lingwa lokali.

Biex tinżamm il-motivazzjoni tal-parteċipanti, għandu jkun evitat li l-persuni jkollhom jitgħallmu dejjem l-istess affarijiet. Il-korsijiet ta' introduzzjoni għandhom iservu biex kull immigrant ġdid jitħalla jagħmel użu mill-potenzjal kollu tiegħu jew tagħha fis-suq tax-xogħol, biex b'hekk ma jkunx hemm ħela ta' riżorsi umani vitali.

Metodi dinamiċi ta' kif ikunu vvalutati l-ħiliet ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda, li wieħed jistrieħ inqas fuq kriterji formali u li jingħata valur lil tipi differenti ta' esperjenza, huma utli l-aktar għat-tisħiħ ta' l-esperjenza u ta' l-għarfien li jkunu nkisbu fil-pajjiż ta' l-oriġini.





Fil-Finlandja, il-proġett SPECIMA, li huwa ffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (ESF), għandu fil-mira tiegħu dawk l-immigranti li għandhom grad akkademiku jew grad ieħor ta' l-edukazzjoni ogħla. Il-proġett jipprova jidentifika esperti motivati, jiddetermina l-livell ta' għarfien li jkollhom, u jpoġġihom f'kumpaniji u f'organizzazzjonijiet Finlandiżi. Il-miżuri li huma assoċjati ma' dan jinkludu r-rikonoxximent tal-gradi, it-taħriġ issoktat, l-akkwist tal-kwalifiki kif ukoll in-netwerking. **www.mol.fi/migration/**

Fl-2003, il- fondi tal-gvern Żvediż kienu ggwidati lejn it-taħriġ fis-suq tax-xogħol għall-persuni b'edukazzjoni post-sekondarja barranija f'oqsma fejn kien hemm nuqqas ta' staff (ħaddiema tal-kura tas-saħħa u tal-kura medika, għalliema, teknoloġisti u xjenzati), kif ukoll biex l-immigranti qiegħda jkunu jistgħu jitħarrġu bħala infermieri. L-għan ta' dan ta' l-aħħar kien li tintlaħaq il-ħtieġa għal ħaddiema bilingwi fil-kura primarja kif ukoll fil-kura ta' l-anzjani.

Ir-rati ta' dawk li jħallu l-programmi ta' introduzzjoni huma għolja ħafna ħafna drabi għaliex il-parteċipanti jsibu impjieg qabel ma jkunu temmew il-kors. Madankollu, ħafna gvernijiet huma mħassba li impjiegi ta' din ix-xorta jistgħu jinvolvu ħiliet ta' livell baxx u li, meta wieħed iqis in-nuqqas ta' sigurtà fl-impjiegi f'dan il-qasam ta' l-ekonomija, l-immigranti jista' jkollhom jerġgħu jiddependu fuq il-ħarsien soċjali, jekk dawn ma jkollhomx il-ħiliet biex jiksbu pożizzjoni kwalifikata. Soluzzjoni aħjar tista' tkun li l-forma u l-kontenut tal-programmi ta' introduzzjoni jkunu adattati għall-immigranti li jkunu diġà qed jaħdmu. Per eżempju, id-Danimarka qed tiżviluppa programmi ta' tagħlim tal-lingwa li huma bbażati fuq l-IT sabiex dawn jistgħu jiġu segwiti mid-dar ħalli t-tagħlim tal-lingwa ma jkunx ta' tfixkil għat-taħriġ fix-xogħol. Il-korsijiet jistgħu jsiru wkoll fl-intrapriża pubblika jew privata fejn il-parteċipant ikun qed jieħu t-taħriġ tax-xogħol jew ikun qed jaħdem, jew fl-istituzzjoni edukattiva pubblika fejn il-parteċipant ikun qed jirċievi aktar edukazzjoni.

Li jkunu offruti korsijiet part-time, korsijiet ta' tagħlim mill-bogħod jew ta' tagħlim elettroniku u mudelli simili jagħti l-opportunità lill-parteċipanti biex ikomplu jsegwu l-programmi ta' introduzzjoni waqt li fl-istess ħin ikunu qed jaħdmu.

F'diversi pajjiżi, il-muniċipalitajiet li jorganizzaw programmi ta' introduzzjoni jagħmlu wkoll pjanijiet tax-xogħol individwali u jallokaw korsijiet skond il-ħtiġiet tal-persuna. Għalkemm l-għan huwa dejjem li jinstabu l-aktar programmi adattati għal kull persuna, mhux dejjem ikun possibbli li tkun offruta l-gamma sħiħa ta' servizzi li jkunu meħtieġa għal taħriġ immirat għall-individwu. Dan jiġri partikolarment f'żoni b'densità aktar baxxa ta' popolazzjoni.

L-ippuljar tar-riżorsi jagħti l-opportunità lill-muniċipalitajiet ġirien biex joffru tipi differenti ta' korsijiet. Dan jagħmilha wkoll possibbli biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jgħixu f'muniċipalità waħda u jitħarrġu jew jaħdmu f'oħra, biex b'hekk ikun evitat li jintilfu l-kuntatti jew in-netwerks tal-familja f'każ ta' ċaqliq.





## Il-kontenut ċiviku tal-korsijiet ta' introduzzjoni

Idealment, il-korsijiet ta' introduzzjoni jwasslu l-messaġġ ta' soċjetà li taf tagħti merħba u li tagħti inċentivi lill-immigrant u lir-refuġjat il-ġdid biex dan/din iħossu/tħossha responsabbli għall-komunità li sejjer jew sejra jgħix/tgħix fiha.

Barra l-lingwa, il-korsijiet ta' introduzzjoni ħafna drabi jisħqu fuq l-importanza ta' l-'orjentazzjoni soċjali' u li l-immigranti jingħataw tagħrif dwar kif taħdem is-soċjetà u dwar il-valuri tagħha. Il-korsijiet jistgħu jkopru l-elementi fundamentali tal-kostituzzjoni, bħalma huma r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għad-demokrazija, u kif taħdem is-sistema politika, inklużi l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni politika u fis-soċjetà ċivili. L-orjentazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u dwar id-drittijiet tat-tfal huma komponenti importanti ta' bosta programmi.

F'bosta pajjiżi, l-elementi prattiċi jitqiesu wkoll bħala li huma importanti. Per eżempju, il-programm ta' integrazzjoni ta' l-Olanda jinkludi korsijiet biex il-parteċipanti jiffamiljarizzaw irwieħhom mas-sistemi tal-kura tas-saħħa, ta' l-edukazzjoni u tal-ħarsien soċjali ta' l-Olanda, kif ukoll mad-drawwiet nazzjonali. Il-korsijiet ippjanati dwar iċ-ċittadinanza fir-Renju Unit se jinkludu tagħrif dwar kif wieħed jista' jikseb is-servizzi, kif wieħed ikollu aċċess għas-suq tax-xogħol, għarfien tal-gruppi tal-komunità u tal-gruppi ta' twemmin differenti fir-Renju Unit, u dwar in-normi tas-soċjetà.

Fejn għandhom x'jaqsmu l-valuri, ta' min jirrikonoxxi li l-popolazzjoni residenti wkoll hija differenti sew f'termini ta' valuri u ta' mġieba, u mhux dejjem tilħaq l-istandards li jiġu ppreżentati lill-immigranti.

Introduzzjoni għall-valuri l-aħjar li tiġi definita bħala sforz komuni fejn, kemm l-immigranti u r-refuġjati l-ġodda u kemm is-soċjetà riċeventi jagħmlu ħilithom biex jilħqu l-istandards stabbiliti min-normi u mir-regoli tal-pajjiż.

Kif jiddaħħal il-kontenut ċiviku fit-tfassil tal-programmi ta' introduzzjoni? Jista' jkun il-każ li l-gvernijiet ikunu jixtiequ jpoġġu l-orjentazzjoni ċivika fil-bidu tat-trajettorja tal-kors ta' l-immigrant, aktar milli jħalluha għal stadju aktar tard meta l-kompetenzi tal-lingwa tiegħu jew tagħha għandhom ikunu aktar adattati għal materjal kompless. Mill-banda l-oħra, uħud mill-gvernijiet għandhom l-għan li jgħaqqdu l-kontenut ċiviku mat-tagħlim tal-lingwa, peress li dan jista' jkun kontenut rilevanti u interessanti għall-klassijiet tat-taħriġ ta' l-adulti. Fl-Awstrija, ma jeżisti l-ebda 'grupp' ta' korsijiet speċjali dwar temi soċjali li jkunu koperti fit-taħriġ fil-lingwa. Il-liġi Ġermaniża dwar l-immigrazzjoni ta' l-2004 tipprevedi korsijiet ta' integrazzjoni li jinkludu kors bażiku u ieħor avvanzat fil-lingwa (kull wieħed ta' 300 siegħa u t-tnejn idumu madwar sena) li jkunu segwiti minn kors ta' orjentazzjoni ta' 30 siegħa dwar is-sistema legali, il-kultura u l-istorja tal-Ġermanja. Il-korsijiet tat-tagħlim tal-lingwa u ta' l-orjentazzjoni jinkludu test finali.



Fi Frankfurt, kors ta' 600 siegħa dwar il-lingwa jsir wara kors ta' orjentazzjoni ta' 40 siegħa fil-belt. Dan jinkludi dawra bis-sistema ta' trasport ta' taħt l-art (l-*underground*), mixja mall-belt u żjara lill-amministrazzjoni muniċipali, kif ukoll informazjoni dwar l-istituzzjonijiet u dwar is-sistema legali Ġermaniża. Il-kors jiġi offrut fi tmien lingwi u jkun mgħallem minn migranti residenti fil-lokal.

Kuntatt: L-Uffiċċju għall-Affarijiet Multikulturali, Frankfurt, www.stadt-frankfurt.de/amka/

## 1.2 Jitlaqqgħu l-ambizzjonijiet u r-riżorsi

Dak li l-gvernijiet jitolbu mill-immigranti u mir-refuġjati l-ġodda għandu jiġi bbilanċjat mad-disponibilità sostnuta u mall-kwalità tal-programmi ta' introduzzjoni.

Waqt li l-format tal-korsijiet ta' introduzzjoni u n-numru ta' sigħat previsti jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor, ġeneralment il-korsijiet ta' introduzzjoni jeħtieġu riżorsi u kapaċitajiet amministrattivi kbar. Dan huwa l-każ speċjalment fejn il-programmi jkollhom l-għan li jqabblu l-ħiliet u l-ħtiġiet ta' l-individwi bl-aktar mod preċiż possibbli. Barra milli jipprovdu l-korsijiet, il-gvernijiet jappoġġjaw finanzjarjament lill-parteċipanti matul il-programmi ta' orjentazzjoni *full-time*. Ħafna drabi, l-għan huwa li jkun hemm forma ta' kumpens li tkun tixbaħ kemm jista' jkun lil salarju. Per eżempju, fid-Danimarka l-programm ta' introduzzjoni huwa b'xejn, u l-immigranti jew ir-refuġjati li ma jistgħux imantnu lilhom infushom bix-xogħol jew permezz tal-familja għandhom id-dritt li jirċievu benefiċċju ta' introduzzjoni. Il-programm ta' tliet snin jinkludi korsijiet fid-Daniż, korsijiet dwar il-kultura u s-soċjetà Daniża kif ukoll dwar l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, u għandu ambitu ta' mill-inqas madwar 37 siegħa fil-ġimgħa. Fl-Iżvezja, il-perjodu ta' introduzzjoni ġeneralment idum sa sentejn u jinkludi medja kkalkulata ta' madwar 525 siegħa ta' tagħlim fil-lingwa Żvediża u ta' tħejjijiet għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Fil-Finlandja, bħalissa qed ikun previst li l-perjodu ta' integrazzjoni jkun estiż għal iktar minn tliet snin għal ċerti immigranti bħall-persuni morda, l-ommijiet bi tfal żgħar, il-persuni bi bżonnijiet ta' għajnuna fil-qari u fil-kitba, u għal uħud miż-żgħażagħ. Anki dawk il-korsijiet ta' introduzzjoni li jkollhom ambitu aktar moderat dejjem jimplikaw li jkunu impenjati r-riżorsi. Il-listi ta' stennija ħafna drabi huma problema u dawk li jkunu jixtiequ jattendu mhux dejjem ikunu assenjati kors.

Fl-istess ħin, uħud mill-pajjiżi qed jagħmlu l-attendenza għall-korsijiet bħala waħda obbligatorja u qed jużaw sanzjonijiet li jkunu marbuta mat-tiġdid tal-permessi tar-residenza jew mal-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali. Fid-Danimarka, il-benefiċċju ta' introduzzjoni jitnaqqas jekk parteċipant ma jattendix il-programm tiegħu jew tagħha mingħajr raġuni aċċettata. Fl-Awstrija u taħt is-sistema Olandiża li għad trid tiddaħħal, il-parteċipanti iħallsu għall-korsijiet, bil-possibbiltà li jingħataw il-flus lura (b'mod parzjali) meta dawn itemmu l-korsijiet b'suċċess. Il-liġi Ġermaniża dwar l-immigrazzjoni ta' l-2004 tipprevedi sanzjonijiet possibbli jekk ma jkunx hemm attendenza u kontribuzzjoni finanzjarja mill-





parteċipanti, li hija prevista li tkun ta' madwar 1 Euro fis-siegħa. Dawk li jirċievu l-ħarsien soċjali huma eżentati. Fi Franza rekord tajjeb ta' attendenza jiffaċilita l-proċess tan-naturalizzazzjoni. L-istrateġiji ma jistgħux jiddependu (biss) fuq is-sanzjonijiet, iżda wkoll fuq inċentivi li jippremjaw l-attendenza u t-tlestija tal-korsijiet.

Il-programmi obbligatorji u l-użu ta' sanzjonijiet u/jew inċentivi għandhom ikunu evalwati wara ċertu żmien biex ikun stabbilit jekk dawn issaħħux il-kwalità tal-korsijiet u jżidux l-attendenza jew le.

Fejn il-korsijiet ikunu bla ħlas, in-nefqa konsiderevoli tqajjem kontroversja fil-gvern u d-dipartimenti responsabbli jkunu taħt pressjoni biex juru kemm it-taħriġ fil-lingwa għall-immigranti jkun verament ta' benefiċċju ekonomiku u soċjali għal perjodu twil ta' żmien. Fl-Istati Membri l-ġodda, l-implikazzjonijiet baġitarji ta' l-attivitajiet ta' introduzzjoni huma ferm aktar importanti milli fl-UE-15, u għal dan il-għan jistgħu jiġu esplorati l-kontribuzzjonijiet minn sorsi esterni jew minn sorsi Komunitarji. Fil-futur, jista' jkun hemm aktar diskussjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet mis-settur privat.

L-aħjar prattika tissuġġerixxi li l-programmi għandhom ikunu aċċessibbli, li wieħed jiflaħ iħallas għalihom u ta' kwalità għolja, u li l-impatt tagħhom għandu jkun ivvalutat regolarment.

Fejn fil-korsijiet ta' introduzzjoni jkunu inklużi miżuri dwar is-suq tax-xogħol, il-gvernijiet qed ikunu ffaċċjati bi sfidi tassew kbar fejn għandha x'taqsam l-implimentazzjoni. Mhux dejjem jistgħu jkunu offruti programmi ta' korsijiet individwalizzati. Xi drabi l-programmi ta' introduzzjoni joffru soluzzjonijiet uniformi, għalkemm dawn għandhom jiġu adattati skond l-isfond edukattiv u l-prospetti tas-suq tax-xogħol ta' kull persuna. Għal uħud mill-pajjiżi b'numru akbar ta' wasliet jew b'inqas riżorsi, jistgħu jkunu aktar adattati 'ċentri ta' informazzjoni' miftuħa, fejn l-immigranti jistgħu jirċievu gwida individwali u fejn jistgħu jiddiskutu 'pjani ta' integrazzjoni' speċifiċi mingħajr ma jidħlu fi proċess kompless ta' kif dawn ikunu segwiti.

Bħala alternattiva għall-korsijiet komprensivi dwar 'l-orjentazzjoni ċivika', il-pajjiżi jistgħu joffru korsijiet ta' ġurnata bħalma huma l-'ġranet ta' taħriġ ċiviku' Franċiżi, li jifformaw parti mill-impenn ta' l-Istat fil-qafas ta' 'kuntratt ta' integrazzjoni'. Jum ta' taħriġ ċiviku jkopri d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji u l-valuri ewlenin ta' Franza kif ukoll l-istituzzjonijiet Franċiżi. Hemm ukoll jum ta' informazzjoni dwar il-ħajja fi Franza, li jindirizza t-temi tas-saħħa, ta' l-iskejjel, tad-djar, tat-taħriġ u ta' l-impjiegi. Dawn il-korsijiet ta' ġurnata jsiru fl-erba' lingwi ta' l-oriġini ewlenin tal-migranti li jkunu marru fi Franza.

Fil-Portugall, il-modulu dwar iċ-ċittadinanza fi ħdan il-programm nazzjonali 'Il-Portugall Joffri Kenn' (*Portugal Shelters*) idum 12-il siegħa. Dan jippromwovi l-eżerċizzju ta' ċittadinanza attiva u huwa maqsum fi tliet unitajiet ta' taħriġ: 'il-korpi individwali, il-korpi



ta' l-Istat u l-korpi intermedji' (4 sigħat), 'opportunitajiet u trattament indaqs fl-aċċess għax-xogħol, fl-impjiegi u fit-taħriġ professjonali' (6 sigħat) u 'forom ta' aċċess għall-informazzjoni' (sagħtejn).

Barra li jvarjaw fin-numru ta' sigħat, jistgħu jiġu offruti livelli differenti ta' introduzzjoni għal kategoriji speċifiċi ta' migranti. Il-gruppi ewlenin li huma kkonċernati mill-programmi ta' introduzzjoni dwar l-integrazzjoni jinkludu l-immigranti b'residenza legali li jkollhom il-prospettiva li jibqgħu fil-pajjiż u r-refuġjati rikonoxxuti li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Fejn ikun xieraq u skond il-politika ta' integrazzjoni nazzjonali, il-gruppi konċernati mill-programmi ta' introduzzjoni dwar l-integrazzjoni jistgħu jiġu estiżi għal gruppi oħrajn bħalma huma l-migranti ta' l-UE, l-immigranti temporanji, il-benefiċjarji tal-ħarsien sussidjarju, il-persuni li jfittxu kenn politiku, l-immigranti li jkunu ilhom stabbiliti, iċ-ċittadini li jirritornaw, kif ukoll il-minoranzi etniċi jew nazzjonali. Minħabba n-nuqqas ta' riżorsi, il-korsijiet ta' integrazzjoni ġeneralment se jibqgħu aċċessibbli l-aktar għall-migranti permanenti u għar-refuġjati rikonoxxuti. Madankollu, il-migranti temporanji wkoll jistgħu jeħtieġu xi informazzjoni inizjali u bażika dwar is-soċjetà ospitanti tagħhom, per eżempju dwar kif wieħed ikollu aċċess għall-isptar f'każ ta' emerġenza, għall-knejjes, għall-pulizija, eċċ. Din l-informazzjoni bażika tista' tgħin biex ikun evitat l-iżolament soċjali u biex jingħata appoġġ lill-immigranti temporanji fil-ħajja tagħhom ta' kuljum mall-ġirien u mall-komunità tagħhom. Il-kotba ta' tagħrif jew il-pamflets li jkopru aspetti speċifiċi tal-ħajja fil-komunità u informazzjoni ġenerali dwar id-drawwiet u l-użanzi tas-soċjetà ospitanti, flimkien ma' attivitajiet lokali ta' merħba, huma eżempji utli. Il-kotba ta' tagħrif jistgħu jiġu ppublikati f'forma ta' ktieb jew f'format diġitali jew bħala kotba-awdjo, u jistgħu jiġu tradotti fil-lingwi differenti tal-komunità. Offerti ta' introduzzjoni ta' din ix-xorta, b'attenzjoni ffokkata fuq it-tnaqqis tat-tensjonijiet fil-komunità aktar milli fuq l-impjegabilità, huma mod tajjeb ta' kif il-migranti temporanji jkunu inklużi mingħajr ma jiġu impenjati riżorsi b'mod estensiv.

Ħafna pajjiżi żviluppaw kotba ta' tagħrif għall-immigranti. Per eżempju, il-'*Handbook on Immigrants' Rights and Entitlements in Ireland*' ('Il-ktejjeb ta' tagħrif dwar id-Drittijiet u l-Jeddijiet ta' l-Immigranti fl-Irlanda') tal-Kunsill dwar l-Immigranti ta' l-Irlanda jfittex li jagħti tagħrif lill-gruppi ta' l-immigranti u lill-korpi pubbliċi, privati u mhux governattivi kollha li jiġu f'kuntatt ma' l-immigranti. Jagħti ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni rilevanti u jagħmel distinzjoni bejn il-gruppi differenti bħalma huma l-ħaddiema migranti, in-negozjanti u dawk li jaħdmu għal rashom, l-istudenti internazzjonali, il-familji tal-migranti u taċ-ċittadini Irlandiżi, il-viżitaturi, il-persuni b'permess li jibqgħu l-Irlanda, il-ġenituri u l-aħwa tat-tfal li għandhom ċittadinanza Irlandiża, u l-persuni li qed jgħixu fl-Istat mingħajr permess. Jiġu koperti d-drittijiet u l-jeddijiet ta' kull wieħed minn dawn il-gruppi, u anness jipprovdi l-indirizzi ta' l-aġenziji u ta' l-organizzazzjonijiet rilevanti.

www.immigrantcouncil.ie/handbook.htm





F'uħud mill-pajjiżi hemm il-prattika li lil hinn mill-programmi ta' introduzzjoni aktar intensivi, li jkunu offruti biss lil ċerti kategoriji ta' immigranti u refuġjati ġodda, ikun provdut livell xieraq ta' għajnuna tal-bidu lil gruppi oħra ta' immigranti.

Il-migranti u l-persuni li jkunu qed ifittxu kenn politiku li ma jkollhom l-ebda dokument normalment ikunu esklużi mill-korsijiet ta' introduzzjoni; minħabba li l-gvernijiet jixtiequ jevitaw li jqawwu t-tamiet tagħhom meta ma jkunx hemm status legali fiż-żgur. Persuni li jfittxu kenn politiku kultant jingħataw aċċess limitat għall-attivitajiet ta' integrazzjoni. Dan isir biex jissaħħu l-ħiliet tagħhom u biex ikunu ggwidati fl-iżvilupp tal-futur tagħhom, jingħatawx il-kenn politiku jew le. F'ċerti pajjiżi, jiġu koperti wkoll il-persuni bi status ta' ħarsien temporanju, bħalma jiġri fil-Polonja fejn bħala refuġjati rikonoxxuti jistgħu jikkompletaw programm ta' integrazzjoni individwali ta' 12-il xahar. L-atturi lokali jew mhux governattivi ħafna drabi ma jagħmlux distinzjoni fuq il-bażi ta' l-istatus legali bejn il-parteċipanti fl-attivitajiet li huma relatati ma' l-integrazzjoni tagħhom.

## 1.3 Ix-xogħol ma' l-imsieħba

L-integrazzjoni hija responsabbiltà komuni u ħafna atturi jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw politika u riżultati tajbin. Huwa kruċjali li dawk kollha li huma involuti jirrispondu b'mod favorevoli u jkunu miftuħa għall-informazzjoni li tiġi lura mingħand dawk li jaħdmu magħhom, bħala msieħba, finanzjaturi, jew klijenti ta' l-implimentazzjoni.

Kemm jekk il-politika tkun implimentata mill-gvern fuq livelli differenti jew minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-grad ta' konsultazzjoni bejn il-korp li jikkommissjona u l-aġenzija li timplimenta huwa punt kruċjali. Biex ikun evitat li jkun hemm differenza kbira mit-twettiq tal-programm, il-ministeri responsabbli għandhom jipprovdu b'mod sistematiku lill-aġenziji li jimplimentaw kanali ta' informazzjoni u ta' aċċess għat-tfassil tal-politika. Flimkien ma' l-Istat u mall-migranti individwali li jħalli jidħlu, il-gvern lokali u reġjonali, l-imsieħba soċjali, l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet tal-migranti kollha jiffurmaw parti mir-'rabta ta' l-integrazzjoni'. Fejn ħafna atturi jaħdmu flimkien, huwa importanti li jkun żgurat li l-immigranti jkollhom aċċess faċli u trasparenti. Per eżempju fil-Finlandja, l-Info Bank (Bank ta' l-Informazzjoni) li huwa bbażat fuq l-Internet f'lingwi differenti (**www.caisa.hel.fi**) jagħmilha possibbli biex wieħed ifittex l-informazzjoni skond is-suġġett, mingħajr ma l-utent ikollu għalfejn ikun jaf liema awtorità tieħu ħsieb liema qasam.





Fil-Portugall, iċ-*Ċentri Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Immigranti* (CNAI) f'Liżbona u f'Oporto jinvolvu d-dipartimenti ta' sitt Ministeri (Is-Servizz għall-Kontroll tal-Fruntieri - SEF, l-Ispettorat tax-Xogħol, is-Sigurtà Soċjali, is-Saħħa u l-Edukazzjoni) kif ukoll l-uffiċċji li jipprovdu appoġġ speċifiku fejn għandhom x'jaqsmu l-liġi dwar l-immigrazzjoni, l-għaqda mill-ġdid tal-familja, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, u l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol. Huwa xogħol il-medjaturi soċjo-kulturali, li ġejjin mill-komunitajiet differenti ta' l-immigranti u li għandhom rwol essenzjali fil-proċess fejn isiru l-kuntatti u jinstabu s-soluzzjonijiet għal-problemi, li dawn ikunu msaħħa. Marbut mas-CNAI hemm netwerk ta' 25 *Ċentru Lokali ta' Appoġġ għall-Immigranti* (CLAI) li jipprovdu servizzi ta' informazzjoni, kif ukoll Ċentru fejn wieħed jista' jċempel - *SOS Immigranti*, li huwa disponibbli 12-il siegħa kuljum f'erba' lingwi.

www.acime.gov.pt

## Il-livell lokali

Is-sħubiji bejn livelli differenti ta' gvern huma rregolati minn responsabbiltajiet u konsultazzjonijiet komuni dwar it-tfassil tal-politika u l-allokazzjonijiet tal-baġit.

Diversi pajjiżi Ewropej għandhom tradizzjoni b'saħħitha ta' gvern lokali estensiv, u l-awtoritajiet lokali huma responsabbli għal ħafna mis-servizzi li jingħataw lill-popolazzjoni, inklużi l-immigranti u r-refuġjati l-ġodda. Per eżempju, il-Litwanija ttrasferiet ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-programm ta' integrazzjoni tar-refuġjati tagħha għand l-awtoritajiet lokali. L-awtoritajiet lokali huma partikolarment b'saħħithom biex ilaqqgħu lid-dipartimenti u lill-organizzazzjonijiet kollha li huma rilevanti għall-proċess ta' introduzzjoni, ħalli b'hekk ikun aktar faċli għall-immigranti li jkollhom aċċess għas-servizzi u għall-appoġġ. Franza huwa wieħed mill-pajjiżi li jieħdu vantaġġ minn din is-saħħa billi jistrieħ fuq sistema ta' punti ta' lqugħ reġjonali u lokali fil-pajjiż kollu li jilqgħu lill-immigranti u lir-refuġjati l-ġodda, jistabbilixxu x'inhuma ħtiġiethom f'termini ta' edukazzjoni u ta' għajnuna soċjali, jagħtuhom pariri dwar is-servizzi tal-gvern u jipprovduhom bl-ewwel introduzzjoni fis-soċjetà Franċiża. Fl-Italja, il-Ftehimiet ta' Qafas li ġew iffirmati bejn il-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali u r-reġjuni jikkoordinaw il-politika ta' integrazzjoni fuq livell lokali. It-taħriġ fil-lingwa huwa komponent ċentrali, speċjalment fil-ftehimiet għar-reġjuni tat-Toskana, ta' l-Umbrija u tal-Veneto.

F'uħud mill-pajjiżi, l-aġenzija ewlenija (ċentrali) tidħol fi ftehimiet formali mal-muniċipalitajiet biex tirrifletti r-responsabbiltajiet ta' kull livell ta' gvern. B'mod tipiku, ftehimiet ta' din ix-xorta jispeċifikaw in-numru ta' persuni li jkunu se jgħixu f'kull muniċipalità. Il-gvern, imbagħad, jagħti għotjiet standard, li jikkonsistu f'ammont fiss għal kull persuna. L-għotjiet standard huma maħsuba biex ikopru l-ispejjeż addizzjonali li l-muniċipalità tkun għamlet minħabba l-ilqugħ tar-refuġjati, bħalma huma l-infiq ta' l-għajxien, il-korsijiet tat-tagħlim tal-lingwa, u l-ispejjeż li huma relatati mar-riżorsi addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa fiċ-ċentri tal-kura ta' matul il-jum u fl-iskejjel. Din





is-sistema għandha l-għan li tevita li jkun hemm direttivi dettaljati mill-gvern, waqt li fl-istess ħin toħloq inċentivi ekonomiċi biex tippremja lill-muniċipalitajiet għal programmi ta' introduzzjoni effiċjenti. Per eżempju, jekk il-parteċipant jikseb il-miri tal-programm f'inqas miż-żmien ippjanat, xorta waħda titħallas l-għotja sħiħa lill-muniċipalità.

Is-sistema Daniża hija eżempju ta' dan il-metodu. Skond l-Att dwar l-Integrazzjoni ta' l-1999, il-muniċipalitajiet huma responsabbli biex jorganizzaw il-programmi ta' introduzzjoni, iżda l-gvern jiffinanzja l-infiq kollu. Is-sussidji huma strutturati biex joħolqu inċentivi għall-muniċipalitajiet: jitħallsu sussidji ogħla għal livelli ogħla ta' attività, u jitħallsu sussidji speċifiċi għal kwalunkwe immigrant jew refuġjat li jgħaddi minn eżami fil-lingwa Daniża jew li jkun ilu jaħdem b'mod regolari għal mill-inqas sitt xhur. Il-leġiżlazzjoni dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet u li t-twettiq ta' kompiti speċifiċi jitħallew f'idejn kumpaniji privati, istituzzjonijiet edukattivi jew organizzazzjonijiet mhux governattivi.

F'kull belt jew muniċipalità fil-provinċja ta' Uusimaa, li tinsab fil-Punent tal-Finlandja,, hemm uffiċċju għall-immigranti li taħt il-gwida tiegħu jaħdmu t-timijiet tal-ħidma immigratorja. Barra r-rappreżentanti ta' l-uffiċċju għall-immigranti, it-timijiet ġeneralment jinkludu rappreżentanti mill-uffiċċju tal-ħarsien soċjali, mill-uffiċċju ta' l-impjiegi, miċ-ċentru tas-saħħa, mill-uffiċċju ta' l-iskola, mis-sistema ta' l-edukazzjoni għall-adulti, mill-istituzzjoni ta' l-assigurazzjoni soċjali u mill-uffiċċju tad-djar lokali. Dwar kull immigrant timtela kard, li permezz tagħha jiġu mmonitorjati l-pjan u l-progress tiegħu jew tagħha. Il-membri differenti tat-tim jaġġornaw il-kard u jżommu kuntatt regolari mal-persuna konċernata. Għat-tfal hemm timijiet apposta, dawk li jissejħu it-'timijiet għat-tfal'. Dawn ikopru t-tfal u ż-żgħażagħ immigranti kollha li jattendu skola jew ċentri tal-kura ta' matul il-jum, fejn tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni tagħhom kif ukoll il-ħtieġa tagħhom għal appoġġ u għal miżuri oħra. L-uffiċjali ewlenin ta' l-edukazzjoni tal-muniċipalità, l-assistenti soċjali ta' l-iskola, il-bosta kapijiet ta' l-iskejjel u l-għalliema, kif ukoll l-għalliema tat-tfal batuti kollha jieħdu sehem f'dawn it-timijiet.

Waqt li l-prijorità tal-gvernijiet ċentrali hija li tkun żgurata l-kwalità tas-servizzi provduti mill-muniċipalitajiet, per eżempju billi jagħmlu l-fondi orjentati lejn ir-riżultati, wieħed jista' jargumenta li dak li jinħtieġ huwa aktar influwenza fuq il-proċess tal-formulazzjoni tal-politika biex ir-regolamenti tal-qafas nazzjonali jirrispondu aħjar għar-realtajiet lokali. Sħubiji aktar espliċiti u qafas permanenti jistgħu mhux biss itejbu r-rendiment tal-livell lokali, iżda jagħtu wkoll aċċess għat-tfassil tal-politika.

## L-imsieħba soċjali

L-imsieħba soċjali għandhom x'jigwadanjaw minn immigranti awto-suffiċjenti, u idealment ikunu involuti fit-tfassil, fil-finanzjament u fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' integrazzjoni.





Hekk kif l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni qed isiru aktar marbuta mall-miri soċjo-ekonomiċi tas-soċjetajiet Ewropej, qed tingħata iżjed attenzjoni lir-rwol ta' l-imsieħba soċjali fl-integrazzjoni. It-trejdunjins huma partikolarment attivi fl-oqsma tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u ta' l-opportunitajiet indaqs u biex jipprovdu t-taħriġ. Fil-perjodu ta' introduzzjoni, dawk li jħaddmu jistgħu jipprattikaw il-ko-responsabbiltà tagħhom għall-integrazzjoni billi jorganizza avvenimenti ta' lqugħ, joffri għajnuna biex tinstab l-akkommodazzjoni u biex ikun hemm aċċess għas-servizzi, u billi jipprovdi korsijiet ta' tagħlim tal-lingwa, li jinkludu korsijiet li jgħallmu vokabolarju vokazzjonali speċifiku. Il-kumpaniji li jipprovdu postijiet ta' apprendisti għall-immigranti u għar-refuġjati l-ġodda jistgħu jkunu responsabbli għat-taħriġ fil-lingwa, u b'hekk jippromwovu l-kombinazzjoni ta' kontenut lingwistiku u vokazzjonali. B'mod partikolari, il-kumpaniji l-kbar li jimpjegaw ħaddiema barranin fuq bażi kontinwa jistgħu jistabbilixxu programmi għall-immigranti l-ġodda. Għall-immigranti li huma aktar stabbiliti, il-kumpaniji jistgħu jipprovdu taħriġ finanzjarju u taħriġ ieħor biex jappoġġjaw lill-intraprendituri etniċi jew lill-intraprendituri immigranti ħalli jsiru fornituri.

Fl-Italja, fil-qafas tal-Kunsill ta' l-Immigrazzjoni Territorjali, il-Provinċja ta' Belluno (fil-Veneto), flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ u ma' Kooperattiva Soċjali lokali, ippromwovew programm ta' lqugħ u ta' djar għall-ħaddiema li mhumiex ċittadini ta' l-UE bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol u fis-soċjetà. Bħala l-ewwel pass f'din id-direzzjoni, kien iffirmat ftehim mill-intraprendituri u mill-assoċjazzjonijiet professjonali li kienu interessati biex jinstabu djar adegwati u jkun iffaċilitat il-proċess biex ikun hemm qbil bejn id-domanda u l-provvista tad-djar għall-migranti.

Il-gvernijiet fuq il-livelli kollha jistgħu jinvolvu aktar lill-kumpaniji fid-dibattiti dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti, billi jorbtu l-programmi tal-gvern mal-programmi dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji.

Waqt li ħafna drabi l-gvernijiet jerfgħu r-responsabbiltà primarja għall-introduzzjoni ta' dawk l-immigranti li x'aktarx ikunu se jibqgħu jgħixu fil-pajjiż b'mod permanenti, is-settur privat jista' jkollu rwol partikolari billi jipprovdi appoġġ lill-immigranti ta' kategoriji oħrajn, bħalma huma l-migranti temporanji. Fi Spanja, il-liġi teħtieġ li fil-każ ta' migrazzjoni temporanja, min iħaddem irid jipprovdi akkommodazzjoni adegwata. F'Ċipru, l-arranġamenti kollha biex jintlaqgħu (inklużi d-djar) il-migranti temporanji tax-xogħol isiru bl-għajnuna ta' min iħaddem (il-permessi tax-xogħol temporanji ta' inqas minn sitt snin huma għal pożizzjoni speċifika u għal persuna li tħaddem speċifika). F'każ li dawn l-obbligi ma jiġux sodisfatti, min iħaddem jiġi penalizzat u ma jinħariġlu l-ebda permess ieħor biex jimpjega ħaddiema barranin.





L-*Unió de Pagesos* hija junjin Katalana tal-bdiewa li toffri servizzi ta' konsulenza lill-ħaddiema staġjonali waqt li dawn ikunu fi Spanja. Tmexxi kors għall-'Aġenti ta' l-Iżvilupp', li għandu l-għan li jħarreġ lill-immigranti staġjonali fil-Katalonja sabiex meta jerġgħu lura fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom ikunu jistgħu jaqsmu l-esperjenza tagħhom u jippromwovu proġetti kollettivi għat-titjib ekonomiku u soċjali. Il-kontenut tal-kors jista' jkopri suġġetti differenti: l-IT, l-agrikoltura, il-proġetti dwar il-kooperazzjoni fl-iżvilupp, il-lingwi, eċċ.

Fir-Renju Unit, il-kumpanija *Fusion Personnel,* li tipprovdi ħaddiema każwali lin-negozji ta' l-ortikultura, żviluppat skema ta' taħriġ għall-impjegati tagħha li fil-parti l-kbira tagħhom huma immigranti li ma jkunux ilhom wisq li waslu fir-Renju Unit. Jingħata taħriġ fil-qari u l-kitba, fil-matematika bażika u fil-lingwa, u ta' kull ġimgħa l-istaff ikun allokat lif minn xogħlu biex ikun jista' jieħu sehem.

www.bitc.org.uk/resources/case_studies/fusionsfl.html

Il-gvernijiet jistgħu joffru għajnuna lil kumpaniji li huma iżgħar fid-daqs u lil organizzazzjonijiet oħra tan-negozju kif ukoll lit-trejdunjins f'setturi ta' l-ekonomija fejn ħafna immigranti sabu impjieg billi jikkomplementaw il-kapaċitajiet ta' taħriġ ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

## L-organizzazzjonijiet mhux governattivi

Fl-introduzzjoni ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda huma involuti firxa wiesgħa ta' atturi li mhumiex ta' l-Istat. Organizzazzjonijiet tal-Knisja u oħrajn tal-ħarsien soċjali kif ukoll diversi 'NGOs tradizzjonali' ta' daqsijiet differenti għandhom rwol essenzjali fl-implimentazzjoni, fejn ħafna drabi jkunu huma li jħaddmu l-istrutturi ta' l-Istat għall-introduzzjoni ta' l-immigranti. Per eżempju, il-gvern Spanjol iqis il-fondi għall-NGOs bħala strumenti kruċjali tal-politika ta' integrazzjoni tiegħu, u l-awtonomija li tingħata lill-organizzazzjonijiet li ngħataw il-fondi hija waħda konsiderevoli. Fir-Renju Unit, bħalissa m'hemm l-ebda arranġament miftiehem fuq livell nazzjonali għall-ilqugħ ta' l-immigranti l-ġodda, u l-NGOs jipprovdu firxa sħiħa ta' programmi ta' orjentazzjoni. Ir-Repubblika Ċeka u s-Slovenja wkoll jaħdmu mill-qrib ma' l-NGOs fl-implimentazzjoni ta' proġetti dwar id-djar, it-taħriġ fil-lingwa, l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol, il-konsulenza psiko-soċjali u l-attivitajiet kulturali. Fl-Estonja, l-istruttura li hija primarjament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni hija l-Fondazzjoni għall-Integrazzjoni, fondazzjoni li topera taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi privata u li ġiet stabbilita mill-Gvern Estonjan. Ir-responsabbiltajiet tal-fondazzjoni jinkludu, *inter alia*, it-tnedija tas-sejħiet għall-offerti tal-proġetti pubbliċi u l-koordinazzjoni ta' l-użu effiċjenti ta' diversi riżorsi f'dan il-qasam, inkluża l-implimentazzjoni ta' diversi proġetti kbar li huma ffinanzjati minn donaturi barranin.

L-organizzazzjonijiet mhux governattivi jaqsmu r-responsabbiltà għall-proċess ta' integrazzjoni u jipprovdu kuntatt dirett bejn ir-residenti lokali u l-migranti. Peress li jikkoo-





peraw ma' livelli differenti ta' gvern, mas-settur privat, mal-fondazzjonijiet, ma' NGOs oħra u ma' gruppi lokali bħala organizzazzjonijiet li jimplimentaw u bħala msieħba, jagħtu kontribut għad-djalogu fis-soċjetà dwar ir-riżultati mixtieqa ta' u t-toroq li jwasslu għall-integrazzjoni. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-Knisja jistgħu jimmobilizzaw ukoll lill-voluntiera u jorganizzaw 'programmi ospitanti' jew attivitajiet ta' skambju oħrajn. Per eżempju, fil-Portugall, il-Knisja Kattolika, permezz tal-parroċċi tagħha, tipprovdi korsijiet ta' tagħlim tal-lingwa mall-pajjiż kollu li jitmexxew fil-parti l-kbira tagħhom mill-voluntiera.

F'din il-firxa ta' msieħba mhux governattivi, huwa importanti li l-assoċjazzjonijiet tal-migranti jkollhom rwol akbar fil-proċess ta' introduzzjoni. Fuq livell bażiku, l-assoċjazzjonijiet tal-migranti ħafna drabi huma fornituri tajba tas-servizzi, bħalma huma t-tagħlim tal-lingwa fuq livell bażiku jew il-korsijiet ta' 'orjentazzjoni ċivika'. B'mod tipiku, il-membri tal-komunitajiet stess ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda wkoll huma l-ewwel sors ta' informazzjoni informali u ta' konsulenza, u ħafna drabi jaġixxu bħala mudell. L-individwi u n-netwerks tal-migranti jinvolvu rwieħhom f'xogħol volontarju kbir speċjalment fejn tidħol il-komunità tagħhom stess, li jeħtieġ li jinbena fuqu aktar milli xi ħadd jieħu vantaġġ minnu. F'dan il-kuntest huwa importanti l-aċċess biex l-assoċjazzjonijiet tal-migranti jirċievu l-fondi.

Fil-Belġju, il-Fondazzjoni Re Baldwin, permezz ta' l-għotja tagħha 'Appoġġ Reċiproku għall-Immigranti u għar-Refuġjati l-Ġodda', tappoġġja proġetti li l-gruppi jew l-assoċjazzjonijiet tal-migranti l-ġodda jiżviluppaw għall-ġid tagħhom stess jew għall-ġid tal-migranti l-ġodda l-oħra. L-għan huwa li n-netwerks ta' l-għajnuna reċiproka ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda jkollhom aktar saħħa biex ikunu jistgħu jaqblu aħjar mas-servizzi privati u ma' dawk pubbliċi li jkunu offruti mill-komunitajiet jew mill-awtoritajiet ospitanti. Sejħa ġdida għall-proġetti tindirizza wkoll lill-organizzazzjonijiet tal-komunità, lill-gruppi tar-residenti, lis-servizzi pubbliċi u lin-negozji li jridu jiżviluppaw rabtiet mal-migranti l-ġodda. (**www.kbs-frb.be**)

L-assoċjazzjonijiet tal-migranti bħala sorsi possibbli ta' pariri u ta' informazzjoni għall-immigranti u għar-refuġjati l-ġodda jistgħu jiddaħħlu fil-programmi ta' introduzzjoni billi jkunu inklużi meta jkun provdut it-taħriġ u billi jservu bħala mudelli għal integrazzjoni b'suċċess. Jistgħu jirċievu appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet u jistgħu jkunu marbuta ma' organizzazzjonijiet professjonali biex ikun żgurat il-kontroll tal-kwalità.





Fl-2003 il-belt ta' Southampton organizzat kors ta' introduzzjoni ta' ġurnata għar-refuġjati, li kien jinkludi laqgħat mad-dipartimenti tal-kunsill tal-belt, ma' aġenziji statutarji oħra, u ma' organizzazzjonijiet volontarji. L-għan kien li jissaħħu l-organizzazzjonijiet tal-komunità tar-refuġjati (attendew 27 kap u rappreżentant tar-refuġjati) u biex jintroduċuhom fil-qafas istituzzjonali u fil-kultura tal-komunità ospitanti. Ġew organizzati gruppi ta' ħidma li l-aġendi tagħhom kienu mibnija madwar il-kwistjonijiet, it-tħassib u d-domandi li tqajmu mill-kapijiet tar-refuġjati ħafna qabel l-avveniment. Kienu deċiżi azzjonijiet ta' segwitu fuq inizjattivi bħal klabbs biex jgħinu fix-xogħol skolastiku għad-dar, avvenimenti ta' taħriġ mill-organizzazzjonijiet li jgħinu lir-refuġjati ir-RETAS u l-CLEAR, taħriġ ta' żgħażagħ bħala kowċis ta' l-għawm u tal-futbol, eċċ.

Kuntatt: gavin.barker@southampton.gov.uk, anthony.pascoe@southampton.gov.uk

## 1.4 L-evalwazzjoni u l-adattament tal-programmi

Idealment, il-programmi huma bbażati fuq evalwazzjonijiet li juru x'ħadem u x'ma ħadimx mall-gruppi ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda ta' qabel.

Il-programmi jew il-proġetti ta' introduzzjoni għall-immigranti l-ġodda u għar-refuġjati rikonoxxuti jista' jkollhom rwol ċentrali biex 'l-integrazzjoni titpoġġa fit-triq it-tajba' kemm għall-migranti individwali kif ukoll għall-familji tagħhom. Fl-istess waqt, għall-gvernijiet dawn huma impenn sinifikanti f'termini ta' riżorsi. Biex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli, id-deċiżjonijiet tal-futur dwar riżorsi skarsi jridu jiġu bbażati fuq l-evidenza aktar milli fuq is-suppożizzjonijiet. Bħala l-punt tat-tluq tagħhom, l-evalwazzjonijiet jista' jkollhom miri miftiehma b'mod komuni. Fl-Iżvezja, il-Bord ta' Integrazzjoni żviluppa sett ta' 'miri nazzjonali' għall-programm ta' orjentazzjoni. Kull muniċipalità u awtorità tifformula l-għanijiet tagħha, li jkunu bbażati fuq dawn il-miri komprensivi, u twettaq il-proċeduri ta' segwitu u ta' evalwazzjoni tagħha stess. Il-Bord ta' Integrazzjoni jgħin lill-muniċipalitajiet biex ifasslu l-għodod ta' l-evalwazzjoni adattati. Fid-Danimarka, il-muniċipalitajiet huma obbligati li jsegwu regolarment il-kuntratti individwali ta' integrazzjoni biex ikunu żguri li l-progress jintlaħaq u li l-kuntratt għadu jirrifletti l-ħtiġiet ta' l-immigrant jew tar-refuġjat. Fl-Italja, il-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali jimmonitorja l-iżvilupp tal-Ftehimiet ta' Qafas tiegħu mar-reġjuni billi juża indikaturi kwantitativi u kwalitativi biex jevalwa d-differenza bejn l-għanijiet u r-riżultati.

Numru ta' gvernijiet jużaw fondi bbażati fuq ir-riżultati biex jiżguraw il-kwalità tal-programmi meta dawn ma jagħmluhomx huma stess. Per eżempju, il-Ministeru ta' l-Intern tar-Renju Unit qed jippjana li jħaddem metodi ta' din ix-xorta fil-programm għall-edukazzjoni taċ-ċittadinanza tiegħu. Il-parti l-kbira tal-programm se jingħata permezz tal-kulleġġi għall-edukazzjoni ta' l-adulti jew permezz ta' fornituri privati ta' korsijiet fil-lingwa, li se jirċievu 85% fond ta' bażi waqt li 15% se jkunu bbażati fuq ir-riżultati.

  

Fil-Ġermanja, qabel ma ġiet adottata l-liġi dwar l-immigrazzjoni ta' l-2004 saru numru ta' proġetti pilota dwar il-korsijiet ta' introduzzjoni. Ħafna drabi kienu 'akkumpanjati' minn akkademiċi jew kienu evalwati sew mill-awtoritajiet responsabbli. Eżempju ta' dan huwa l-kors pilota ta' integrazzjoni b'kontenut ta' 'għarfien tas-soċjetà', li sar f'Nürnberg fl-2001-2003. Dan ma kienx kors ta' introduzzjoni għall-immigranti u għar-refuġjati l-ġodda, iżda pprova jwassal għarfien politiku, storiku u prattiku lill-immigranti li kienu jafu l-Ġermaniż u li kellhom permess ta' residenza għal perjodu twil ta' żmien, li kienu ilhom jgħixu fil-Ġermanja għal xi żmien u li possibbilment kienu diġà kandidati għan-naturalizzazzjoni. L-evalwazzjoni nnotat ċerti diffikultajiet biex jintlaħaq il-grupp ikkonċernat u ssuġġeriet inċentivi aktar b'saħħithom jew obbligu legali għall-attendenza. Per eżempju, jista' jkun inċentiv li tagħmel il-parteċipazzjoni f'kors ta' integrazzjoni ekwivalenti għat-test tal-lingwa li huwa meħtieġ għan-naturalizzazzjoni. L-evalwazzjoni ssuġġeriet ukoll li jiġu jiżviluppati materjali għat-tagħlim elettroniku. (**www.uni-bamberg.de/~ba6ef3/main_g.htm**)

Fi Schleswig Holstein, il-Ministeru ta' l-Intern ikkommissjona analiżi dwar is-sess b'rabta mal-korsijiet ta' integrazzjoni: kien hemm aċċess indaqs għall-irġiel u għan-nisa? Ġew eżaminati korsijiet li kienu simili għal dawk previsti taħt il-liġi l-ġdida dwar l-immigrazzjoni. Kontra dak li kien mistenni, l-analiżi wriet li kien hemm persentaġġ ogħla ta' nisa milli ta' rġiel li ħadu sehem fil-korsijiet u li kien hemm ħtieġa ta' inċentivi addizzjonali għall-migranti rġiel aktar milli għall-migranti nisa. Ir-raġunijiet għala l-irġiel u n-nisa għandhom isegwu t-taħriġ fil-lingwa kienu kważi l-istess: riedu jitgħallmu l-Ġermaniż l-aktar biex jużawh fis-suq tax-xogħol, biex jikkomunikaw ma' l-awtoritajiet, u biex jitkellmu mal-ġirien. Barra minn hekk, l-irġiel u n-nisa kisbu riżultati ferm simili fit-test tal-bidu qabel ma bdew il-kors tagħhom fil-lingwa, ħlief għall-ħaddiema mistiedna 'klassiċi' b'20-30 sena ta' residenza.

Il-proġetti pilota jistgħu jkunu żgħar. Fl-Ungerija, il-programm pilota ta' integrazzjoni 'MATRA' mifrux fuq sitt xhur inkluda sitt irġiel adulti mhux miżżewġin, koppja miżżewġa bi tlett itfal u żewġ nisa mhux miżżewġin (it-tnejn bit-tfal). Il-programm kien intensiv, fejn kien jinkludi 1200 siegħa ta' taħriġ fil-lingwa, 700 siegħa ta' orjentazzjoni kulturali u legali, akkommodazzjoni u trasport b'xejn, u għajnuna finanzjarja għal infiq ieħor għall-għajxien. L-evalwazzjoni ta' dan il-proġett pilota issa qed tintuża biex tkun ifformulata politika ta' integrazzjoni komprensiva għall-Ungerija, bir-rakkomandazzjonijiet imorru quddiem grupp ta' livell għoli ta' segretarji ta' l-Istat ta' fergħat rilevanti tal-gvern.

Flimkien ma' l-evalwazzjonijiet ta' proġett jew ta' programm, ir-rappurtaġġ dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam ta' l-integrazzjoni jista' jkun għodda utli għall-politika bbażata fuq l-evidenza. Per eżempju, il-liġi Ġermaniża dwar l-immigrazzjoni ta' l-2004 teħtieġ li sa Lulju 2007, sentejn u nofs wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi, il-gvern għandu jippreżenta rapport lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-korsijiet ta' integrazzjoni. B'mod simili, meta l-Parlament Finlandiż għadda l-Att dwar l-Integrazzjoni ta' l-1999, talab li fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tal-liġi, il-gvern kellu





jippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżultati li nkisbu, u r-rakkomandazzjonijiet għall-futur. Ibbażat fuq ir-rapport tal-gvern ta' l-2002, qed tiġi abbozzata emenda għall-Att dwar l-Integrazzjoni biex ikunu definiti aktar mill-qrib id-diviżjoni tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet ta' l-awtoritajiet differenti, kif ukoll id-diviżjoni tar-responsabbiltà bejn il-muniċipalitajiet u l-gvern u bejn il-fergħat amministrattivi fuq il-livelli kollha. Huwa antiċipat li jkunu fformati bordijiet konsultattivi fuq livell nazzjonali u reġjonali biex tiżdied l-effiċjenza tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet differenti.

L-evalwazzjonijiet li saru f'diversi pajjiżi jistgħu jinġabru flimkien u fuq il-bażi ta' l-esperjenzi li nkisbu f'kemm jista' jkun pajjiżi, tista' titfassal serje ta' standards ta' kwalità volontarji għat-taħriġ fil-lingwa u għat-taħriġ ċiviku. Idealment, dan għandu jsir b'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-organizzazzjonijiet edukattivi li joperaw fuq livell internazzjonali.









## Kapitolu 1: Konklużjonijiet

1. Il-programmi ta' introduzzjoni huma investiment fil-futur li kemm l-immigrant kif ukoll is-soċjetà għandhom ikunu lesti li jagħmlu. Dawn jagħtu lill-immigranti bidu li jagħtihom il-possibbiltà li jakkwistaw ħiliet vitali biex isiru awto-suffiċjenti u għalhekk l-isforz ma jkunx moħli. Il-profitti mill-investiment għas-soċjetà huma li l-immigranti jsiru ċittadini li huma mgħammra bl-aħjar mod u kapaċi jagħtu kontribut lis-soċjetà.
2. Li jkunu offruti korsijiet fuq livelli differenti, fejn jintużaw formati differenti u b'firxa ta' metodi ta' tagħlim, jista' jgħin biex l-immigranti bi sfondi edukattivi differenti jew b'għarfien preċedenti tal-pajjiż u b'lingwa differenti jiksbu taħriġ fil-lingwa li jkun suċċess. Dan iwassal għal kwalifiki li jistgħu jintużaw. Idealment, il-programmi jaħsbu biex il-korsijiet ikunu segwiti minn testijiet ħalli l-livell tat-tagħlim tal-parteċipanti jiġi validat.
3. Ikun utli ħafna għall-parteċipanti meta ċ-ċertifikati tal-kors ikunu ta' format magħruf minn min iħaddem u minn istituzzjonijiet edukattivi oħra biex il-parteċipanti jkollhom aċċess għal aktar opportunitajiet tas-suq tax-xogħol jew ta' taħriġ. Il-kontenut u l-metodi tat-tagħlim għandhom jitfasslu fid-dawl ta' dawn l-opportunitajiet.
4. L-aħjar prattika tissuġġerixxi li l-korsijiet ta' introduzzjoni jitfasslu b'mod flessibbli, fejn ikun hemm lok għal tagħlim tal-lingwa b'mod parallel għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, aktar milli wieħed joqgħod jistrieħ fuq mudelli strettament sekwenzjali ta' tagħlim tal-lingwa, ta' taħriġ vokazzjonali u ta' edukazzjoni ogħla. Idealment, il-korsijiet jintegraw it-taħriġ fil-lingwa ma' dak vokazzjonali waqt li jivvalidaw il-ħiliet eżistenti.
5. Metodi dinamiċi ta' kif ikunu vvalutati l-ħiliet ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda, li wieħed jistrieħ inqas fuq kriterji formali u li jingħata valur lil tipi differenti ta' esperjenza, huma utli l-aktar għat-tisħiħ ta' l-esperjenza u ta' l-għarfien li jkunu nkisbu fil-pajjiż ta' l-oriġini.
6. Li jkunu offruti korsijiet part-time, korsijiet ta' tagħlim mill-bogħod jew ta' tagħlim elettroniku u mudelli simili jagħti l-opportunità lill-parteċipanti biex ikomplu jsegwu l-programmi ta' introduzzjoni waqt li fl-istess ħin ikunu qed jaħdmu.
7. L-ippuljar tar-riżorsi jagħti l-opportunità lill-muniċipalitajiet ġirien biex joffru tipi differenti ta' korsijiet. Dan jagħmilha wkoll possibbli biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jgħixu f'muniċipalità waħda u jitħarrġu jew jaħdmu f'oħra, biex b'hekk ikun evitat li jintilfu l-kuntatti jew in-netwerks tal-familja f'każ ta' ċaqliq.
8. Idealment, il-korsijiet ta' introduzzjoni iwasslu l-messaġġ ta' soċjetà li taf tagħti merħba u li tagħti inċentivi lill-immigrant u lir-refuġjat il-ġdid biex dan iħossu responsabbli għall-komunità li sejjer jew sejra jgħix/tgħix fiha.
9. Introduzzjoni għall-valuri l-aħjar li tiġi definita bħala sforz komuni fejn, kemm l-immigranti u r-refuġjati l-ġodda u kemm is-soċjetà riċeventi jagħmlu ħilithom biex jilħqu l-istandards stabbiliti min-normi u mir-regoli tal-pajjiż.
10. Dak li l-gvernijiet jitolbu mill-immigranti u mir-refuġjati l-ġodda għandu jiġi bbilanċjat mad-disponibilità sostnuta u mall-kwalità tal-programmi ta' introduzzjoni.





11. Il-programmi obbligatorji u l-użu ta' sanzjonijiet u/jew inċentivi għandhom ikunu evalwati wara ċertu żmien biex ikun stabbilit jekk dawn issaħħux il-kwalità tal-korsijiet u jżidux l-attendenza jew le.
12. L-aħjar prattika tissuġġerixxi li l-programmi għandhom ikunu aċċessibbli, li wieħed jiflaħ iħallas għalihom u ta' kwalità għolja, u li l-impatt tagħhom għandu jkun ivvalutat regolarment.
13. F'uħud mill-pajjiżi hemm il-prattika li lil hinn mill-programmi ta' introduzzjoni aktar intensivi, li jkunu offruti biss lil ċerti kategoriji ta' immigranti u refuġjati ġodda, jkun provdut livell xieraq ta' għajnuna tal-bidu lil gruppi oħra ta' immigranti.
14. L-integrazzjoni hija responsabbiltà komuni u ħafna atturi jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw politika u riżultati tajbin. Huwa kruċjali li dawk kollha li huma involuti jirrispondu b'mod favorevoli u jkunu miftuħa għall-informazzjoni li tiġi lura mingħand dawk li jaħdmu magħhom, bħala msieħba, finanzjaturi, jew klijenti ta' l-implimentazzjoni.
15. Is-sħubiji bejn livelli differenti ta' gvern huma rregolati minn responsabbiltajiet u konsultazzjonijiet komuni dwar it-tfassil tal-politika u l-allokazzjonijiet tal-baġit.
16. L-imsieħba soċjali għandhom x'jigwadanjaw minn immigranti awto-suffiċjenti, u idealment ikunu involuti fit-tfassil, fil-finanzjament u fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' integrazzjoni.
17. Il-gvernijiet fuq il-livelli kollha jistgħu jinvolvu aktar lill-kumpaniji fid-dibattiti dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti, billi jorbtu l-programmi tal-gvern mal-programmi dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji.
18. Il-gvernijiet jistgħu joffru għajnuna lil kumpaniji li huma iżgħar fid-daqs u lil organizzazzjonijiet oħra tan-negozju kif ukoll lit-trejdunjins f'setturi ta' l-ekonomija fejn ħafna immigranti sabu impjieg billi jikkomplementaw il-kapaċitajiet ta' taħriġ ta' dawn l-organizzazzjonijiet.
19. L-assoċjazzjonijiet tal-migranti bħala sorsi possibbli ta' pariri u ta' informazzjoni għall-immigranti u għar-refuġjati l-ġodda jistgħu jiddaħħlu fil-programmi ta' introduzzjoni billi jkunu inklużi meta jkun provdut it-taħriġ u billi jservu bħala mudelli għal integrazzjoni b'suċċess. Jistgħu jirċievu appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet u jistgħu jkunu marbuta ma' organizzazzjonijiet professjonali biex ikun żgurat il-kontroll tal-kwalità.
20. Idealment, il-programmi huma bbażati fuq evalwazzjonijiet li juru x'ħadem u x'ma ħadimx mall-gruppi ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda ta' qabel.
21. L-evalwazzjonijiet li saru f'diversi pajjiżi jistgħu jinġabru flimkien u fuq il-bażi ta' l-esperjenzi li nkisbu f'kemm jista' jkun pajjiżi, tista' titfassal serje ta' standards ta' kwalità volontarji għat-taħriġ fil-lingwa u għat-taħriġ ċiviku. Idealment, dan għandu jsir b'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-organizzazzjonijiet edukattivi li joperaw fuq livell internazzjonali.




## Kapitolu 2

# Il-parteċipazzjoni ċivika





**Dan il-kapitolu jindirizza l-qasam wiesa' tal-parteċipazzjoni ċivika minn żewġ angoli: l-ewwelnett, iħares lejn l-organizzazzjonijiet li jwasslu servizzi u juri kif dawn jistgħu jsiru aktar aċċessibbli għall-immigranti, biex b'hekk jissaħħaħ is-sens ta' appartenenza. It-tieni, iħares lejn li jkunu involuti n-nies f'parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. L-immigranti u dawk li mhumiex immigranti jistgħu jiġu mobilizzati madwar id-djalogu reliġjuż jew madwar l-aspetti differenti taċ-ċittadinanza attiva: il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet jew f'korpi konsultattivi, in-naturalizzazzjoni, u l-parteċipazzjoni soċjali, inkluż il-volontarjat. Fit-tmiem tal-kapitolu, kaxxa dwar 'l-organizzazzjonijiet isiru miftuħa u inklużivi' tagħti d-dettalji dwar il-passi li jistgħu jittieħdu biex jinfetħu l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali għaċ-ċittadini kollha.**

L-istrateġiji li jirrispondu għall-ħtiġiet speċjali u għaċ-ċirkostanzi ta' l-immigranti u li jagħmlu kapital mill-ħiliet tagħhom ikabbru s-sens ta' appartenenza u s-sens ta' parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà. L-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati għandhom jibbażaw dawn l-istrateġiji fuq l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Idealment dawn ikunu magħmulin apposta, ikunu flessibbli u jiġu soġġetti għal evalwazzjoni regolari.

L-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati għandhom jirrispondu b'mod favorevoli għaċ-ċittadini kollha – kemm jekk immigranti u kemm jekk le – bħala membri, klijenti, dawk li jħaddmu u impjegati, bħala konsumaturi u fornituri tas-servizz, mexxejja politiċi u votanti, ġenituri u tfal, għalliema u studenti. F'dawn l-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali jkun hemm ħafna interazzjoni bejn l-immigranti u dawk li mhumiex immigranti u l-ftuħ tagħhom iħeġġeġ lill-immigranti biex jieħdu sehem b'mod attiv fil-ħajja ta' dawn l-organizzazzjonijiet, u b'hekk fis-soċjetà. Ir-rieda u l-motivazzjoni ta' l-immigranti biex ikollhom rwol attiv u l-impenn ta' l-organizzazzjonijiet biex ikunu inklużivi jirrinforzaw lil xulxin.

Il-ftuħ ta' l-istituzzjonijiet u ta' l-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali mhuwiex proċess awtomatiku; anzi jeħtieġ l-appoġġ kontinwu u attiv tal-partijiet interessati fuq il-livelli kollha. Biex jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini kollha minkejja l-oriġini kulturali, etnika u nazzjonali tagħhom, il-mexxejja u l-persuni responsabbli jeħtieġ li jifhmu n-natura speċifika ta' popolazzjoni differenti. Is-simpatija għal ħtiġiet partikolari u l-kooperazzjoni mill-qrib ma' l-organizzazzjonijiet speċjalizzati, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet tal-migranti jew l-NGOs li huma ddedikati biex jgħinu lill-immigranti u lir-refuġjati, huma lkoll parti minn strateġija ta' suċċess biex dawn il-persuni jkunu involuti.

## 2.1 Il-kompetenza interkulturali

Li jitfasslu servizzi apposta għall-ħtiġiet speċjali tal-gruppi differenti fost il-popolazzjoni huwa sforz kollaborattiv li jeħtieġ l-iżvilupp ta' kompetenza interkulturali fis-servizz pubbliku u f'dak privat.

  

Rekwiżit bażiku ta' soċjetà ġusta huwa l-aċċessibilità tas-servizzi għal kulħadd. Is-servizz pubbliku u dak privat għandhom responsabbiltà li jnaqqsu u jneħħu kwalunkwe ostaklu għall-aċċess li jista' jiffaċċja gruppi partikolari. L-immigranti huma wieħed mill-gruppi li ħafna drabi jiltaqgħu ma' ostakli minħabba differenzi lingwistiċi jew kulturali. Il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà, għalhekk, tiddependi minn sforz kollaborattiv biex ikunu indirizzati u jitneħħew dawn l-ostakli.

L-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati jistgħu jużaw teknika differenti biex jagħmlu s-servizzi tagħhom aktar aċċessibbli għall-immigranti. Waqt li kwalunkwe sforz biex jitnaqqsu l-ostakli għall-aċċess se jkollu effett pożittiv fuq il-parteċipazzjoni ta' l-immigranti, l-iktar strateġiji ta' inklużjoni ta' suċċess se jkunu dawk li jkunu inklużi f'bidla ġenerali tal-kultura ta' l-organizzazzjoni. B'dan il-mod, il-miżuri biex l-organizzazzjoni tiġi adattata għad-diversità ma jibqgħux sforzi iżolati, iżda jaqblu mall-miri u ma' l-identità ta' l-organizzazzjoni kollha. Li jkun hemm immigranti fuq bordijiet u kumitati jgħin biex ikun hemm firxa wiesgħa ta' ideat li jaffettwaw id-deċiżjonijiet essenzjali kollha. L-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw ir-reġistri eżistenti tal-persuni li ġejjin minn sfondi lingwistiċi u kulturali differenti sabiex ikunu jistgħu jinħatru f'dawn il-korpi. L-awtoritajiet lokali jew il-gvernijiet jistgħu jżommu database dwar persuni li għandhom kwalifiki xierqa li jkunu ġejjin minn sfondi differenti u li jkunu lesti li jservu f'korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' konsulenza.

Jekk organizzazzjoni tkunx għadha fl-istadji bikrin ta' bidla fil-kultura ta' l-organizzazzjoni jew tkunx għaddiet mill-proċess kollu, element kruċjali huwa li jinbena staff mgħammar biex jimplimenta u jħaddem strateġiji ta' inklużjoni. Ir-reklutaġġ u t-taħriġ huma tnejn mill-modi li bihom l-organizzazzjonijiet jistgħu jibnu tim ta' staff li jkun kompetenti fuq livell interkulturali. Il-kompetenza interkulturali tista' tintuża bħala komponent tal-profili ta' l-impjieg fir-reklutaġġ ta' l-edukaturi u tal-persunal fl-iskejjel, ta' l-impjegati fl-awtoritajiet lokali, ta' l-istaff fl-isptarijiet, ta' l-assistenti soċjali u ta' impjegati oħrajn. Għalkemm l-għarfien transkulturali ta' dawk il-membri ta' l-istaff li jkollhom kuntatt mal-pubbliku huwa partikolarment importanti, ir-reklutaġġ għal pożizzjonijiet ta' livell ogħla mingħajr kuntatt dirett ta' din ix-xorta wkoll għandu jagħmel użu minn kriterji ta' diversità. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet li huma attivi fil-formulazzjoni jew fl-ippjanar tal-politika aktar milli fit-twettiq tas-servizzi diretti wkoll jeħtieġ li jieħdu d-diversità bis-serjetà.

L-inizjattivi tal-gvern jistgħu jippromwovu r-reklutaġġ ta' staff immigrant kemm fejn għandu x'jaqsam is-settur pubbliku kif ukoll fejn għandu x'jaqsam dak privat. Per eżempju, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-*white paper* Daniża u l-pjan ta' azzjoni 'Il-Viżjoni tal-Gvern u l-Istrateġiji għal Integrazzjoni Mtejba', li tnediet f'Ġunju 2003, il-gvern se jippubblika pakkett ta' għodod b'ideat biex sa tmiem l-2004 iħeġġeġ il-kompożizzjoni differenti tal-forzi tax-xogħol fis-settur pubbliku. Fl-Italja, sittin medjatur kulturali li jistgħu jkunu immigranti jew Taljani ġew miżjuda ma' l-istrutturi soċjali pubbliċi ta' sitt reġjuni fin-Nofsinhar ta' l-Italja, u tletin medjatur ieħor jaħdmu fl-uffiċċji lokali ta' l-impjiegi.





Waqt li jagħtu attenzjoni lir-reklutaġġ, l-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw ukoll il-ħiliet eżistenti ta' l-istaff. Per eżempju, jistgħu jirrikonoxxu u, jekk ikun xieraq, jirremuneraw il-ħiliet lingwistiċi, l-għarfien kulturali u l-kuntatti mall-komunità ta' l-istaff tagħhom. F'organizzazzjonijiet li huma akbar fid-daqs jistgħu jinħolqu reġistri jew *databases* tal-ħiliet, fejn jiġu elenkati l-membri ta' l-istaff li huma immigranti jew li huma familjari mal-lingwi jew mall-kulturi ta' l-immigranti. Il-maniġers jistgħu jħeġġu u jappoġġjaw finanzjarjament l-istudju tal-lingwi ta' l-impjegati. Għandu jingħata taħriġ dwar kwistjonijiet interkulturali lill-istaff fil-livelli kollha u jista' jiġi inkorporat f'unitajiet ta' taħriġ funzjonali.

Bħala eżempju ta' taħriġ, il-Ministeru Ċek tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jmexxi programm pilota edukattiv ta' tagħlim elettroniku biex jgħin ħalli tiġi trattata l-integrazzjoni tal-barranin. Dan il-programm ftit ftit se jipprovdi korsijiet ta' taħriġ fid-distretti lill-impjegati tal-Ministeru u lil dawk ta' l-Aġenziji ta' l-Impjiegi. Wieħed mill-miri huwa li titħejja metodoloġija sabiex l-għalliema fl-Aġenziji ta' l-Impjiegi jingħataw taħriġ fl-għarfien interkulturali. Dawn l-għalliema, imbagħad, jistgħu jħarrġu b'mod indipendenti lill-uffiċjali dwar kif wieħed jista' jaħdem f'ambjent multikulturali.

Fl-Awstrija, il-proġett 'Interkulturlotsen' li huwa ffinanzjat mill-EQUAL (**www.interkulturlotsen.at**) joffri taħriġ lill-persuni ewlenin fl-organizzazzjonijiet li ġejjin mill-qasam ta' l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll lill-intrapriżi privati u lill-NGOs. Dawn l-organizzazzjonijiet jew għandhom forza tax-xogħol magħmula l-aktar mill-immigranti jew għandhom ħafna klijenti li huma immigranti. Il-kurrikulu joffri taħlita ta' taħriġ fl-għarfien kulturali, seminars dwar kwistjonijiet speċjali bħall-*mobbing*, l-inklużjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, kwistjonijiet legali ta' anti-diskriminazzjoni, u l-ġestjoni tad-diversità. Barra minn hekk, jiffoka wkoll fuq u joffri taħriġ fil-ħiliet tal-komunikazzjoni u fil-medjazzjoni (interkulturali). Il-parteċipanti jsiru 'piloti interkulturali' li jagħmluha ta' medjaturi, ta' persuni ta' kuntatt għan-nies li jkunu għaddew minn esperjenza ta' diskriminazzjoni, u ta' esperti dwar trattament ugwali fl-impjieg.

Ir-reklutaġġ u t-taħriġ huma strateġiji komplementari biex jinbena staff b'kompetenza interkulturali. Idealment l-iżvilupp ta' kompetenza interkulturali fost l-impjegati għandu jkun prijorità kontinwa aktar milli sforz ta' darba.

Anki b'reklutaġġ u b'taħriġ immirat, il-fornituri tas-servizzi ta' natura ġenerali x'aktarx li ma jkopru il-firxa sħiħa tad-diversità lingwistika, kulturali u reliġjuża permezz tal-persunal tagħhom stess. Għalhekk, huwa importanti li l-impjegati jkollhom aċċess ħafif u immedjat għal interpreti mħarrġa jew għal konsulenti speċjalizzati, per eżempju, fi kwistjonijiet kulturali u reliġjużi. Jista' jingħata taħriġ dwar l-aħjar użu tas-servizzi ta' l-interpretar u tat-traduzzjoni. Fejn il-kompetenza jew il-kapaċità ta' l-istituzzjoni ewlenija ma tkunx biżżejjed, ir-rabtiet mill-qrib ma' organizzazzjonijiet speċjalizzati jistgħu jkunu ta' ġid kbir.

  

Fil-Komunità Awtonoma ta' Madrid, l-immigranti jistgħu jintbagħtu f'ċentri speċjali ta' konsulenza jekk is-servizzi ġenerali – li jibqgħu l-ewwel post fejn jieqfu – jiddeċiedu li konsulenza aktar profonda tkun aktar ta' ġid għall-immigrant individwali. Matul sentejn, iċ-Ċentri ta' l-Assistenza Soċjali għall-Immigranti (CASI), li jiġu amministrati mill-NGOs, kważi rdoppjaw in-numru tal-każijiet tagħhom.

Il-fornituri tas-servizz jistgħu jużaw l-għarfien interkulturali tagħhom fl-interazzjonijiet kollha mal-klijenti. Il-komunikazzjoni personali tista' tiġi ffaċilitata billi jiġu adattati l-ħinijiet tal-ftuħ u l-possibbiltajiet tat-trasport. L-istrateġiji ta' informazzjoni jistgħu jużaw lingwi u medja differenti biex jilħqu lil komunitajiet partikolari. Għall-organizzazzjonijiet li jistrieħu ħafna fuq il-websajts, jista' jkun installat softwer speċjalizzat li jippermetti d-distribuzzjoni elettronika ta' l-informazzjoni f'lingwi differenti mingħajr problemi ta' tqassim, ta' stampar u ta' leġġibilità li ħafna drabi jaffettwaw is-sistemi ta' kitba li mhumiex Latini. L-informazzjoni għandha tiġi komunikata b'mod attiv, aktar milli wieħed joqgħod jistenna li l-immigranti javviċinaw l-organizzazzjoni. L-istrateġiji ta' informazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-għarfien tal-komunitajiet, u hija rrakkomandata l-kollaborazzjoni man-netwerks tal-migranti.

L-aħjar prattika turi li l-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali li jaħdmu mill-qrib ma' l-esperti jew ma' l-organizzazzjonijiet speċjalisti tejbu ferm l-aċċessibilità tas-servizzi tagħhom għall-immigranti.

L-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali jkunu mgħammra bl-aħjar mod biex jagħtu servizz lill-immigranti jekk itejbu kontinwament il-livell ta' kompetenza interkulturali tagħhom. L-informazzjoni strutturata u l-mekkaniżmi li jieħdu ħsieb l-ilmenti jistgħu jintużaw biex jinġabru r-risponsi. Fl-istess waqt, l-immigranti ikollhom l-aħjar opportunitajiet li jużaw is-servizzi jekk ikunu informati dwar il-firxa ta' għażliet u dwar ir-regoli li huma involuti biex wieħed ikollu aċċess għas-servizzi.





Il-muniċipalità u l-amministrazzjoni ta' l-isptar ta' Alessandria (fit-Tramuntana ta' l-Italja), taħt l-awspiċi tal-Kunsill ta' l-Immigrazzjoni Territorjali, jaħdmu biex jindirizzaw id-diffikultajiet tan-nisa Maghrebini biex ikollhom aċċess sħiħ għas-servizz tas-saħħa matul it-tqala tagħhom u meta jiġu biex iwelldu. L-ewwelnett, sar studju dwar is-sitwazzjoni personali u l-attitudnijiet aċċettati li kien hemm fost in-nisa barranin b'mod ġenerali li jikkonċernaw il-maternità u t-twelid, kif ukoll dwar l-opinjonijiet tagħhom dwar l-istrutturi tas-saħħa rilevanti. Imbagħad, l-istaff tas-servizz tas-saħħa tal-provinċja (il-kmamar tal-konsulenza, id-dipartimenti ta' l-ostetriċja u tal-pedjatrija) u tas-servizzi tal-muniċipalitajiet għat-tfal (*kindergartens*) ġew imħarrġa fi kwistjonijiet multietniċi. L-aħħar pass indirizza direttament lill-popolazzjoni mill-Maghreb, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa, sabiex jiżdied il-livell ta' għarfien dwar l-iskopijiet u l-metodi li jintużaw mis-servizzi tas-saħħa u mis-servizzi soċjali.

Fil-każ ta' proġett Awstrijak li jħares lejn l-immigranti fis-servizz tas-saħħa, it-taħriġ għall-immigranti ta bidu għal attivitajiet għall-kompetenza interkulturali ta' l-istaff ewlieni. Mill-1997, fi Graz, l-organizzazzjoni ZEBRA ħarrġet lill-immigranti biex jgħinu lill-membri tal-komunitajiet tagħhom ħalli jkollhom aċċess għas-sistema tas-saħħa, ħalli jagħtu l-pariri u jagħmluha ta' interpreti waqt żjarat għand it-tabib. Saru 'ħaddiema tar-rabta' voluntiera. Wara, ġie żviluppat kors ta' taħriġ għall-'konsulenti tas-saħħa', li bena fuq il-kunċett li s-servizz tas-saħħa stess għandu jibbenefika wkoll mill-għarfien u mill-kompetenza interkulturali. Il-migranti, li issa tħarrġu bħala konsulenti tas-saħħa, mhux biss jgħinu lill-membri tal-komunità tagħhom, iżda joffru konsulenza lill-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa ewlenin

www.zebra.org.at

Il-kompetenza interkulturali tista' tiġi introdotta bħala standard (Ewropew) tal-ġestjoni ta' kwalità li jitqies meta l-gvernijiet jiddeterminaw l-appoġġ tagħhom għall-organizzazzjonijiet jew fis-sejħiet għall-offerti pubbliċi.

Minħabba l-firxa wiesgħa ta' fornituri tas-servizzi fl-isfera pubblika u f'dik privata, iridu jintużaw diversi strateġiji biex tkun promossa l-kompetenza interkulturali. L-organizzazzjonijiet għandu jkollhom l-għażla bejn għadd ta' tekniki biex jadattaw irwieħhom għad-diversità kulturali u lingwistika. Il-*Land* Ġermaniż tan-Nordrhein-Westfalen irrisponda għal din il-ħtieġa ta' għażliet differenti billi ppubblika l-'*Implementation Handbook on Integration*' ('Ktejjeb ta' tagħrif ta' l-Implimentazzjoni dwar l-Integrazzjoni'). Dan il-ktejjeb ta' tagħrif huwa maħsub għall-muniċipalitajiet u fih deskrizzjonijiet ta' 'soluzzjonijiet amministrattivi' li kienu ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni. Fih ukoll eżempji għal muniċipalitajiet kbar u żgħar u jipprovdi informazzjoni dwar l-istrumenti li jintużaw biex tkun introdotta l-prattika, dwar l-ispejjeż u dwar il-benefiċċji, kif ukoll dwar il-fatturi tas-suċċess. Il-muniċipalitajiet jistgħu jagħżlu dawk l-eżempji li l-aktar li huma adattati għas-sitwazzjoni tagħhom u jużaw l-għodod ipprovduti biex tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti fl-istrutturi u s-servizzi tagħhom. Fil-Ġermanja wkoll, is-'servizzi migratorji' (Migrationsdienste), li jitmexxew minn organizzazzjonijiet tal-ħarsien soċjali tal-Knisja jew sekulari, jużaw mudelli differenti biex ikunu miftuħa għall-immigranti.



## 2.2 L-involviment taċ-ċittadini u ta' l-immigranti

Iċ-ċittadinanza attiva tenfasizza l-ħiliet ta' l-immigranti u tissuġġerixxi modi kif wieħed jista' jieħu l-aktar minnhom kemm għall-immigranti kif ukoll għas-soċjetà kollha.

L-aċċess għas-servizzi huwa aspett importanti tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà, iżda dan huwa biss wieħed minn ħafna. L-immigranti u dawk li mhumiex immigranti jinvolvu rwieħhom ma' xulxin u fis-soċjetà f'assoċjazzjonijiet volontarji, fi gruppi reliġjużi u fix-xena politika. Dan huwa fejn isseħħ iċ-ċittadinanza attiva u fejn il-parteċipazzjoni fi sforzi komuni tagħti kontribut lill-integrazzjoni. Waqt li fil-provvista tas-servizzi għandha tingħata ħafna attenzjoni lill-ostakli għall-provvista ta' servizz inklużiv u fuq kif dawn jistgħu jitneħħew, attenzjoni ffukata fuq ċittadinanza attiva tenfasizza l-ħiliet u tissuġġerixxi l-modi kif jista' jittieħed l-akbar vantaġġ minnhom kemm għall-immigranti kif ukoll għas-soċjetà kollha.

Waqt li l-organizzazzjonijiet minn settur għall-ieħor jiffaċċjaw il-kompitu li jkabbru kemm jistgħu l-potenzjal tal-parteċipazzjoni, hemm metodi kif jistgħu jiġu involuti ċ-ċittadini u l-immigranti li huma speċifiċi għal ċerti oqsma tas-soċjetà. Bl-istess mod, organizzazzjonijiet li huma attivi f'dawn l-oqsma jistgħu jieħdu passi partikolari biex joħolqu opportunitajiet għall-parteċipazzjoni ta' l-immigranti. Fil-qasam tal-parteċipazzjoni reliġjuża, id-djalogu jista' jkun mod kif jinvolvi lill-immigranti u lil dawk li mhumiex immigranti fi twemmin u denominazzjonijiet differenti. Il-korpi konsultattivi u d-drittijiet elettorali huma passi li jwasslu għal ċittadinanza sħiħa li tiġi permezz tan-naturalizzazzjoni. U li jiġi ffaċilitat il-volontarjat ta' l-immigranti huwa mod tajjeb kif għandha tiġi promossa l-parteċipazzjoni ċivika fl-isfera soċjali.

### 2.2.1 Id-djalogu reliġjuż

Ħafna drabi r-reliġjon għandha rwol pożittiv fil-proċess ta' integrazzjoni, li jista' jitkabbar billi jiġi ffaċilitat id-djalogu fost il-komunitajiet tat-twemmin ta' l-immigranti u bejn dawn u s-soċjetà dominanti.

Ir-reliġjon tista' tkun ta' ġid għall-integrazzjoni soċjali u tipprovdi ħafna opportunitajiet għal interazzjoni pożittiva. Bħall-kultura fuq livell usa', ir-reliġjon hija element ta' integrazzjoni. Tista' tifforma qafas importanti għall-iżvilupp taċ-ċittadinanza u tal-kompetenzi taċ-ċittadinanza.

Id-denominazzjonijiet Insara ewlenin għandhom tradizzjoni twila li jistabbilixxu strutturi ta' djalogu bejniethom stess, u ħafna drabi dawn jitqiesu bħala punt ta' tluq għal djalogu ma' denominazzjonijiet jew reliġjonijiet oħra. Il-knejjes ospitanti jistgħu jiftħu djalogu ekumeniku mal-knejjes migranti. Barra minn hekk, jistgħu jipparteċipaw fi u jħeġġu d-





djalogu interreliġjuż. Id-djalogu interreliġjuż jista' jsir bejn komunitajiet speċifiċi (bħalma huma l-Forum Abramiku fil-Ġermanja li jinkludi l-Insara, il-Musulmani u l-Lhud – ara **www.interkultureller-rat.de**), jew inkella jista' jkollu bażi wiesgħa. Per eżempju, il-*UK Interfaith Network* (in-Netwerk Interreliġjuż tar-Renju Unit) jaħdem biex jibni relazzjonijiet tajba bejn il-komunitajiet tat-twemmin Baħai, Buddist, Nisrani, Ħindu, *Jain*, Lhudi, Musulman, *Sikh* u Żoroastrijan. Servej li sar min-netwerk jissuġġerxxi li bħalissa fir-Renju Unit hemm iktar minn 130 grupp lokali, kunsill jew forum għal djalogu bejn it-twemmin. (**www.interfaith.co.uk**)

Il-gvernijiet għandhom jipprovdu appoġġ għad-djalogu interreliġjuż billi jiffaċilitaw it-twaqqif ta' strutturi ta' djalogu u billi jikkontribwixxu r-riżorsi fejn ikun xieraq.

Il-gvernijiet ħeġġew b'mod speċifiku d-djalogu interreliġjuż bħala mod biex ikunu pprevenuti l-konflitti jew it-tensjonijiet bejn il-komunitajiet u, speċjalment mill-11 ta' Settembru 2001 lil hawn, biex ikun miġġieled il-fundamentaliżmu. L-awtoritajiet jistgħu jgħinu d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet fuq livelli differenti billi jipprovdu strutturi għad-diskussjoni jew billi jgħinu ħalli jissolva l-istatus legali tal-knejjes migranti. Minkejja s-suċċess, f'ħafna każijiet, ta' inizjattivi ta' din ix-xorta, huwa importanti li wieħed jinnota li d-djalogu, inkluż dak interreliġjuż, mhuwiex 'soluzzjoni ta' malajr' u mhux dejjem jista' jsolvi konflitti immedjati.

Lil hinn milli jsaħħu l-komunikazzjoni bejn gruppi reliġjużi differenti, il-gvernijiet jistgħu anki jipprovaw jistabbilixxu strutturi ta' djalogu bejn ir-rappreżentanti tal-gvern u dawk reliġjużi. Per eżempju, fl-1992 fir-Renju Unit, il-gvern stabbilixxa l-Kunsill Reliġjuż ta' l-Ibliet ta' Ġewwa (ICRC), korp li huwa ppresjedut minn Ministru tal-Gvern u li huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-komunitajiet Insara, Ħindu, Lhud, Musulmani u *Sikh*. L-ICRC jiffoka fuq it-tiġdid urban u fuq l-inklużjoni soċjali u jipprovdi proposti għall-politika ta' koeżjoni tal-komunitajiet tal-Ministeru ta' l-Intern. (**www.neighbourhood.gov.uk/faith_communities.asp?pageid=169**) Hemm ukoll 'grupp ta' prattikanti reliġjużi għall-koeżjoni tal-komunitajiet' li jindirizza kwistjonijiet simili. Tista' tinħoloq sfida minħabba li m'hemmx interlokutur wieħed għar-reliġjonijiet jew għall-gruppi ta' twemmin kollha. Kultant, l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom jieħdu deċiżjonijiet iebsin dwar ma' liema organizzazzjonijiet għandhom jinteraġixxu.

Ħafna mill-konsultazzjonijiet bejn il-gvern u l-gruppi reliġjużi jikkonċernaw l-implikazzjonijiet tas-separazzjoni bejn l-Istat u l-knisja li hija komuni għal ħafna pajjiżi Ewropej, għalkemm mhux għal kollha. Jeżistu mudelli differenti li jvarjaw minn '*laïcité*' stretta sa l-eżistenza ta' knisja-stat. F'diversi pajjiżi, id-distinzjoni reliġjuża/sekulari saret tema għal diskussjoni fejn għandhom x'jaqsmu r-residenti Musulmani. Meta jkun qed jiġi negozjat ir-rwol tar-reliġjon fil-ħajja pubblika, huwa essenzjali li l-parteċipanti kollha fid-dibattitu jkunu informati sew. Per eżempju, il-gvern Franċiż se jippubblika 'gwida repubblikana' biex titqassam fl-iskejjel, fejn jiġu spjegati r-regoli wara l-*laïcité*. Bil-maqlub, l-għarfien



dwar ir-reliġjon huwa essenzjali għall-gvern u għall-pubbliku ġenerali. Il-partijiet interessati kollha li huma rilevanti jistgħu jikkontribwixxu billi jiżviluppaw materjali u metodi ta' informazzjoni xierqa biex jissaħħaħ l-għarfien tar-reliġjonijiet fost l-istaff tal-gvern, il-ġurnalisti u l-pubbliku, inklużi l-istudenti ta' l-iskejjel. Programmi ta' din ix-xorta s'issa kienu aktar spissi fil-qasam kulturali, u jistgħu jiġu adattati mudelli ta' suċċess għall-qasam reliġjuż.

### 2.2.2 Iċ-ċittadinanza

Il-parteċipazzjoni fil-proċessi politiċi hija wieħed mill-elementi l-aktar importanti ta' ċittadinanza attiva. Il-parteċipazzjoni politika ta' l-immigranti tipprovdi opportunitajiet għall-integrazzjoni u għandha tkun appoġġjata fil-forom differenti tagħha, inkluż l-akkwist tan-nazzjonalità, id-drittijiet elettorali lokali u l-istrutturi konsultattivi.

Il-parteċipazzjoni politika għandha ħafna aspetti: attivitajiet bħall-votazzjoni, l-affiljazzjoni ma' partiti politiċi, li wieħed isegwi dibattiti politiċi fl-aħbarijiet, il-parteċipazzjoni f'kampanji elettorali, il-kuntatt mal-politiċi, il-kitba ta' l-ittri lir-rappreżentanti tal-gvern, u li wieħed isir kandidat f'elezzjoni, fost l-oħrajn.

L-immigranti se jiksbu l-ogħla grad ta' drittijiet politiċi, jekk isiru ċittadini tal-pajjiż li fih għandhom ir-residenza tagħhom. Fejn għandhom x'jaqsmu l-persuni li mhumiex ċittadini, ġiet iffukata xi attenzjoni fuq il-kunċett taċ-ċittadinanza ċivika. Fil-*Komunikazzjoni fuq il-politika dwar l-immigrazzjoni fil-Komunità* tagħha ta' Novembru 2000, il-Kummissjoni ddefiniet iċ-ċittadinanza ċivika bħala li tiggarantixxi ċerti drittijiet u obbligi ċentrali għall-immigranti li għandhom jiksbu gradwalment tul perjodu ta' snin. Iċ-ċittadinanza ċivika għandha tgħin lill-immigranti biex isibu posthom b'suċċess fis-soċjetà, u tista' tkun ukoll l-ewwel pass fil-proċess biex tinkiseb in-nazzjonalità ta' l-Istat Membru konċernat. Il-Kummissjoni elaborat aktar dan il-kunċett fil-*Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Impjiegi* tagħha ta' Ġunju 2003, li rrakkomandat li r-residenti kollha jingħataw id-dritt li jivvotaw u li joħorġu bħala kandidati għall-inqas fl-elezzjonijiet lokali.

Barra mill-proċess elettorali, l-immigranti ħafna drabi għandhom l-opportunità li jieħdu sehem fi kmamar jew f'fora konsultattivi. Dawn jistgħu jkunu għodod siewja għall-parteċipazzjoni politika, għar-rappreżentazzjoni u għad-difiża ta' l-interessi tar-residenti barranin, speċjalment fuq livell lokali. Bil-forom kollha ta' parteċipazzjoni politika, l-immigranti għandhom it-tendenza li jieħdu aktar sehem hekk kif jitwal iż-żmien tar-residenza tagħhom u skond fatturi individwali bħalma huma l-età, l-edukazzjoni u d-dħul. Madankollu, il-parteċipazzjoni tiddependi wkoll b'mod kruċjali fuq il-ħolqien ta' strutturi ta' opportunità għall-immigranti u fuq istituzzjonijiet soċjali li jkunu miftuħa.





## Id-drittijiet elettorali

Ir-rappreżentattività u l-leġittimazzjoni demokratika tal-politika jitkabbru billi jiġu estiżi d-drittijiet politiċi formali ta' l-immigranti. Fejn ikun hemm drittijiet formali, jeħtieġ li jiġu pprattikati b'impenn min-naħat kollha, inklużi l-partiti politiċi.

Fid-demokraziji, id-drittijiet elettorali huma fiċ-ċentru tal-parteċipazzjoni politika. B'mod partikolari fuq livell lokali, id-drittijiet elettorali jagħtu lill-immigranti rappreżentazzjoni politika f'deċiżjonijiet li jaffettwaw l-aktar interess immedjat tagħhom. Per eżempju, ħafna immigranti huma interessati b'mod partikolari fil-politika għal oqsma bħad-djar għall-pubbliku, is-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni, fejn hemm it-tendenza li l-awtoritajiet muniċipali jkollhom kompetenzi qawwija. Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri ta' l-UE issa taw lill-immigranti ċertu livell ta' drittijiet elettorali fuq livell lokali, bi gradi differenti ta' restrizzjoni.

Il-gvernijiet għandhom jagħtu d-drittijiet elettorali lir-residenti kollha għall-inqas fuq livell lokali u għandhom inaqqsu kemm jista' jkun l-ostakli għall-użu ta' dawn id-drittijiet, bħalma huma l-ħlasijiet jew ir-rekwiżiti burokratiċi. L-immigranti jistgħu jiġu mħeġġa jagħmlu użu mid-drittijiet elettorali permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' bini tal-kapaċitajiet, li jistrieħu b'mod partikolari fuq in-netwerks li jiġu offruti mill-organizzazzjonijiet ta' l-immigranti.

L-Irlanda huwa pajjiż fejn hemm ftit restrizzjonijiet fejn għandhom x'jaqsmu l-elezzjonijiet lokali għaliex ir-rekwiżit tar-residenza huwa komparattivament qasir (residenza ordinarja sa mill-1 ta' Settembru 2003 għall-elezzjonijiet lokali tal-11 ta' Ġunju 2004) u dawk li qed ifittxu kenn politiku kif ukoll ir-refuġjati rikonoxxuti u l-immigranti bin-nazzjonalitajiet kollha jistgħu jirreġistraw biex jivvotaw. Fil-Lussemburgu, dawk li mhumiex ċittadini jiksbu d-drittijiet elettorali wara ħames snin ta' residenza (dawk li mhumiex ċittadini ta' l-UE jistgħu jivvotaw biss, waqt li ċ-ċittadini ta' l-UE jistgħu joħorġu bħala kandidati). Fl-2003 tnediet kampanja nazzjonali biex il-barranin ikunu mħeġġa jirreġistraw irwieħhom fir-reġistri elettorali. Dan mhuwiex proċess awtomatiku u l-individwi jridu jmorru fil-muniċipju biex jirreġistraw. Inħoloq grupp ta' ħidma fuq il-livell tal-Kummissjoni tal-Gvern għall-Barranin, li jinkludi rappreżentanti ta' dipartimenti u ministeri differenti kif ukoll ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Saru wkoll fuljetti u posters f'diversi lingwi. Instab li kienet strateġija ta' suċċess li fil-mira jkun hemm individwi influwenti mill-komunitajiet barranin.

L-interess ta' l-immigrant biex jivvota jikber bil-preżenza ta' kandidati immigranti. Waqt li l-immigranti jistgħu joħorġu bħala indipendenti (dan huwa minnu għall-maġġoranza tal-kandidati immigranti li ħarġu għall-elezzjonijiet lokali ta' Ġunju 2004 fl-Irlanda), il-partiti politiċi ewlenin ukoll qed jiġu mħeġġa biex jinkoraġġixxu b'mod attiv il-parteċipazzjoni ta' kandidati immigranti. Huwa importanti li l-kandidati immigranti



jkollhom il-possibbiltà li jirrappreżentaw kwistjonijiet li jolqtu lil kulħadd aktar milli kwistjonijiet ta' l-immigranti biss, li jista' jkollha effett ta' segregazzjoni.

Il-partiti politiċi se jaraw żjieda fl-involviment ta' l-immigranti fejn joqogħdu lura milli jużaw retorika kontra l-immigrazzjoni fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tagħhom. F'dan il-kuntest, l-NCCRI ta' l-Irlanda nieda Protokoll kontra r-Razziżmu għall-Partiti Politiċi f'relazzjoni ma' l-imġieba fil-kampanji elettorali, li ġie ffirmat mill-partiti politiċi kollha fil-Parlament. (**www.nccri.com/elections.html)** Ħafna partiti politiċi jippromwovu l-inklużjoni ta' l-immigranti fis-soċjetà u fl-istituzzjonijiet tagħha, iżda jittraskuraw ir-rwol eżemplari tagħhom u l-ħtieġa għal programmi edukattivi jew ta' sensibilizzazzjoni li jkunu speċifiċi. Ħafna drabi, l-immigranti għandhom inqas aċċess għar-riżorsi finanzjarji u għan-netwerks soċjali li jikkontribwixxu għas-suċċess elettorali, u fil-parti l-kbira tal-pajjiżi hemm il-bżonn ta' iktar sforzi biex tkun appoġġjata l-parteċipazzjoni tagħhom.

## Il-korpi konsultattivi

Fuq livell lokali u nazzjonali, il-korpi konsultattivi għandhom potenzjal li jagħtu stimolu lill-parteċipazzjoni politika ta' l-immigranti u li jtejbu l-politika ta' integrazzjoni billi jikkomunikaw il-fehmiet tar-rappreżentanti ta' l-immigranti lill-gvern u lill-partijiet interessati l-oħra. Idealment xogħolhom huwa proattiv u l-membri tagħhom jingħataw appoġġ biex jipproduċu kontribuzzjonijiet ta' kwalità għolja.

L-istrutturi konsultattivi jagħtu biss livell baxx ta' drittijiet politiċi, iżda dawn jistgħu jirnexxilhom iħeġġu l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti fil-ħajja pubblika. Fuq il-livell lokali, jistgħu jtejbu u jarmonizzaw ir-relazzjonijiet bejn ir-residenti barranin u setturi oħra tal-komunità (l-awtoritajiet, il-korpi amministrattivi, iċ-ċittadini). Fuq il-livell nazzjonali, il-gvernijiet jistgħu jqisu l-opinjonijiet ta' l-immigranti dwar l-abbozzi tal-liġijiet jew dwar il-programmi li huma relatati ma' l-integrazzjoni. L-istrutturi konsultattivi jeżistu fil-parti l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, bil-gvernijiet ħafna drabi jieħdu l-inizjattiva biex iwaqqfuhom. Per eżempju, fir-Repubblika Ċeka l-Kummissjoni tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali għandha r-rwol ta' korp konsultattiv u ta' wieħed li jifformula l-politika. Fl-Estonja, ir-*Roundtable* Presidenzjali dwar il-Minoranzi Nazzjonali torganizza diskussjonijiet dwar kwistjonijiet tal-ħajja politika u pubblika, li jinkludu kwistjonijiet li huma relatati ma' l-etniċità.

F'uħud mill-każijiet, it-twaqqif ta' korpi konsultattivi huwa meħtieġ bil-liġi ladarba l-komunità ta' persuni li mhumiex ċittadini tilħaq ċertu daqs. Per eżempju, fil-Lussemburgu l-munċipalitajiet b'aktar minn 20% ta' barranin jiġu obbligati jistabbilixxu kummissjonijiet konsultattivi. Fid-Danimarka, l-Att dwar l-Integrazzjoni jipprovdi għat-twaqqif tal-Kunsill nazzjonali għall-Minoranzi Etniċi, li huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-kunsilli ta' l-integrazzjoni lokali. Dawn il-korpi jistgħu jiġu stabbiliti mill-muniċipalitajiet; s'issa hemm madwar 70 kunsill ta' l-integrazzjoni lokali.





Il-korpi konsultattivi, speċjalment fuq il-livell nazzjonali, ħafna drabi jinkludu r-rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet mhux governattivi u ta' l-immigranti, flimkien mar-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet pubbliċi u ta' l-imsieħba soċjali. Per eżempju, il-Kunsill Konsultattiv għall-Affarijiet ta' l-Immigrazzjoni tal-Portugall, l-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Koordinazzjoni tal-Politika ta' Integrazzjoni għall-Migranti ta' l-Italja, u l-Forum ta' l-Immigrazzjoni ta' Spanja kollha jinkludu dawn it-tliet gruppi. Fuq il-livell lokali, il-korpi konsultattivi ħafna drabi jkunu magħmulin minn rappreżentanti li ġew eletti lokalment u minn immigranti. F'uħud mill-każijiet, korpi 'purament' ta' l-immigranti jorganizzaw laqgħat regolari bejniethom u minn żmien għall-ieħor jiltaqgħu flimkien ma' l-awtoritajiet u mall-partijiet interessati l-oħra.

Il-konsultazzjoni trid tqis id-diversità tal-popolazzjonijiet ta' l-immigranti u jeħtieġ li jinstabu mekkaniżmi aċċettati għall-għażla tar-rappreżentanti. Fil-Lussemburgu, il-15-il rappreżentant ta' l-immigranti li qed iservu fuq il-Kunsill Nazzjonali għall-Barranin jintgħażlu skond ir-rappreżentazzjoni proporzjonali tal-komunità tagħhom fil-popolazzjoni, skond l-aktar ċensiment reċenti. Fl-istruttura tad-djalogu nazzjonali ta' l-Olanda, il-minoranzi huma rappreżentati mill-federazzjonijiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-gruppi tal-minoranzi. Biex ikunu aċċettati, il-federazzjonijiet jiġu kkontrollati għar-rappreżentattività tagħhom, kontroll li jiġi ripetut perjodikament. F'uħud mill-pajjiżi, isiru elezzjonijiet għall-kumitati konsultattivi. Oħrajn jistrieħu fuq l-esperti jew fuq individwi magħrufa li jkunu attivi fil-qasam ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Madankollu, mhux dejjem ikun ċar jekk il-membri humiex primarjament individwi jew rappreżentanti tal-kostitwenza jew ta' l-organizzazzjoni tagħhom. Jista' jkun diffiċli wkoll biex ikun hemm aċċess għal ċerti komunitajiet fi ħdan il-popolazzjoni ta' l-immigranti.

Il-flessibilità fil-kompożizzjoni tal-korpi konsultattivi se sservi bl-aħjar mod l-iskop tal-konsultazzjoni, jekk jitqies li r-rappreżentattività tista' tinkiseb b'modi differenti. Li l-osservaturi jew il-membri li ma jivvotawx jitħallew jieħdu sehem fis-sessjonijiet jista' jżid it-trasparenza u l-fiduċja fl-istrutturi konsultattivi.

Waqt li l-kmamar konsultattivi m'għandhom l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet, dawn ġeneralment għandhom id-dritt li jaħsbu u jagħmlu l-proposti. Jistgħu jingħataw l-opinjonijiet fuq inizjattiva personali, iżda ġeneralment il-korpi konsultattivi jirrispondu għall-proposti ta' politika jew dawk leġiżlattivi tal-gvern billi jagħtu kontribut waqt is-seduti u billi jissottomettu kummenti miktuba dwar l-abbozzi tal-liġijiet. Minħabba f'hekk, l-aġenda tal-gvern ħafna drabi tiddetermina l-aġenda tagħhom. Ta' spiss, il-proposta li ssir tingħata fi stadju aktar tard tal-proċess tal-formulazzjoni tal-politika u għandha impatt limitat fuq is-sura tal-leġiżlazzjoni jew tal-programm finali.

Minħabba dawn il-limitazzjonijiet, il-korpi konsultattivi ma jistgħux jieħdu post id-drittijiet elettorali sħaħ u jibqgħu opportunità parallela għall-gvern biex jirċievi l-informazzjoni mill-komunitajiet konċernati dwar il-politika u l-azzjonijiet tiegħu. Joffru wkoll





opportunitajiet għall-viżibilità u għall-influwenza ta' l-immigranti li għandhom jintużaw b'mod sħiħ, għaliex l-eżistenza ta' 'punt ta' referenza' organizzat sew jagħmilha aktar diffiċli kemm għall-atturi pubbliċi u kemm għal dawk privati li jevitaw il-konsultazzjoni. Il-funzjoni tagħhom bħala 'skola ta' demokrazija' għall-immigranti għandha tiġi mħeġġa, mingħajr ma jitħallew jibqgħu biss imkejjen fejn isir id-diskors. B'mod partikolari, għandu jkun hemm tentattiv biex ikun hemm rabtiet iżjed mill-qrib mall-Parlament jew mall-kunsilli muniċipali. F'numru ta' muniċipalitajiet Taljani, inklużi Ruma u Turin, l-immigranti li ma jivvotawx li għandhom rwol konsultattiv jifformaw parti mill-kunsill muniċipali flimkien ma' l-uffiċjali eletti.

L-influwenza ta' l-immigranti hija l-akbar fejn il-proposti huma ta' kwalità għolja u fejn il-gruppi huma proattivi. Madankollu, biex ikunu żviluppati l-kontribuzzjonijiet li jista' jkollhom effett bikri u sinifikanti fuq il-proċess tal-formulazzjoni tal-politika, il-komunitajiet irid ikollhom il-kapaċità li jinvolvu rwieħhom f'dibattitu informat u kontinwu. Waqt li l-inizjattivi tal-bini tal-kapaċitajiet jista' jkollhom suċċess kbir, ix-xogħol tal-korpi konsultattivi ħafna drabi huwa limitat sew minħabba l-fatt li l-membri tagħhom ġeneralment ma jitħallsux.

Fir-Renju Unit, in-'netwerks tal-komunità' huma eliġibbli għall-fondi tal-proġetti taħt l-għotja ta' l-ugwaljanza bejn r-razez *Connecting Communities (Ir-Rabta Bejn il-Komunitajiet*). Fil-Portugall, il-Programm *Choices 2nd generation (Għażliet tat-Tieni Ġenerazzjoni)* jipprova jippromwovi l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ li ġejjin minn żoni li huma inqas privileġġjati, speċjalment dawk li huma tat-tieni jew tat-tielet ġenerazzjoni ta' immigranti. Waqt li jinbnew sħubiji mas-soċjetà ċivili, il-programm joffri t-taħriġ u jagħmel investiment qawwi fil-ħolqien ta' Ċentri ta' Inklużjoni Diġitali (CID), li jipprovaw jiżviluppaw il-kompetenzi taż-żgħażagħ biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà ta' l-informazzjoni. Billi indirizza l-parteċipazzjoni politika b'mod aktar speċifiku, il-gvern Żvediż introduċa programm speċjali ta' għotjiet għall-organizzazzjonijiet nazzjonali ta' l-immigranti biex iżid l-opportunitajiet ta' l-immigranti ħalli tingħata promozzjoni lill-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika. Bħalissa, hemm madwar 30 organizzazzjoni nazzjonali ta' l-immigranti. Ħafna minnhom għandhom segretarjati żgħar.

Il-konsultazzjoni mhux neċessarjament trid issir f''korpi ta' l-immigranti' speċifiċi. Numru ta' muniċipalitajiet waqqfu strutturi konsultattivi lokali biex jittrattaw suġġetti speċifiċi (il-familja, l-edukazzjoni, il-finanzi, l-enerġija, l-ambjent, l-iżvilupp ekonomiku u kummerċjali, id-djar, l-impjiegi, il-mobilità, iż-żgħażagħ, l-isport, eċċ.). L-immigranti jistgħu jkunu mħeġġa biex jipparteċipaw flimkien maċ-ċittadini fix-xogħol ta' dawn il-korpi konsultattivi.





## In-naturalizzazzjoni

L-attribuzzjoni tan-nazzjonalità tista' tkun għodda ta' integrazzjoni. Jekk in-naturalizzazzjoni tkun iffaċilitata jitnaqqsu d-differenzi fid-drittijiet bejn iċ-ċittadini u l-immigranti li ilhom perjodu ta' żmien twil residenti u tista' tinfetaħ firxa aktar sħiħa ta' opportunitajiet għall-parteċipazzjoni.

Fil-parti l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, il-proċess normali għal integrazzjoni legali jinvolvi l-konsolidament gradwali ta' l-istatus u l-estensjoni tad-drittijiet f'diversi stadji matul numru ta' snin. Ġeneralment, ma tkunx prevista naturalizzazzjoni mgħaġġla. Madankollu, l-immigrazzjoni kontinwa u l-preżenza ta' grupp dejjem jikber ta' persuni li mhumiex ċittadini li għandhom ir-residenza permanenti wasslu biex ħafna gvernijiet ibiddlu r-regoli tagħhom dwar in-naturalizzazzjoni, fejn ħafna drabi dawn jiffaċilitaw l-akkwist tan-nazzjonalità.

Minħabba r-regoli li qed jinbidlu, ir-rati ta' l-applikazzjonijiet għan-naturalizzazzjoni żdiedu, għalkemm f'ċerti każijiet jibqgħu inqas minn dawk mistennija. Il-Ministeru ta' l-Intern tar-Renju Unit ikkommissjona studju dwar il-fatturi li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet biex wieħed japplika għan-naturalizzazzjoni, b'ħarsa fid-dettal lejn il-kawżi u l-ostakli, inklużi dawk li huma speċifiċi għal ċerti nazzjonalitajiet. Għalkemm in-nuqqas ta' informazzjoni hija raġuni spissa għan-numri baxxi ta' applikazzjonijiet, l-immigranti jagħżlu wkoll li jieħdu drittijiet differenti skond is-sitwazzjoni tagħhom. Uħud mill-immigranti ma jfittxux in-naturalizzazzjoni għaliex kieku jitilfu ċ-ċittadinanza fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom jew għaliex jitilfu t-titli ereditarji jew id-dritt li jkollhom il-proprjetà hemmhekk. Li jiġu estiżi d-drittijiet elettorali u li n-naturalizzazzjoni ssir aktar faċli huma, għalhekk, strateġiji komplementari. Barra minn hekk, li titnaqqas id-differenza fid-drittijiet taċ-ċittadini u ta' dawk li mhumiex ċittadini għandu jagħmel l-għażla għan-naturalizzazzjoni inqas bħala strateġija biex tinkiseb is-sigurtà legali u iktar bħala espressjoni pożittiva ta' bidla fl-identità politika.

F'uħud mill-pajjiżi, in-naturalizzazzjoni titqies bħala r-riżultat u l-prova aħħarija ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti. It-test tal-lingwa u t-testijiet l-oħra jintużaw biex ikun ivverifikat il-livell ta' integrazzjoni ta' l-applikanti. Testijiet ta' din ix-xorta jista' jkollhom effett negattiv fuq ir-rati tan-naturalizzazzjoni minħabba d-diffikultà tagħhom jew minħabba l-ħlasijiet assoċjati magħhom.

Fejn jintużaw it-testijiet għan-naturalizzazzjoni, dawn jistgħu jiġu marbuta maċ-ċirkostanzi partikolari tal-persuni konċernati. Il-korsijiet ta' tħejjija għandhom ikunu disponibbli għall-immigranti u għandhom ikunu bi prezz li jifilħu għalih u ta' kwalità tajba.

Għalkemm in-naturalizzazzjoni kultant titqies bħala l-'punt tat-tmiem' tat-trajettorja ta' l-integrazzjoni, l-aċċess għan-nazzjonalità mhuwiex 'miżura maġika'. Il-migranti tat-tieni





u tat-tielet ġenerazzjoni, li huma ċittadini għadhom jistgħu jgħaddu minn xi esperjenza ta' diskriminazzjoni u jħossu n-nuqqas ta' appartenenza. Għalhekk, l-attenzjoni għandha tkun iffukata wkoll fuq opportunitajiet oħra għall-parteċipazzjoni, għalkemm tendenza kontinwa lejn naturalizzazzjoni faċilitata hija mixtieqa.

### 2.2.3 Il-parteċipazzjoni soċjali

Il-volontarjat huwa forma ta' parteċipazzjoni soċjali fejn l-immigranti għandhom rwol importanti bħala ċittadini attivi. Billi tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom u billi jingħata valur lill-kontribuzzjoni tagħhom ikun hemm promozzjoni għall-inklużjoni tagħhom u jkun hemm mobilizzazzjoni ta' ħiliethom.

Il-parteċipazzjoni soċjali tinkludi sett wiesa' ta' attivitajiet kemm fl-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali kif ukoll f'dawk ta' l-immigranti. Bil-parteċipazzjoni f'istituzzjonijiet u fi proġetti soċjali, l-immigranti jkollhom parti attiva fis-soċjetà u jibnu rabtiet mas-soċjetà ospitanti u mal-membri tagħha. Il-parteċipazzjoni soċjali tinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet: il-parteċipazzjoni attiva fi gruppi bħal gruppi ta' delizzju, klabbs tas-servizzi, organizzazzjonijiet sportivi u ta' rikreazzjoni, kunsilli ta' l-iskejjel, gruppi ambjentali, assoċjazzjonijiet tal-wirt kulturali, assoċjazzjonijiet tal-viċinat, jew gruppi internazzjonali ta' solidarjetà. L-aspett tal-volontarjat tal-migranti juri l-valur u l-karatteristiċi speċjali tal-parteċipazzjoni soċjali ta' l-immigranti.

L-immigranti l-ġodda ħafna drabi jiġu f'kuntatt mas-settur tal-volontarjat fi stadju bikri, għaliex fil-parti l-kbira tal-pajjiżi Ewropej il-voluntiera għandhom rwol importanti fl-introduzzjoni ta' l-immigranti u tar-refuġjati l-ġodda. Dawn iwettqu firxa wiesgħa ta' funzjonijiet li jinkludu servizzi ta' pariri, ta' informazzjoni u ta' ħarsien soċjali. L-iskemi ta' 'ospitant', 'kunsillier' jew 'kuntatt' personali ħafna drabi jistabbilixxu rabtiet siewja bejn l-immigranti u r-refuġjati l-ġodda u s-soċjetà ospitanti. Fl-Estonja, programm ta' skambju għall-familji għat-tfal ta' familji li jitkellmu bl-Estonjan u ta' familji li ma jitkellmux bl-Estonjan irnexxielu jtejjeb il-ħiliet lingwistiċi tat-tfal kif ukoll il-kompetenzi soċjali u t-tolleranza reċiproka tagħhom. Taħt din l-iskema, żgħazagħ li fil-parti l-kbira tagħhom mhumiex Estonjani jistgħu jqattgħu minn ġimgħa sa xahrejn f'familja Estonjana li tkun tgħix fil-kampanja, u jieħdu sehem attiv fil-ħajja tagħha ta' kuljum. L-għan ta' l-iskambju huwa li jbaxxi l-barrieri tal-lingwa għat-tfal, jintroduċi l-kultura, l-istorja u t-tradizzjonijiet ta' l-Estonja, u jippromwovi l-assoċjazzjoni bejn il-familji Estonjani u dawk li mhumiex.

Il-migranti stess jivvolontarjaw kemm fl-assoċjazzjonijiet tal-migranti kif ukoll fl-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali. L-involviment ta' ħafna persuni fl-'awto-organizzazzjonijiet' ta' l-immigranti mhux dejjem jiġi rikonoxxut bħala forma ta' volontarjat, minkejja l-fatt li l-parti l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet tal-migranti jiddependu ħafna fuq ix-xogħol volontarju tal-membri tagħhom. Ħafna drabi organizzazzjonijiet ta' din ix-xorta





jikkonċentraw fuq li jgħinu lilhom infushom, iżda jkopru wkoll firxa wiesgħa ta' attivitajiet oħra. Ħafna migranti huma attivi f'organizzazzjonijiet li jippromwovu l-ko-żvilupp. Oħrajn jieħdu sehem f'movimenti ambjentali. Fil-fatt, l-assoċjazzjonijiet tal-migranti ħafna drabi jkollhom aktar funzjonijiet x'jaqdu mill-klabbs ta' natura ġenerali, fejn iwettqu varjetà ta' funzjonijiet, inklużi dawk ta' divertiment, sportivi, kulturali, reliġjużi u politiċi, kif ukoll jiddiskutu problemi prattiċi.

L-involviment fl-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali huwa t-tieni aspett tal-parteċipazzjoni soċjali ta' l-immigranti. Fis-settur tal-volontarjat, l-involviment b'suċċess ta' l-immigranti ħafna drabi jiddependi minn kemm l-istrutturi tar-reklutaġġ ikunu miftuħa. Ir-reklutaġġ f'assoċjazzjonijiet volontarji isir l-aktar bil-fomm, b'tali mod li n-nuqqas ta' kuntatti informali bejn l-immigranti u l-popolazzjoni maġġoritarja għandu t-tendenza li jirrepeti ruħu fis-sħubija ta' l-organizzazzjonijiet volontarji. Kultant ukoll, fost l-immigranti hemm  nuqqas ta' għarfien dwar il-firxa ta' rwoli f'organizzazzjonijiet volontarji. Madankollu, kulma jmur l-organizzazzjonijiet li jinvolvu l-voluntieri qegħdin jaraw dejjem aktar il-benefiċċji li l-voluntiera tagħhom ikunu diversifikati biex jirriflettu l-komunitajiet fejn jaħdmu. Fl-Irlanda, ħafna gruppi ta' appoġġ għall-persuni li jfittxu kenn politiku adottaw b'suċċess lill-persuni li qed ifittxu kenn politiku fil-kumitati ta' ġestjoni tagħhom. Fir-Renju Unit, l-għaqdiet tal-karità nazzjonali ħatru ħaddiema ta' sensibilizzazzjoni li jirreklutaw mill-komunitajiet lokali kollha. L-evalwazzjoni ta' programm rilevanti tal-gvern tar-Renju Unit (*Black and Minority Ethnic Twinning*, Il-Ġemellaġġ Etniku tas-Suwed u tal-Minoranzi) tissuġġerixxi li l-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali jeħtieġ li jkunu proattivi meta jfittxu l-voluntiera, li wħud mill-voluntiera potenzjali jista' jkollhom nuqqas ta' konfidenza, iżda li huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat il-potenzjal biex jiġu żviluppati l-ħiliet.

Fil-Ġermanja, il-proġett 'Appoġġ għall-involviment ċiviku ta' nies li qed jgħixu f'pajjiż ġdid (Spätaussiedler)' tal-Fondazzjoni *Ċittadini għaċ-Ċittadini (Citizens for Citizens)* ilu jirċievi fondi mill-Istat sa mill-2001. Il-grupp ikkonċernat jikkonsisti kemm minn persuni lokali kif ukoll minn persuni li qed jgħixu f'pajjiż ġdid. L-imsieħba tal-proġett lokali, bħalma huma l-aġenziji tal-volontarjat, l-aġenziji tal-ħarsien soċjali u l-istituti ta' l-edukazzjoni għall-adulti, jieħdu sehem fl-organizzazzjoni ta' seminars u laqgħat ta' ħidma dwar l-involviment ċiviku. Il-mira ta' dawn l-avvenimenti hija biex il-persuni li qed jgħixu f'pajjiż ġdid ikunu motivati għal involviment ċiviku u biex ikunu suġġeriti metodi konkreti ta' parteċipazzjoni.

L-involviment ta' l-immigranti fl-organizzazzjonijiet volontarji ta' natura ġenerali għandu jingħata promozzjoni. Idealment l-istrateġiji ta' reklutaġġ għall-membri voluntiera jqisu d-diversità kulturali.

Fuq il-livell tal-viċinati urbani, hemm ambitu partikolari għall-parteċipazzjoni soċjali mill-gruppi kollha – żgħar u kbar, minoranza jew maġġoranza. It-titjib tad-djar u ta' l-





ambjenti residenzjali, il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku lokali, u t-titjib fis-servizzi pubbliċi ġenerali bħalma huma s-servizzi tas-saħħa, ta' l-edukazzjoni u tad-djar huma għanijiet komuni għall-immigranti u għal dawk li mhumiex immigranti u jistgħu jservu biex iressquhom flimkien madwar impenn komuni.

L-organizzazzjoni Olandiża FORUM tqis l-Istudji ta' l-Ippjanar tar-Residenti bħala mod innovattiv ta' kif jingħata stimolu lill-parteċipazzjoni soċjali. Studju ta' ppjanar tipikament ikun organizzat fil-viċinati li jkunu se jgħaddu minn ristrutturar urban. Jikkonsisti minn grupp li jvarja bejn 10 u 20 resident li primarjament ikunu jappartjenu lil xi minoranza etnika li jsegwu programm fiss tul perjodu ta' tliet xhur. F'serje li tista' tasal sa 10 laqgħat ta' ħidma, dawn jiddiskutu ix-xewqat u l-ħolm tagħhom fejn għandhom x'jaqsmu kwistjonijiet ta' djar u jikkatalogaw b'mod sistematiku l-problemi u l-opportunitajiet li jeżistu f'dak il-viċinat. Jikkollaboraw ma' l-esperti biex jibdlu l-ideat tagħhom fi proposti vijabbli, billi jużaw ritratti, dijagrammi u tpinġijiet. L-abbozz tal-pjanijiet jiġu ppreżentati lill-uffiċjali ta' l-awtorità lokali, lill-assoċjazzjonijiet tad-djar u lill-iżviluppaturi tal-proprjetà, u huma mfassla biex il-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet jinkluduhom fil-pjani uffiċjali ta' l-iżvilupp tagħhom.

www.forum.nl

Il-ftuħ ta' istituzzjonijiet u ta' organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali għaċ-ċittadini kollha, kemm jekk huma immigranti u kemm jekk le, iseħħ matul iż-żmien. Ħafna drabi jinvolvi l-bidla fl-organizzazzjoni u wieħed jista' jiddistingwi stadji differenti (mill-ippjanar sa l-evalwazzjoni). Fuq livell nazzjonali u anki Ewropew, jista' jitqies għat-tfassil u għall-adozzjoni ta' statut volontarju dwar il-prinċipji ewlenin li jsaħħu l-istrateġiji għall-ftuħ u għall-inklużività ta' l-organizzazzjoni. Statut ta' din ix-xorta jista' jiġi żviluppat f'konsultazzjoni ma' l-inizjattivi Ewropej fl-oqsma tal-ġestjoni ta' kwalità.

Il-gvernijiet fuq il-livelli kollha jistgħu jagħtu eżempju tajjeb billi japplikaw teknika u għodod sabiex isiru miftuħa u inklużivi għalihom stess u billi jagħmlu mill-ftuħ u mill-inklużività rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet li jirċievu s-sussidji jew li jipparteċipaw fis-sejħiet għall-offerti pubbliċi.





## 2.3 L-organizzazzjonijiet isiru miftuħa u inklużivi

*L-ippjanar strateġiku u l-iżvilupp tal-politika*

L-ewwel stadju jinvolvi l-formulazzjoni ta' pjan ta' organizzazzjoni biex ikun hemm rispons għad-diversità tal-popolazzjoni f'termini ta' kultura, lingwa, reliġjon, eċċ. Hija meħtieġa tmexxija b'saħħitha minn fuq. Il-partijiet kollha ta' l-organizzazzjoni għandhom ikunu konxji mill-pjan u jallinjaw il-proċessi ta' l-ippjanar tagħhom miegħu. F'organizzazzjonijiet kbar, mhux biss il-pjanijiet ġenerali imma anki l-pjanijiet tad-diviżjonijiet għandhom jirriflettu interess fid-diversità. Il-prijoritajiet stabbiliti fil-pjan għandhom ikunu riflessi fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

L-ippjanar jibda bl-għarfien tas-sħubija u tal-firxa ta' l-organizzazzjoni: kemm il-immigrant jieħu sehem fl-organizzazzjoni u x'inhuma r-rwoli u l-karatteristiċi tagħhom? Elenku tan-nies involuti fl-organizzazzjoni jista' jkun il-punt tat-tluq mhux biss biex ikunu identifikati l-ħtiġiet, iżda wkoll biex ikunu mobilizzati l-ħiliet.

*L-implimentazzjoni tal-politika*

Fl-istadju li jmiss, l-organizzazzjoni tintegra l-konsiderazzjonijiet tad-diversità fil-funzjonament ta' l-organizzazzjoni fuq il-livelli kollha. L-organizzazzjoni tiżgura l-aċċessibiltà tas-servizzi jew ta' l-attivitajiet kollha u tikkomunika regolarment ma' persuni bi sfondi differenti. L-organizzazzjoni tippremja l-kompetenza interkulturali fir-reklutaġġ, toffri taħriġ, jew tfittex għajnuna minn barra l-organizzazzjoni biex tgħin lill-istaff jew lill-membri ħalli jirrispondu b'mod effettiv għad-diversità.

*Ir-rappurtaġġ u l-evalwazzjoni*

L-organizzazzjoni tirrapporta dwar in-numri u l-isfond tal-klijenti jew tal-parteċipanti, dwar l-involviment ta' dawn il-persuni fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika, dwar in-numru ta' staff li jkunu qed jitħarrġu fid-diversità kulturali, eċċ. Ir-rapporti juru wkoll liema sforzi jkunu qed isiru biex tintlaħaq popolazzjoni diversa (u kif dan jiġi rifless fl-allokazzjoni tar-riżorsi) u kif dawn l-isforzi jkunu qed jiġu vvalutati mill-gruppi konċernati. Il-valutazzjoni regolari tar-riżultati tinforma l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-organizzazzjoni.





## Kapitolu 2: Konklużjonijiet

1. L-istrateġiji li jirrispondu għall-ħtiġiet speċjali u għaċ-ċirkostanzi ta' l-immigranti u li jagħmlu kapital mill-ħiliet tagħhom ikabbru s-sens ta' appartenenza u s-sens ta' parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà. L-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati għandhom jibbażaw dawn l-istrateġiji fuq l-ugwaljanza u fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Idealment dawn ikunu magħmulin apposta, ikunu flessibbli u jiġu soġġetti għal evalwazzjoni regolari.
2. Li jitfasslu servizzi apposta għall-ħtiġiet speċjali tal-gruppi differenti fost il-popolazzjoni huwa sforz kollaborattiv li jeħtieġ l-iżvilupp ta' kompetenza interkulturali fis-servizz pubbliku u f'dak privat.
3. Ir-reklutaġġ u t-taħriġ huma strateġiji komplementari biex jinbena staff b'kompetenza interkulturali. Idealment l-iżvilupp ta' kompetenza interkulturali fost l-impjegati għandu jkun prijorità kontinwa aktar milli sforz ta' darba.
4. L-aħjar prattika turi li l-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali li jaħdmu mill-qrib ma' l-esperti jew ma' l-organizzazzjonijiet speċjalisti tejbu ferm l-aċċessibilità tas-servizzi tagħhom għall-immigranti.
5. Il-kompetenza interkulturali tista' tiġi introdotta bħala standard (Ewropew) tal-ġestjoni ta' kwalità li jitqies meta l-gvernijiet jiddeterminaw l-appoġġ tagħhom għall-organizzazzjonijiet jew fis-sejħiet għall-offerti pubbliċi.
6. Iċ-ċittadinanza attiva tenfasizza l-ħiliet ta' l-immigranti u tissuġġerixxi modi kif wieħed jista' jieħu l-aktar minnhom kemm għall-immigranti kif ukoll għas-soċjetà kollha.
7. Ħafna drabi r-reliġjon għandha rwol pożittiv fil-proċess ta' integrazzjoni, li jista' jitkabbar billi jiġi ffaċilitat id-djalogu fost il-komunitajiet tat-twemmin ta' l-immigranti u bejn dawn u s-soċjetà dominanti.
8. Il-gvernijiet għandhom jipprovdu appoġġ għad-djalogu interreliġjuż billi jiffaċilitaw it-twaqqif ta' strutturi ta' djalogu u billi jikkontribwixxu r-riżorsi fejn ikun xieraq.
9. Il-parteċipazzjoni fil-proċessi politiċi hija waħda mill-elementi l-aktar importanti ta' ċittadinanza attiva. Il-parteċipazzjoni politika ta' l-immigranti tipprovdi opportunitajiet għall-integrazzjoni u għandha tkun appoġġjata fil-forom differenti tagħha, inkluż l-akkwist tan-nazzjonalità, id-drittijiet elettorali lokali u l-istrutturi konsultattivi.
10. Ir-rappreżentattività u l-leġittimazzjoni demokratika tal-politika jitkabbru billi jiġu estiżi d-drittijiet politiċi formali ta' l-immigranti. Fejn ikun hemm drittijiet formali, jeħtieġ li jiġu pprattikati b'impenn min-naħat kollha, inklużi l-partiti politiċi.
11. Il-gvernijiet għandhom jagħtu d-drittijiet elettorali lir-residenti kollha għall-inqas fuq livell lokali u għandhom inaqqsu kemm jista' jkun l-ostakli għall-użu ta' dawn id-drittijiet, bħalma huma l-ħlasijiet jew ir-rekwiżiti burokratiċi. L-immigranti jistgħu jiġu mħeġġa jagħmlu użu mid-drittijiet elettorali permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' bini tal-kapaċitajiet, li jistrieħu b'mod partikolari fuq in-netwerks li jiġu offruti mill-organizzazzjonijiet ta' l-immigranti.
12. Fuq livell lokali u nazzjonali, il-korpi konsultattivi għandhom potenzjal li jagħtu stimolu lill-parteċipazzjoni politika ta' l-immigranti u li jtejbu l-politika ta' integrazzjoni



billi jikkomunikaw il-fehmiet tar-rappreżentanti ta' l-immigranti lill-gvern u lill-partijiet interessati l-oħra. Idealment xogħolhom huwa proattiv u l-membri tagħhom jingħataw appoġġ fil-produzzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' kwalità għolja.

13. Il-flessibilità fil-kompożizzjoni tal-korpi konsultattivi se sservi bl-aħjar mod l-iskop tal-konsultazzjoni, jekk jitqies li r-rappreżentattività tista' tinkiseb b'modi differenti. Li l-osservaturi jew il-membri li ma jivvotawx jitħallew jieħdu sehem fis-sessjonijiet jista' jżid it-trasparenza u l-fiduċja fl-istrutturi konsultattivi.
14. L-attribuzzjoni tan-nazzjonalità tista' tkun għodda ta' integrazzjoni. Jekk in-naturalizzazzjoni tkun iffaċilitata jitnaqqsu d-differenzi fid-drittijiet bejn iċ-ċittadini u l-immigranti li ilhom perjodu ta' żmien twil residenti u tista' tinfetaħ firxa aktar sħiħa ta' opportunitajiet għall-parteċipazzjoni.
15. Fejn jintużaw it-testijiet għan-naturalizzazzjoni, dawn jistgħu jiġu marbuta maċ-ċirkostanzi partikolari tal-persuni konċernati. Il-korsijiet ta' tħejjija għandhom ikunu disponibbli għall-immigranti u għandhom ikunu bi prezz li jifilħu għalih u ta' kwalità tajba.
16. Il-volontarjat huwa forma ta' parteċipazzjoni soċjali fejn l-immigranti għandhom rwol importanti bħala ċittadini attivi. Billi tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom u billi jingħata valur lill-kontribuzzjoni tagħhom ikun hemm promozzjoni għall-inklużjoni tagħhom u jkun hemm mobilizzazzjoni ta' ħiliethom.
17. L-involviment ta' l-immigranti fl-organizzazzjonijiet volontarji ta' natura ġenerali għandu jingħata promozzjoni. Idealment l-istrateġiji ta' reklutaġġ għall-membri voluntiera iqisu d-diversità kulturali.
18. Il-gvernijiet fuq il-livelli kollha jistgħu jagħtu eżempju tajjeb billi japplikaw teknika u għodod sabiex isiru miftuħa u inklużivi għalihom stess u billi jagħmlu mill-ftuħ u mill-inklużività rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet li jirċievu s-sussidji jew li jipparteċipaw fis-sejħiet għall-offerti pubbliċi.





# Kapitolu 3
# L-indikaturi





**Dan il-kapitolu jagħti ħarsa lejn l-indikaturi bħala għodda għall-mexxejja u għall-persuni responsabbli. L-indikaturi jistgħu jkejlu s-sitwazzjoni reali ta' l-immigranti u jidentifikaw il-progress li tkun għamlet l-integrazzjoni. Jistgħu jsegwu wkoll l-iżvilupp tal-politika matul iż-żmien. L-użu tajjeb ta' l-indikaturi jinbena fuq il-ġbir xieraq tad-data u fuq l-għażla bil-għaqal ta' l-indikaturi skond il-miri ġenerali għall-integrazzjoni. Fuq livell trażversali jew Ewropew, l-indikaturi jippermettu li jsiru paraguni bejn il-pajjiżi u jistgħu joħolqu momentum għal politika ta' integrazzjoni aktar dinamika.**

## Il-ħtieġa għall-indikaturi ta' l-integrazzjoni

L-indikaturi jistgħu jintużaw bħala għodda biex

- Jikkwantifikaw u jikkwalifikaw il-proċessi ta' integrazzjoni
- Jiġbru fil-qosor politika ta' integrazzjoni kkomplikata
- Jimmonitorjaw l-iżviluppi u t-tendenzi u jkejlu l-progress
- Jiffissaw il-miri u l-livelli ta' referenza għall-proċessi u għall-politika ta' integrazzjoni
- Jidentifikaw l-impatti mhux maħsuba tal-liġijiet, tal-politika u tal-prattika
- Jidentifikaw l-atturi li qed ikollhom impatt fuq it-twettiq ta' l-integrazzjoni
- Juru jekk l-obbligi ta' l-atturi humiex jintlaħqu
- Iwissu minn kmieni dwar distrazzjonijiet potenzjali
- Jissuġġerixxu azzjoni preventiva
- Isaħħu l-kunsens soċjali fuq kontrobilanċi fil-każ ta' limiti fir-riżorsi
- Jikxfu l-kwistjonijiet li ġew traskurati jew imsikkta

Biex l-integrazzjoni u l-impatt tal-politika ta' integrazzjoni jistgħu jitkejlu aħjar, l-organizzazzjonijiet governattivi u dawk mhux governattivi jistgħu jiżviluppaw settijiet ta' indikaturi ta' l-integrazzjoni.

L-indikaturi ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti jistgħu jgħinu biex jitkejjel u jiġi pparagunat il-progress, biex jiġu mmonitorjati t-tendenzi u l-iżviluppi, jiġu riflessi r-rati ta' parteċipazzjoni ta' l-immigranti u s-sens ta' appartenenza, kif ukoll il-livell ta' aċċettazzjoni fost il-popolazzjoni. Fil-qosor, jistgħu jipprovdu lemħa tal-proċess ta' integrazzjoni. L-indikaturi jistgħu jgħinu wkoll biex jitkejlu r-rwol u l-impatt tal-miżuri tal-politika, biex ikunu identifikati d-differenzi u biex ir-riżorsi jkunu mmirati b'mod effettiv. Minħabba l-komplessità tal-proċess ta' integrazzjoni, l-integrazzjoni fis-soċjetà tista' tinqasam f'aspetti partikolari, fejn jistgħu jkunu possibbli l-kejl ta' l-iżviluppi u tar-riżultati u l-valutazzjonijiet ta' l-impatt li huma rilevanti għall-politika.

L-indikaturi jaħsbu biex isiru paraguni bejn gruppi partikolari ta' immigranti u bejniethom u l-popolazzjoni ġenerali, bejn pajjiżi u reġjuni, u bejn fażijiet ta' l-integrazzjoni diversi jew bejn stadji diversi fl-iżvilupp tal-politika. L-indikaturi jintużaw biex ikunu ffissati l-livelli ta' referenza, fejn jintuża kejl komparattiv biex ikunu identifikati oqsma għattitjib u prattika tajba. Fil-prattika korrenti tal-gvern, l-indikaturi ta' spiss jintużaw biex jevalwaw l-effikaċja tal-politika nazzjonali u biex jipparagunaw ir-rendiment ta' gruppi ta'





pajjiżi (per eżempju, fi ħdan il-UNDP dwar l-iżvilupp u fi ħdan l-OECD dwar l-ekonomija u dwar l-edukazzjoni). Hemm interess dejjem jikber biex l-indikaturi jintużaw għall-paraguni bejn l-Istati Membri ta' l-UE. Filwaqt li fuq livell nazzjonali u internazzjonali ma jeżisti l-ebda sett komprensiv ta' indikaturi dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti, hemm repertorju eżistenti ta' kunċetti u metodi f'oqsma ta' politika relatati, bħalma huma l-impjiegi, l-intrapriża, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali.

Min-naħa waħda, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li jkunu inklużi indikaturi li huma relatati ma' l-integrazzjoni ta' l-immigranti fil-mekkaniżmi eżistenti ta' l-indiċjar u ta' l-iffissar tal-livelli ta' referenza. Min-naħa l-oħra, jista' jiġi żviluppat mekkaniżmu li jintuża biss għall-integrazzjoni ta' l-immigranti, li jinkorpora d-dimensjonijiet soċjo-ekonomiċi, kulturali, ċivili u politiċi ta' l-integrazzjoni.

Bosta Stati Membri huma ħerqana li jagħmlu użu mill-indikaturi barra mill-isfera soċjo-ekonomika u dik legali. Per eżempju, fl-Olanda, darbtejn fis-sena, isiru 'il-monituri ta' integrazzjoni' *(integration monitors)* li jagħtu ħarsa lejn il-pożizzjoni tal-minoranzi etniċi fuq il-livell soċjo-strutturali (is-suq tax-xogħol, l-intraprenditura etnika u l-edukazzjoni), fuq il-livell soċjo-kulturali (ir-relazzjonijiet interetniċi, l-aċċettazzjoni tal-minoranzi u l-orjentazzjoni kulturali tal-minoranzi), u fuq il-livell politiko-istituzzjonali (il-parteċipazzjoni politika u r-rappreżentanza tal-minoranzi fl-amministrazzjoni tal-gvern).

It-tfassil ta' indikaturi rilevanti u ta' min jorbot fuqhom li jkopru d-dimensjonijiet kollha ta' l-integrazzjoni huwa kompitu ambizzjuż li jiffaċċja ħafna diffikultajiet, speċjalment, imma mhux biss, fit-territorju Ewropew b'popolazzjonijiet ta' immigranti, strumenti ta' politika, definizzjonijiet u statistiċi differenti. In-nuqqas ta' ftehim dwar 'min għandu jingħadd' huwa partikolarment importanti hawnhekk: min huwa immigrant? Inħarsu lejn in-nazzjonalità jew lejn il-pajjiż tat-twelid? Kif ikunu ddefiniti t-tieni u t-tielet ġenerazzjonijiet? Qed inħarsu lejn l-immigranti bħala individwi jew bħala gruppi? Fil-paraguni li jsiru fuq il-livell ta' l-UE, l-iktar definizzjoni li tintuża hija dik ta' 'ċittadini ta' pajjiżi terzi'. Dan huwa kompromess li jaħdem, jew inkella 'jaħbi' dimensjonijiet kruċjali ta' integrazzjoni?

Kwistjoni oħra hija x'wieħed ifisser b'integrazzjoni. Waqt li l-Istati Membri kollha jgħaqqdu elementi kemm ta' 'assimilazzjoni' kif ukoll ta' 'multikulturaliżmu' fil-fehim tagħhom ta' l-integrazzjoni, il-piż li jingħata lil waħda jew lill-oħra jvarja b'mod sinifikanti minn pajjiż għall-ieħor. Għalkemm dawn id-dibattiti għadhom għaddejjin, wieħed jista' jara li hemm ċertu argumenti komuni fl-identifikazzjoni tal-miri għall-integrazzjoni. Bil-politika tagħhom, l-Istati Membri jittamaw li jikkontribwixxu għal riżultati pożittivi għall-immigranti fl-oqsma ta' l-impjiegi, tad-djar, ta' l-edukazzjoni, tas-saħħa, eċċ. Qed jipprovaw jagħmlu s-servizzi aċċessibbli għall-immigranti, u jixtiequ jaraw lill-immigranti jieħdu sehem bħala ċittadini attivi fl-oqsma soċjali u politiċi. Sa ċertu punt, dawn ir-riżultati jistgħu jkunu kwantifikati jew iddefiniti b'mod ieħor, u l-kisba tagħhom tista' tiġi paragunata matul iż-żmien u bejn il-pajjiżi.





Madankollu, kejl ta' din ix-xorta jġib miegħu aktar komplessitajiet. Ma' min se nipparagunawhom lill-immigranti? Is-sistema ta' monitoraġġ Olandiża tipikament tipparaguna gruppi ta' immigranti mal-popolazzjoni indiġena. Dan huwa metodu ta' kejl li huwa tajjeb fil-każijiet kollha? Per eżempju, fejn jikkonċerna l-użu tas-sigurtà soċjali, il-migranti mhux dejjem ikollhom l-istess drittijiet bħal dawk li mhumiex migranti. Meta jsir paragun bejn il-komunitajiet tal-migranti u bejn dawk tal-persuni li mhumiex migranti, għandhom jitqiesu wkoll l-istrutturi differenzjali ta' l-età u l-livelli soċjo-ekonomiċi. Bħalissa l-Olanda qed taħdem biex tiżviluppa livelli ta' limiti ħalli jkun stabbilit standard għal kull dimensjoni ta' integrazzjoni. Ladarba jiġu ddeterminati dawn il-livelli tal-limiti, jista' titkejjel id-distanza ta' grupp minn dan il-livell.

Mod wieħed ta' kif jistgħu jintużaw u jiġu żviluppati l-indikaturi huwa permezz tal-proċess ta' l-iffissar tal-livelli ta' referenza. L-iffissar tal-livelli ta' referenza beda f'ambjent kummerċjali, iżda s-settur pubbliku kulma jmur qed jagħraf dejjem aktar il-potenzjal tiegħu biex tkun evalwata u avvanzata l-politika. L-iffissar tal-livelli ta' referenza jinkludi l-identifikazzjoni ta' oqsma għat-titjib, l-iffissar ta' l-istandards, il-paragun tar-rendiment ta' dak li jkun mar-rendiment ta' l-oħrajn, u l-involviment f'evalwazzjoni u f'adattament kontinwi biex jintlaħqu l-istandards iffissati.

L-iffissar tal-livelli ta' referenza jaħdem billi jkunu ffissati standards għall-paragun. L-indikaturi għandu jkollhom interpretazzjoni normattiva li tkun ċara u espliċita: l-utenti għandhom ikunu jafu liema direzzjoni tal-bidla tirrappreżenta l-progress.

Il-mudell li qed jiġi żviluppat mill-WODC ta' l-Olanda (Iċ-Ċentru tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni) jidentifika ċ-'ċansijiet' u r-'riskji' għall-integrazzjoni: li wieħed ikollu impjieg bi ħlas huwa ċans, waqt li wieħed jgħix fuq is-sigurtà soċjali huwa riskju; il-migrazzjoni minħabba ż-żwieġ ġiet identifikata bħala riskju, waqt li l-osservanza ta' l-istandards u tal-valuri l-aktar fl-użu huwa ċans. F'ħafna pajjiżi, jistgħu jitqajmu domandi dwar jekk ċertu riżultat hux 'ċans' jew 'riskju' għall-integrazzjoni tajba. Per eżempju, ċertu livell ta' segregazzjoni fid-djar huwa dejjem riskju? Ma jistax dan ikun ċans biex tinħoloq infrastruttura etnika, li tinkludi opportunitajiet ekonomiċi għall-immigranti?

## 3.1 Il-ħolqien tal-kondizzjonijiet

Biex ikunu evitati l-perikli u jintużaw l-indikaturi bil-potenzjal sħiħ tagħhom jinħtieġ fehim ċar tat-teknika involuta fl-iżvilupp u fl-użu ta' l-indikaturi, bħalma huma l-analiżi tal-partijiet interessati u l-ġbir tad-data.





## Il-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati

Jekk l-indikaturi se jikkontribwixxu għarfien ta' siwi dwar l-integrazzjoni, iridu jkunu marbuta kemm jista' jkun mill-qrib ma' l-esperjenza reali ta' l-integrazzjoni. Dawk li qed jgħaddu minnha u dawk li josservawha mill-qrib għandhom l-impressjonijiet u l-opinjonijiet tagħhom dwar x'jiddeskrivi l-aħjar integrazzjoni ta' suċċess, liema oqsma jeħtieġu titjib, u x'impatt kellha l-politika. Fehmithom iridu jiġu inklużi fil-formulazzjoni ta' l-indikaturi u tal-miri. L-integrazzjoni bħala proċess li jinvolvi s-soċjetà kollha tikkonċerna wkoll lill-partijiet interessati ewlenin fuq livelli differenti, li għandu jkollhom opportunità li jesprimu l-prijoritajiet u l-esperjenzi tagħhom dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti.

Għandhom ikunu organizzati konsultazzjonijiet estensivi mall-partijiet interessati dwar il-prijoritajiet u l-miri li huma marbuta ma' l-indikaturi, u għandhom jinkludu b'mod partikolari lill-immigranti u lill-organizzazzjonijiet li jgħinu lill-immigranti.

Il-prattika tal-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati u ta' l-analiżi tal-partijiet interessati saru parti integrali, per eżempju, mit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' żvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u kulma jmur qed ikunu applikati dejjem aktar f'oqsma oħra ta' politika u f'pajjiżi oħra.

## Il-ġbir u l-użu tad-data

Tista' tiġi prodotta data xierqa u kredibbli għal tipi differenti ta' indikaturi, ir-relazzjoni bejn ir-riżultati u l-politika tista' tiġi analizzata bir-reqqa, u l-paraguni internazzjonali jistgħu jiġu faċilitati billi jiġu żviluppati indikaturi fuq livelli differenti. L-interess l-aktar immedjat tal-gvernijiet ħafna drabi huwa marbut mas-suċċess tal-politika u tal-programmi tagħhom, u huwa hawnhekk fejn jistgħu jinħolqu diversi prerekwiżiti għall-użu b'suċċess ta' l-indikaturi. Kemm l-ippjanar bir-reqqa kif ukoll l-evalwazzjoni tal-programmi jew tal-proġetti ta' integrazzjoni jiġġeneraw id-data u jagħtu lok għal riflessjoni dwar il-miri u s-suppożizzjonijiet tal-politika ta' integrazzjoni.

Idealment, l-indikaturi jintużaw fil-fażi ta' l-ippjanar kif ukoll f'dik ta' l-evalwazzjoni tal-programmi u tal-proġetti ta' integrazzjoni. Fi proġetti b'fondi pubbliċi, l-evalwazzjoni għandha tkun parti mill-implimentazzjoni tal-proġett u għandha tirċievi sehem realistiku mill-baġit.

Bħalma huwa l-każ f'ħafna pajjiżi bi programmi ta' integrazzjoni żviluppati, id-Danimarka tistudja l-effikaċja ta' l-attivitajiet organizzati mill-muniċipalitajiet. Per eżempju, ir-rapporti jkejlu t-tul ta' żmien mistenni u effettiv minn meta jingħata l-permess ta' residenza sa meta l-parteċipanti jiksbu xogħol regolari jew inkella jibdew jistudjaw. Fil-Finlandja, il-Ministeru tax-Xogħol flimkien ma' l-Assoċjazzjoni Finlandiża ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali nieda proġett għall-abbozzar tal-kriterji ta' kwalità





biex jingħata appoġġ lill-muniċipalitajiet u lil atturi lokali oħra fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-programmi ta' integrazzjoni skond l-Att dwar l-Integrazzjoni. Sar ukoll studju ta' l-Att mill-perspettiva ta' l-immigranti fi sforz biex tkun promossa l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti. Il-proġett tal-'kriterji ta' kwalità' jirrispondi għar-riżultati ta' servej dwar il-muniċipalitajiet li sar fl-2002, li sejjaħ għal istruzzjoni aktar konkreta u prattika fl-implimentazzjoni ta' l-Att dwar l-Integrazzjoni. Bħalissa qed jiġu żviluppati domandi dettaljati biex jiggwidaw l-evalwazzjoni, eż. tal-firxa ta' servizzi li huma disponibbli, tar-riżorsi tal-persunal u tar-riżorsi finanzjarji, tal-parteċipazzjoni ta' l-immigranti fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni bħala ħaddiema mħallsa, tad-diviżjoni tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet, kif ukoll tad-diversità u tat-taħriġ dwar l-ugwaljanza li huma disponibbli.

F'ħafna pajjiżi, inbdew skambji ta' l-aħjar prattika li huma mibnija fuq l-evalwazzjoni. Per eżempju, il-gvern Daniż stabbilixxa *database* li hija mmirata għall-iskambju ta' l-aħjar prattika (**www.erfaringsdatabasen.dk**). *Newsletter* li ġiet ippubblikata mill-Ministeru ta' l-Integrazzjoni fiha wkoll informazzjoni dwar l-aħjar prattika fil-qasam ta' l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol.

Jistgħu jiġu żviluppati indikaturi biex iwessgħu t-tagħlim ta' l-evalwazzjoni fi strateġija għal perjodu twil ta' żmien. Prerekwiżit essenzjali huwa l-ippjanar għal perjodu twil ta' żmien dwar il-politika ta' integrazzjoni. Per eżempju, il-programm ta' l-Istat ta' l-Estonja 'L-Integrazzjoni fis-Soċjetà Estonjana 2000-2007' huwa dokument kunċettwali u strateġiku li jistabbilixxi l-prinċipji, l-għanijiet u l-attivitajiet bażiċi.

Id-disponibilità tad-data hija forsi l-aktar kondizzjoni kruċjali għal użu b'suċċess ta' l-indikaturi. Bħalissa, il-Kummissjoni Ewropea qed tħejji abbozz ta' Direttiva dwar l-armonizzazzjoni tal-ġbir tad-data fl-Istati Membri biex ikun iffaċilitat l-iżvilupp ta' l-indikaturi u l-iffissar tal-livelli ta' referenza. Id-DĠ għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali qed jesplora l-modi differenti tal-ġbir u ta' l-użu tad-data fl-oqsma ta' l-ugwaljanza u tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Id-DĠ għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni qed jesplora kif definizzjonijiet komuni fil-qasam tal-migrazzjoni jistgħu jiġu żviluppati u jintużaw b'mod uniformi fl-Unjoni kollha. F'dan il-kuntest jistgħu jissemmew ukoll l-Eurostat kif ukoll il-Panel dwar l-Affarijiet Domestiċi tal-Komunità Ewropea.

Ir-Repubblika Ċeka espliċitament tadatta l-isforzi tagħha stess għat-tendenzi internazzjonali korrenti fil-ġbir ta' l-informazzjoni u tad-data statistika dwar il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Ftit ftit, qed toħloq 'Kunċett għall-Għażla u għall-Ipproċessar tad-Data Statistika dwar il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni tal-Barranin fit-Territorju tar-Repubblika Ċeka' ġenerali. Il-Portugall stabbilixxa Ċentru tal-Monitoraġġ ta' l-Immigrazzjoni li l-kompitu ewlieni tiegħu huwa li jipprovdi data kredibbli u komparabbli u li jwettaq l-istudji. Iċ-Ċentru tal-Monitoraġġ jinkludi tmien istituti ta' riċerka, u l-gvern jaħdem mill-qrib ma' l-imsieħba akkademiċi.





L-iktar sorsi komprensivi ta' data statistika huma disponibbli fil-pajjiżi li jużaw reġistru nazzjonali tal-popolazzjoni. Per eżempju, l-Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika ta' l-Olanda jiġġenera l-informazzjoni statistika billi jorbot id-data tar-reġistrazzjoni mall-pajjiż tat-twelid taċ-ċittadini. Ir-reġistrazzjoni mill-muniċipalitajiet tal-pajjiż tat-twelid tagħmilha possibbli li t-tieni ġenerazzjoni li twieldet fl-Olanda kif ukoll l-ewwel waħda jkunu mmonitorjati. L-istrument tal-kejl li qed jiġi żviluppat mill-WODC Olandiża wkoll jagħmel użu mir-reġistru nazzjonali ġenerali tal-popolazzjoni, bl-annotazzjonijiet individwalizzati tiegħu. Minn dan ir-reġistru, jinsiltu 'panels' ta' individwi li jappartjenu lil gruppi differenti. Jistgħu jiġu identifikati popolazzjonijiet ta' immigranti kbar u żgħar, jew jistgħu jiġu fformati gruppi skond karatteristiċi oħrajn (bħalma huma l-età, is-sess, ir-raġunijiet għall-migrazzjoni, jew is-sitwazzjoni ta' l-isfond bħal-livell edukattiv meta dawn ikunu waslu). Hemm kondizzjoni li l-gruppi jridu jinkludu aktar minn 100 individwu u li trid tintuża data aggregata. L-Olanda tuża wkoll data supplementari ta' tipi differenti, bħalma huma l-valutazzjonijiet minn dak li jagħmlu l-intervista tal-profiċjenza fil-lingwa Olandiża, ir-riżultati tat-testijiet tas-suċċess fl-edukazzjoni, jew it-tweġibiet għal kwestjonarju dwar il-valuri moderni. Fost il-gruppi ta' l-immigranti isiru servejs regolari.

Il-Finlandja wkoll għandha reġistru nazzjonali tal-popolazzjoni, u *Statistics Finland* għamlet studju komprensiv tal-kondizzjonijiet ta' l-għajxien ta' l-immigranti (**www.tilastokeskus.fi**). Is-servej uża kemm id-data tar-reġistrazzjoni kif ukoll l-intervisti, iżda m'għaqqadhomx flimkien.

Fil-pajjiżi kollha, deċiżjoni biex tinġabar l-informazzjoni dwar gruppi speċifiċi timplika deċiżjoni biex ikun hemm investiment fir-riżorsi. Hawnhekk, l-indikaturi jaġixxu bħala inċentiv biex tinġabar data aktar komprensiva. Hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-prijoritajiet: aktar milli tiġi akkumulata d-data fuq ħafna kwistjonijiet differenti, il-gvernijiet jeħtieġ li jiffokaw fuq kwistjonijiet li huma ċentrali għas-suċċess u għall-effikaċja tal-politika ta' integrazzjoni tagħhom. Ħafna drabi data mhux miġbura flimkien tkun mixtieqa, iżda l-ġbir tagħha jista' jkun diffiċli f'termini ta' riżorsi jew tradizzjonijiet politiċi. Minħabba diversi esperjenzi storiċi u tradizzjonijiet nazzjonali, numru sinifikanti ta' pajjiżi Ewropej jibqgħu kuntrarji għar-reġistrazzjoni ta' l-oriġini etnika jew ta' l-appartenenza ta' grupp etniku.

It-titjib u l-espansjoni tal-ġbir tad-data dwar kwistjonijiet li huma relatati ma' l-integrazzjoni ta' l-immigranti jridu jkunu skond il-linji ta' gwida internazzjonali u Ewropej (inklużi dawk dwar il-ħarsien tad-data). L-indikaturi jistgħu jintużaw biex ikunu identifikati l-oqsma fejn hemm nuqqas ta' data u biex ikunu fformulati l-prijoritajiet. Fejn jintgħażlu gruppi ta' immigranti partikolari biex ikunu eżaminati, il-kriterji għall-għażla u għad-definizzjoni tagħhom għandhom ikunu ċari, u l-informazzjoni li tinġabar m'għandhiex tintuża għal skopijiet diskriminatorji.





## 3.2 L-għażla ta' l-indikaturi

Jeżistu tipi differenti ta' indikaturi li jvarjaw minn statistiċi għal indikaturi aktar kwalitativi. Jintużaw għal skopijiet differenti u għal udjenzi differenti. Liema u kemm l-indikatur qed jintuża jiddependi wkoll mir-riżorsi disponibbli.

Idealment, tintuża taħlita ta' indikaturi differenti u l-atturi governattivi u mhux governattivi huma mħeġġa jużaw indikaturi simili.

Indikaturi 'oġġettivi' u 'suġġettivi' jistgħu jiġu żviluppati biex jinqabdu aspetti differenti ta' l-integrazzjoni. Indikaturi 'oġġettivi' jew 'iebsin' ħafna drabi jkunu ta' natura jew ta' kejl statistika/u jew legali, per eżempju r-rati ta' impjiegi u ta' qgħad jew l-aċċess għal ċerti drittijiet legali bħalma huma d-dritt għall-vot fl-elezzjonijiet lokali. Indikaturi 'suġġettivi' jew 'rotob' iħarsu aktar lejn l-attitudnijiet jew il-perċezzjonijiet, per eżempju is-sodisfazzjon fl-impjieg jew sentimenti ta' appartenenza f'pajjiż jew f'ambjent partikolari. Hekk kif il-gvernijiet qed jagħtu iżjed attenzjoni lid-dimensjonijiet personali ta' l-integrazzjoni, u b'mod partikolari lill-frekwenza u lill-intensità ta' l-interazzjonijiet soċjali, l-indikaturi suġġettivi qed isiru aktar importanti.

Fl-isforzi tal-monitoraġġ tagħha, l-Olanda tqis id-dimensjoni tal-'kultura', li tinkludi d-divertiment, ir-reliġjon, il-familja, u l-valuri li jikkonċernaw dawn l-oqsma tal-ħajja. Id-Danimarka qed tipprova tkejjel l-inċidenza tal-kuntatti bejn il-migranti u dawk li mhumiex migranti, partikolarment fl-isfera privata. Bl-istess mod, il-Kummissjoni Taljana dwar l-integrazzjoni fformulat il-mira li tħares lejn ir-relazzjonijiet ta' l-immigranti mall-komunità riċeventi, billi tipprova tivvaluta t-tendenza għall-istabbilizzazzjoni u għall-interazzjoni mall-popolazzjoni nazzjonali.

Għalkemm l-indikaturi suġġettivi spiss huma iktar diffiċli biex jitkejlu minn dawk oġġettivi, m'għandhomx jitqiesu bħala li mhumiex kredibbli jew li mhumiex importanti. Is-servejs (bħall-Eurobarometer), l-intervisti mall-migranti jew id-data ta' l-opinjoni pubblika jistgħu jintużaw biex iwieġbu domandi dwar l-integrazzjoni suġġettiva. Is-sejba ta' l-informazzjoni ħafna drabi tinvolvi metodi parteċipattivi, li jagħmlu l-indikaturi rilevanti għall-immigranti. L-attitudnijiet tas-soċjetà riċeventi huma importanti bl-istess mod: per eżempju sentimenti dwar iċ-ċittadinanza u l-karattru tan-nazzjon (jew dwar il-barranin u l-minoranzi). L-informazzjoni dwar l-attitudnijiet jistgħu jservu wkoll biex jispjegaw l-indikaturi 'oġġettivi': per eżempju, l-attitudnijiet ta' min iħaddem fil-konfront ta' l-immigranti jistgħu jispjegaw in-numru ta' immigranti li jkunu impjegati f'kumpaniji 'lokali'.

Fl-Estonja sar servej kbir ta' l-opinjoni pubblika li esplora l-bidliet fir-relazzjonijiet etniċi u l-opinjonijiet relatati tal-komunitajiet taż-żewġ lingwi. Madwar żewġ terzi ta' dawk li wieġbu (iktar minn elf ruħ) kienu Estonjani, waqt li t-terz l-ieħor kien magħmul minn rappreżentanti ta' nazzjonalitajiet oħra. Isir monitoraġġ kontinwu tal-medja biex b'mod





sistematiku ikun hemm valutazzjoni tal-proċessi ta' integrazzjoni fil-medja tal-lingwa Estonjana u tal-lingwa Russa. Jintużaw analiżi kwantitativa u analiżi kwalitativa tat-test biex ikunu ddeterminati l-kwistjonijiet ewlenin li huma relatati ma' l-integrazzjoni u l-opinjonijiet imxerrda. Fi ħdan is-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Barranin, il-Litwanja tagħmel ukoll valutazzjonijiet tar-rappurtaġġ tal-medja ta' kwistjonijiet li huma relatati ma' l-integrazzjoni u mall-perċezzjoni pubblika tal-barranin.

Is-sistemi komprensivi ta' monitoraġġ jinkludu kemm indikaturi oġġettivi kif ukoll indikaturi suġġettivi. Fl-1995, il-Kunsill ta' l-Ewropa kien diġà ddeċieda li jiżviluppa indikaturi ta' tliet tipi: indikaturi ta' *aċċessibilità* li jittrattaw il-qafas legali li fih jgħixu l-migranti, indikaturi li jiddeskrivu s-*sitwazzjoni effettiva* tal-migranti fil-pajjiż ospitanti, u indikaturi dwar l-*attitudnijiet* tal-migranti u tal-popolazzjoni maġġoritarja. Il-Kumitat ta' l-Esperti dwar l-Integrazzjoni u r-Relazzjonijiet tal-Komunità tal-Kunsill ikompli jaħdem fuq għodda ta' indikaturi bħala referenza għall-mexxejja. L-għodda issa tħares lejn tmien oqsma ewlenin: l-impjiegi, id-djar, il-kura tas-saħħa, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni, l-informazzjoni u l-kultura. Barra minn hekk, qed jipproponi indikaturi biex ikunu żgurati l-funzjonijiet pubbliċi bażiċi għall-immigranti fuq livell aktar ġenerali, inklużi l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-aċċess għal possibbiltajiet ta' awtoorganizzazzjoni. Taħt kull intestatura, l-għodda telenka numru ta' domandi, li huma segwiti mill-indikaturi korrispondenti. Karatteristika distintiva ta' l-għodda ta' l-indikaturi hija li tindirizza dawk li jissejħu 'elementi inviżibbli'. Dawn l-elementi jirreferu għall-attitudnijiet ta' l-immigranti, per eżempju s-sodisfazzjon fl-impjieg ta' l-immigrant jew il-livell ta' fiduċja li l-immigranti għandhom fl-istituzzjonijiet finanzjarji. Jirreferu wkoll għall-popolazzjoni indiġena billi jipproponu indikaturi fuq il-livell tas-solidarjetà ma' l-immigranti. Is-servejs huma suġġeriti bħala sors ta' informazzjoni, iżda għal ħafna mid-domandi li jirrelataw ma' l-'elementi inviżibbli' għadhom ma ġewx ifformulati indikaturi speċifiċi.

Kemm l-indikaturi oġġettivi kif ukoll l-indikaturi suġġettivi jistgħu jiġu żviluppati biex jindirizzaw l-aspetti differenti ta' l-integrazzjoni, u d-definizzjonijiet u l-metodi tal-ġbir tad-data jistgħu jiġu rfinuti għaż-żewġ kategoriji. L-iżvilupp ta' metodi ta' stħarriġ innovattivi li jistgħu jaqdbu l-perspettivi ta' l-immigranti u tal-poplazzjonijiet ospitanti jista' jingħata konsiderazzjoni partikolari.

## L-indikaturi tar-riżultat u tal-politika

Huwa essenzjali li wieħed jiddistingwi b'mod ċar bejn l-indikaturi tal-politika u dawk tar-riżultat. L-indikaturi tar-riżultat jivvalutaw is-sitwazzjoni effettiva ta' l-immigranti, per eżempju f'termini ta' rati ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-indikaturi tal-politika jqisu l-ammont ta' riżorsi li ntużaw għal servizz jew għal programm speċifiku (bħalma huma programmi ġodda tas-saħħa), jew il-kondizzjonijiet legali (bħalma huwa r-rikonoxximent tal-kwalifiki).





Ħafna drabi l-indikaturi tar-riżultat jkunu preferuti għaliex jitqies li jirriflettu s-sitwazzjoni reali ta' l-immigranti aktar milli l-intenzjonijiet tal-gvernijiet. Per eżempju, il-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali ta' l-UE, fis-sett ta' indikaturi suġġerit tiegħu, qabel li jindirizza r-riżultati aktar milli l-mezzi li bihom inkisbu. L-isforz tal-politika tqies bħala suġġett ta' evalwazzjoni mhux adattat, ladarba l-Istati Membri jvarjaw fil-mod kif jagħżlu li jiġġieldu l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Għalhekk, investiment aktar baxx mill-gvern f'tip partikolari ta' programm jista' jkun pjan aktar milli nuqqas li jrid jiġi rimedjat. Barra minn hekk, il-Kumitat qies li attenzjoni ffukata fuq ir-riżultati tista' trawwem attitudni kooperattiva bejn il-korpi nazzjonali differenti li l-politika tagħhom għandha impatt fuq ir-riżultat. Għaldaqstant, l-indikaturi ta' l-isforz tal-politika għandhom jintużaw biss bħala għajnuna supplementari fejn ma kienux disponibbli l-indikaturi tar-riżultat.

Mill-banda l-oħra, l-indikaturi tar-riżultat mhux bilfors iwieġbu d-domanda dwar jekk u sa liema punt il-miżuri tal-politika effettivament għandhom impatt fuq l-integrazzjoni ta' l-immigranti. L-immigranti jista' jirnexxilhom jintegraw b'mod indipendenti minn jew anki minkejja l-politika tal-gvern. Jekk l-individwi huma l-unità ta' l-analiżi, din id-diffikultà hija partikolarment sinifikanti, ladarba d-deċiżjonijiet individwali huma magħmula minn ħafna fatturi u motivazzjonijiet differenti. L-indikaturi tal-politika jistgħu jkunu ta' siwi speċjalment f'oqsma fejn l-istandards legali huma importanti. Per eżempju, l-indikaturi proposti tal-Kunsill ta' l-Ewropa jinkludu, bħala indikaturi dwar l-'ekwità', ir-ratifika ta' strumenti legali speċifiċi, l-eżistenza ta' ċerti dispożizzjonijiet legali, il-korpi jew is-servizzi speċjalizzati, il-kumitati konsultattivi eċċ.

Ħafna pajjiżi jużaw kemm l-indikaturi tar-riżultat kif ukoll l-indikaturi tal-politika. Per eżempju, il-gvern Daniż ifformula numru ta' indikaturi ta' l-integrazzjoni li jinkludu kemm il-barranin jiġu impjegati u jitgħallmu d-Daniż malajr, jekk il-barranin itemmux edukazzjoni li tikkwalifikahom għal xi sengħa jew professjoni jew le, u jekk u sa liema grad il-muniċipalitajiet jużaw sanzjonijiet meta l-barranin ma jieħdux sehem fi jew ma ikunu nieqsa mill-impjieg, mill-attivazzjoni jew mill-edukazzjoni fil-lingwa Daniża.

Ta' spiss, il-gvernijiet jużaw l-indikaturi biex jimmonitorjaw il-progress matul iż-żmien. Li wieħed isegwi ko-orti ta' immigranti jista' jkun mod wieħed ta' kif isir dan, kif jistgħu jkunu forom oħra ta' riċerka lonġitudinali u ta' ġbir ta' data. Peress li l-integrazzjoni hija proċess aktar milli sitwazzjoni, il-perspettiva taż-żmien hija partikolarment importanti. Il-progress fuq ċerti indikaturi (per eżempju, is-suċċess fl-edukazzjoni) jista' jkun evidenza ta' integrazzjoni kif ukoll jipprovdi aktar opportunitajiet lejn integrazzjoni f'dan il-qasam jew f'oqsma oħra.

Biex ikun identifikat l-impatt ta' miżura ta' politika partikolari, tista' tintuża miżura temporali: ir-riżultati jistgħu jitkejlu qabel u wara l-implimentazzjoni tal-miżura tal-politika, u d-differenza tiġi attribwita lill-impatt tagħha. Madankollu, huwa possibbli li kienu preżenti fatturi oħra li intervjenew jew saħanistra li kien hemm suċċess minkejja l-politika iktar



milli bis-saħħa tagħha. Barra minn hekk, il-funzjonament u l-aċċessibilità ta' l-istituzzjonijiet (bħalma huwa s-servizz tas-saħħa) tul perjodu twil ta' żmien jistgħu jkunu aktar importanti f'termini ta' integrazzjoni minn miżuri ta' politika iżolati.

L-indikaturi tal-politika jistgħu jintużaw b'mod partikolari biex jiġu monitorjati l-istandards legali, id-drittijiet u l-arranġamenti tal-politika li jiffaċilitaw l-integrazzjoni, u l-indikaturi tar-riżultat jistgħu jintużaw biex jiġu segwiti s-sitwazzjoni ta' l-immigranti u l-kisba tal-miri ffissati għall-integrazzjoni. Għandha tintuża ċerta kawtela biex jiġu stabbiliti r-rabtiet bejn il-politika u r-riżultati. Għandhom isiru reviżjonijiet regolari tar-rendiment u tal-konvenjenza ta' l-indikaturi, fejn jiġu vvalutati l-kredibilità tagħhom, kwalunkwe diffikultà teknika u d-disponibilità tad-data.

## Il-livelli ta' l-indikaturi

L-indikaturi li jintużaw għall-paragun internazzjonali jeħtieġ li jaħsbu għad-diversità fid-definizzjonijiet u fid-disponibilità tad-data.

Fuq livell Ewropew, nazzjonali u lokali jistgħu jintużaw tipi differenti ta' indikaturi. L-indikaturi li jintużaw fil-livelli differenti jistgħu jkunu speċifiċi għal livell partikolari u jindirizzaw iċ-ċirkostanzi ta' gruppi partikolari. Hemm diversi mudelli biex issir distinzjoni bejn il-livelli ta' l-indikaturi. Per eżempju, fi ħdan l-Istrateġija dwar l-Impjiegi qed ikunu żviluppati indikaturi fuq żewġ livelli: l-indikaturi ewlenin (jew primarji) jkejlu l-progress f'relazzjoni ma' l-għanijiet definiti fil-Linji ta' Gwida dwar l-Impjiegi, u l-indikaturi tal-kuntest (jew sekondarji) li jappoġġjaw lill-indikaturi ewlenin billi jpoġġu l-politika u r-rendiment nazzjonali f'perspettiva. Fl-2002, kien hemm 35 indikatur ewlieni u 64 indikatur tal-kuntest. Fl-2003 saret reviżjoni sħiħa ta' l-indikaturi kollha, bil-lista l-ġdida tinkludi 40 indikatur ewlieni u 26 indikatur tal-kuntest.

L-indikaturi ta' l-Inklużjoni Soċjali jiġu żviluppati fuq tliet livelli: l-indikaturi tal-Livell 1 huma l-indikaturi prinċipali u jkopru dawk l-elementi li jitqiesu l-aktar importanti. L-indikaturi tal-Livell 2 jappoġġjaw lill-indikaturi ewlenin u jiddeskrivu dimensjonijiet oħra tal-problema. L-indikaturi tal-Livell 1 u tal-Livell 2 huma 'miftiehma u definiti b'mod komuni'. L-indikaturi tal-Livell 3 jistgħu jkunu aktar speċifiċi għall-pajjiż u jiġu ddeterminati mill-Istati Membri individwali biex jenfasizzaw aspett speċifiċi f'oqsma partikolari, u biex jgħinu fl-interpretazzjoni ta' l-indikaturi tal-Livelli 1 u 2. L-indikaturi tal-Livell 3 m'hemmx għalfejn ikunu armonizzati fuq livell ta' l-UE.

Huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-livelli ta' l-indikaturi. Għal paraguni Ewropej jew internazzjonali, l-indikaturi ta' livell ogħla għandu jkollhom l-ogħla grad ta' uniformità fejn għandhom x'jaqsmu d-definizzjonijiet u l-format tad-data.





### L-iffissar tal-miri

Hekk kif id-disponibilità tad-data tiżdied u s-sistemi ta' monitoraġġ isiru aktar dinamiċi, jistgħu jkunu ffissati miri biex jagħtu direzzjoni lill-politika ta' integrazzjoni u biex juru r-rieda politika ħalli tittejjeb l-integrazzjoni.

Il-miri jaħdmu l-aħjar fejn ikunu speċifiċi u fejn ikun hemm inċentivi qawwija biex jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati. Per eżempju, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Politika ta' l-Intrapriżi (*Enterprise Policy Scoreboard*), strument ta' monitoraġġ fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, fiha miri kwantitativi ffissati mill-Istati Membri għal seba' oqsma prijoritarji tal-politika ta' l-intrapriżi. L-orizzonti ta' żmien ivarjaw sa massimu ta' seba' snin, u l-aġġornamenti regolari tat-tabella ta' valutazzjoni jelenkaw il-miri mħabbra mill-Istati Membri flimkien mall-pożizzjoni preżenti tagħhom, il-pożizzjoni li għandha tinkiseb u d-data stabbilita biex dawn jinkisbu.

Fuq il-livell ta' l-UE wkoll, il-Proċess ta' l-Inklużjoni Soċjali jipprova jżid in-numru ta' miri ffissati mill-Istati Membri. Il-Ħarsa Ġenerali Komuni lejn il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali ta' l-2003 fiha appendiċi dwar 'l-iffissar tal-miri', li jissuġġerixxi li l-Istati Membri jużaw miri ewlenin, akkumpanjati minn miri aktar dettaljati, ħalli jkunu ffissati l-miri dwar kwistjonijiet ta' politika soċjali, inkluża l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Madankollu, ir-Rapport Konġunt dwar l-Inklużjoni ta' l-2003 jinnota n-nuqqas ta' data dwar gruppi vulnerabbli, u b'mod partikolari l-gruppi tal-migranti u dawk etniċi, b'numru żgħir biss ta' pajjiżi (fosthom ir-Renju Unit, il-Belġju, l-Olanda, Spanja u Franza) li jelenkaw data jew indikaturi għall-persuni immigranti. Jiġu ffissati ftit miri u ftit pajjiżi jipprovaw jidentifikaw tendenzi pożittivi jew negattivi fil-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol ta' l-immigranti.

Il-miri jaħdmu bħala strument dinamiku fil-formulazzjoni tal-politika fejn ikun hemm rieda politika li dawn jintlaħqu u biex wieħed jitgħallem mill-monitoraġġ u mill-evalwazzjoni. L-iffissar tal-miri jibni fuq rabta bejn il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni. Minħabba li t-twettiq tal-politika ta' integrazzjoni ħafna drabi jkun deċentralizzat, ma' l-indikaturi jista' jaħdmu livelli differenti.

## 3.3 Il-kooperazzjoni Ewropea

Il-gvernijiet jistgħu jużaw l-indikaturi biex ikejlu r-riżultati u biex jiffaċilitaw il-ġudizzji dwar jekk il-politika tagħhom kenitx effettiva jew le. Madankollu, l-indikaturi huma wkoll strument komparattiv qawwi. Li jiġu mmappjati r-rendimenti tal-pajjiżi fuq aspetti differenti tal-politika ta' integrazzjoni jista' joħloq xorta ta' kompetizzjoni pożittiva bejniethom. L-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni, ir-rabtiet jew in-nuqqas ta' rabtiet jistgħu jitkejlu u jitqabblu. Il-paragun tal-politika u tar-rendiment x'aktarx li l-aktar ikun possibbli fuq il-livell ta' indikaturi ġenerali. Jista' jitfassal ċentru komuni ta' indikaturi prinċipali



ta' din ix-xorta, li jkopru biss dawk l-elementi li jitqiesu importanti minn kulħadd u li jużaw settijiet ta' data li huma disponibbli għall-maġġoranza l-kbira jekk mhux għall-Istati Membri kollha.

Il-pajjiżi li għandhom kondizzjonijiet simili f'termini ta' ġbir ta' data, ta' definizzjonijiet ta' kategoriji ta' immigranti u ta' regoli tal-privatezza jistgħu jiddeċiedu biex jużaw uħud mill-istess indikaturi ta' livell aktar baxx biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-paraguni. Dawk l-Istati Membri li diġà għandhom sistemi komprensivi ta' monitoraġġ jistgħu jaħdmu biex matul iż-żmien jagħmluhom aktar komparabbli. B'mod alternattiv, l-Istati Membri li jkunu fi stadji simili tal-formazzjoni tal-politika u li għandhom politika simili jistgħu jtejbu billi jużaw l-istess indikaturi, miri fissi u livelli ta' referenza. Gradwalment dawn l-Istati Membri jistgħu jaqsmu l-prattika tagħhom ma' grupp usa' ta' pajjiżi.

Huma disponibbli metodi differenti biex jitkejlu r-rendimenti ta' l-Istati Membri kontra xulxin. Per eżempju, it-Tabella ta' Valutazzjoni ta' l-Intraprizi Ewropej tinnormalizza l-valuri ta' l-indikaturi billi tikkalkula l-indiċijiet, fejn l-indiċi ta' l-UE huwa ta' 100. Ir-riżultati ta' pajjiż, għalhekk, ikunu paragunati mal-livell ta' referenza tal-medja ta' l-UE għal kull wieħed minn dawn l-indikaturi. Tiġi stabbilita strixxa arbitrarja ta' 25% 'il fuq u 'l isfel mill-medja ta' l-UE. Id-distanzi mill-medja ta' l-UE jirrappreżentaw il-punti tajba u l-punti dgħajfa relattivi, b'tali mod li l-indikaturi li huma ogħla minn 125% jew inqas minn 75% jitqiesu bħala li jirriflettu rendimenti b'saħħithom (jew dgħajfa). Barra minn hekk, qasam ta' politika jitqies bħala punt tajjeb ta' pajjiż jekk 50% jew aktar ta' l-indikaturi f'dan il-qasam jilħqu indiċi ta' 125 jew aktar, u l-bqija ta' l-indikaturi jilħqu indiċi ta' mill-inqas 95. Bil-maqlub, jekk 50% jew aktar ta' l-indikaturi jkunu taħt il-75 u l-bqija ma jeċċedux il-105, dan il-qasam jitqies bħala wieħed ta' djgħufija.

L-għodda ta' l-indikaturi tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li tħares lejn tmien sferi bażiċi tal-ħajja, tipproponi li jsiru paraguni fuq firxa sħiħa ta' indikaturi li jindirizzaw kemm ir-riżultati kif ukoll id-drittijiet legali. Dwar l-impjiegi u l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien, tipproponi li jitqabblu eż. in-numru ta' familji immigranti li huma qiegħda, in-numru ta' immigranti li kienu qiegħda mill-inqas darba, id-disponibilità ta' l-integrazzjoni vokazzjonali mill-ġdid għall-ħaddiema immigranti li sfaw żejda fuq il-post tax-xogħol, u l-persentaġġ ta' immigranti li għandhom pożizzjoni li tikkorrispondi għall-kwalifiki tagħhom. Tipproponi wkoll li jitqabbel il-proporzjon ta' bejn in-nies indiġeni u l-immigranti għall-impjiegi bi ħlas baxx u l-irtirar kmieni, għaż-żmien medju ta' tiġdid tal-kuntratti, u għall-ammont ta' għajnuna li intefqet fuq lif tal-ġenituri u tal-kura tat-tfal. Id-differenzi bejn in-nies indiġeni u l-immigranti fil-persentaġġ tal-familji idejna ma' selliefa mhux uffiċjali, u fil-persentaġġ ta' familji mingħajr kont bankarju jew ma' ditta li tislef il-flus għall-bini lkoll jistgħu jitkejlu u jitqabblu bejn pajjiż u ieħor.

Il-paraguni jistgħu jiġġeneraw ukoll benefiċċji konkreti għall-mexxejja fil-forma ta' ideat jew ta' l-'aħjar prattika'. Il-prattika tista' titqabbel f'pajjiż wieħed, li għandha l-vantaġġi





tagħha għaliex l-aċċess għal data u informazzjoni sensittivi huwa aktar faċli, id-data standardizzata ħafna drabi tkun disponibbli mill-ewwel, u jista' ikun hemm inqas barrieri biex il-prattika tiġi trasferita. Fejn jidħlu paraguni internazzjonali, ikun hemm il-ħtieġa għal aktar ħin u riżorsi biex tkun żgurata l-komparabilità tad-data u ta' l-informazzjoni. Madankollu, meta wieħed iħares lejn barra għall-aħjar prattika, dan ħafna drabi jiġġenera aktar innovazzjoni. Fejn l-ambitu tas-suġġett huwa definit b'mod ċar u fejn l-'imsieħba ta' l-iffissar tal-livelli ta' referenza' huma f'komunikazzjoni kontinwa ma' xulxin, il-benefiċċji jistgħu jkunu sinifikanti.

Meta jintużaw indikaturi dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti, jista' jsir użu mill-potenzjal innovattiv tal-paraguni trażversali. Jistgħu jsiru paraguni fl-UE kollha fuq numru limitat ta' indikaturi ċentrali. Il-pajjiżi li għandhom prerekwiżiti simili jistgħu jagħmlu paraguni li jilħqu aktar 'il bogħod billi jużaw indikaturi ta' livell aktar baxx.

## L-indikaturi taċ-ċittadinanza ċivika

Waqt li l-aspetti soċjo-ekonomiċi ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti sabu post parzjali f'diversi mekkaniżmi fuq il-livell ta' l-UE, ma teżisti l-ebda struttura biex ikunu indirizzati d-dimensjonijiet l-oħra ta' l-integrazzjoni li huma importanti għall-Istati Membri. Jistgħu jittieħdu tliet passi biex ikun rimedjat dan in-nuqqas mingħajr ma jinħolqu restrizzjonijiet permezz ta' mekkaniżmi istituzzjonali ġodda.

L-ewwelnett, tista' tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-mekkaniżmi differenti tal-politika soċjo-ekonomika li, sa ċertu punt, diġà trattaw kwistjonijiet li huma relatati ma' l-integrazzjoni ta' l-immigranti. L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi, il-Proċess ta' l-Inklużjoni Soċjali, it-Tabella ta' Valutazzjoni ta' l-Intrapriżi u l-mekkaniżmi l-oħra kollha jittrattaw kwistjonijiet li huma rilevanti għall-integrazzjoni bħalma huma l-impjiegi, id-dħul, jew l-intraprenditorija tal-minoranzi u ta' l-immigranti. Id-Direttorati-Ġenerali u l-Unitajiet differenti li huma involuti fil-ġestjoni ta' dawn il-mekkaniżmi, jekk jaħdmu lejn koordinazzjoni aktar mill-qrib, jistgħu jikkontribwixxu għal koerenza akbar fil-monitoraġġ u fl-iffissar tal-miri li jikkonċernaw id-dimensjonijiet soċjo-ekonomiċi ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti.

It-tieni, l-elementi l-'oħra' ta' l-integrazzjoni, li jmorru lil hinn mill-qasam soċjo-ekonomiku, jeħtieġ li jkunu definiti b'mod aktar pożittiv u jingħataw identità distinta. X'inhuma l-punti uniċi li jagħmlu d-dimensjoni ċivika ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti? Jistgħu jsiru deċiżjonijiet dwar numru ta' temi ċentrali biex tingħata sura ċara lil dawk l-oqsma ta' l-integrazzjoni li jaqgħu taħt jew li huma relatati mal-mandat tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. L-intestatura taċ-ċittadinanza ċivika tista' tintuża biex tesprimi l-karattru speċifiku ta' dawn il-kwistjonijiet.

It-tielet, il-kwistjonijiet taċ-ċittadinanza ċivika jistgħu jintrabtu mal-kwistjonijiet ġenerali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bħalma huma d-drittijiet tal-bniedem. Din ir-rabta





se tikkonsolida l-post taċ-ċittadinanza ċivika fi ħdan il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u se tiżgura l-koerenza ma' politika oħra fil-qasam. Il-gruppi eżistenti, bħalma huma n-Netwerk Ewropew għall-Immigrazzjoni jew il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar il-migrazzjoni u l-integrazzjoni jistgħu jsiru msieħba f'dan l-iżvilupp. Gruppi ta' esperti xjentifiċi indipendenti jistgħu jiġu involuti fil-kompiti ta' l-analiżi tad-data. Jistgħu jintużaw arranġamenti li jvarjaw għal tipi differenti ta' indikaturi li jiffokaw fuq il-politika jew fuq ir-riżultati.

Permezz kemm ta' l-indikaturi tal-politika kif ukoll ta' l-indikaturi tar-riżultat, kwistjonijiet ta' ċittadinanza ċivika huma tajbin għall-monitoraġġ u għall-iffissar tal-miri. L-indikaturi tal-politika huma importanti f'dan il-qasam għaliex dawn huma relatati mill-qrib ma' l-istandards legali. Liema drittijiet għandhom l-immigranti, x'perjodi ta' residenza huma meħtieġa biex jieħdu dawn id-drittijiet, u jekk l-arranġamenti amministrattivi jiffaċilitawx l-aċċettazzjoni ta' dawn id-drittijiet jew le huma miżuri kruċjali ta' l-impenn ta' pajjiż favur l-integrazzjoni. Ħafna mill-miżuri rilevanti jinsabu fil-paragrafi ta' żewġ Direttivi ta' l-UE li ġew adottati: id-Direttiva dwar l-għaqda mill-ġdid tal-familji u d-Direttiva dwar ir-residenti ta' perjodu twil ta' żmien. L-istandards stabbiliti fid-Direttivi jistgħu jservu bħala indikaturi, u l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tagħhom jista' jkun eżerċizzju ta' ffissar ta' livelli ta' referenza li jinvolvi lill-membri kollha ta' l-UE.

L-iffissar tal-livelli ta' referenza tal-politika ta' integrazzjoni jista' jkun marbut mill-qrib ma' l-aġenda leġiżlattiva. Dan għandu jsaħħaħ l-impatt ġenerali tal-politika tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi.

L-indikaturi tar-riżultat u l-miri huma importanti bl-istess mod. Kemm-il immigrant jagħżel in-naturalizzazzjoni fejn din tkun possibbli? Kemm minnhom jivvotaw jew joħorġu bħala kandidati? Jistgħu ikunu ffissati miri għar-rati ta' naturalizzazzjoni jew għall-parteċipazzjoni elettorali? L-indikaturi tar-riżultat jagħtu perspettiva dwar il-progress reali ta' l-integrazzjoni u jistgħu jindikaw oqsma prijoritarji għal inizjattivi ta' politika fuq il-livell ta' l-UE jew fuq dak nazzjonali. Li wieħed ikun jaf dwar ir-riżultati jista' jgħin biex il-programmi ta' fondi jkunu gwidati għal-livelli kollha. Dan jista' jtejjeb ukoll l-impatt ta' l-iskambji ta' l-aħjar prattika, peress li l-mexxejja intenzjonalment jistgħu jfittxu eżempji minn pajjiżi li jkunu għamlu suċċess kbir f'qasam partikolari. L-istrutturi li ssemmew aktar 'il fuq jistgħu jiġġeneraw l-informazzjoni meħtieġa għal monitoraġġ effettiv tal-politika u tar-riżultati taċ-ċittadinanza ċivika, u biex jgħinu lill-pajjiżi jagħmlu l-aħjar użu mill-indikaturi ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti.





## Kapitolu 3: Konklużjonijiet

1. Biex l-integrazzjoni u l-impatt tal-politika ta' integrazzjoni jistgħu jitkejlu aħjar, l-organizzazzjonijiet governattivi u dawk mhux governattivi jistgħu jiżviluppaw settijiet ta' indikaturi ta' l-integrazzjoni.
2. Min-naħa waħda, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li jkunu inklużi indikaturi li huma relatati ma' l-integrazzjoni ta' l-immigranti fil-mekkaniżmi eżistenti ta' l-indiċjar u ta' l-iffissar tal-livelli ta' referenza. Min-naħa l-oħra, jista' jiġi żviluppat mekkaniżmu li jintuża biss għall-integrazzjoni ta' l-immigranti, li jinkorpora d-dimensjonijiet soċjo-ekonomiċi, kulturali, ċivili u politiċi ta' l-integrazzjoni.
3. L-iffissar tal-livelli ta' referenza jaħdem billi jkunu ffissati standards għall-paragun. L-indikaturi għandu jkollhom interpretazzjoni normattiva li tkun ċara u espliċita: l-utenti għandhom ikunu jafu liema direzzjoni tal-bidla tirrappreżenta l-progress.
4. Għandhom ikunu organizzati konsultazzjonijiet estensivi mall-partijiet interessati dwar il-prijoritajiet u l-miri li huma marbuta ma' l-indikaturi, u għandhom jinkludu b'mod partikolari lill-immigranti u lill-organizzazzjonijiet li jgħinu lill-immigranti.
5. Idealment, l-indikaturi jintużaw fil-fażi ta' l-ippjanar kif ukoll f'dik ta' l-evalwazzjoni tal-programmi u tal-proġetti ta' integrazzjoni. Fi proġetti b'fondi pubbliċi, l-evalwazzjoni għandha tkun parti mill-implimentazzjoni tal-proġett u għandha tirċievi sehem realistiku mill-baġit.
6. It-titjib u l-espansjoni tal-ġbir tad-data dwar kwistjonijiet li huma relatati ma' l-integrazzjoni ta' l-immigranti jridu jkunu skond il-linji ta' gwida internazzjonali u Ewropej (inklużi dawk dwar il-ħarsien tad-data). L-indikaturi jistgħu jintużaw biex ikunu identifikati l-oqsma fejn hemm nuqqas ta' data u biex ikunu fformulati l-prijoritajiet. Fejn jintgħażlu gruppi ta' immigranti partikolari biex ikunu eżaminati, il-kriterji għall-għażla u għad-definizzjoni tagħhom għandhom ikunu ċari, u l-informazzjoni li tinġabar m'għandhiex tintuża għal skopijiet diskriminatorji.
7. Idealment, tintuża taħlita ta' indikaturi differenti u l-atturi governattivi u mhux governattivi huma mħeġġa jużaw indikaturi simili.
8. Kemm l-indikaturi oġġettivi kif ukoll l-indikaturi suġġettivi jistgħu jiġu żviluppati biex jindirizzaw l-aspetti differenti ta' l-integrazzjoni, u d-definizzjonijiet u l-metodi tal-ġbir tad-data jistgħu jiġu rfinuti għaż-żewġ kategoriji. L-iżvilupp ta' metodi ta' stħarriġ innovattivi li jistgħu jaqdbu l-perspettivi ta' l-immigranti u tal-popolazzjonijiet ospitanti jista' jingħata konsiderazzjoni partikolari.
9. L-indikaturi tal-politika jistgħu jintużaw b'mod partikolari biex jiġu monitorjati l-istandards legali, id-drittijiet u l-arranġamenti tal-politika li jiffaċilitaw l-integrazzjoni, u l-indikaturi tar-riżultat jistgħu jintużaw biex jiġu segwiti s-sitwazzjoni ta' l-immigranti u l-kisba tal-miri ffissati għall-integrazzjoni. Għandha tintuża ċerta kawtela biex jiġu stabbiliti r-rabtiet bejn il-politika u r-riżultati. Għandhom isiru reviżjonijiet regolari tar-rendiment u tal-konvenjenza ta' l-indikaturi, fejn jiġu vvalutati l-kredibilità tagħhom, kwalunkwe diffikultà teknika u d-disponibilità tad-data.





10. L-indikaturi li jintużaw għall-paragun internazzjonali jeħtieġ li jaħsbu għad-diversità fid-definizzjonijiet u fid-disponibilità tad-data.
11. Huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-livelli ta' l-indikaturi. Għal paraguni Ewropej jew internazzjonali, l-indikaturi ta' livell ogħla għandu jkollhom l-ogħla grad ta' uniformità fejn għandhom x'jaqsmu d-definizzjonijiet u l-format tad-data.
12. Hekk kif id-disponibilità tad-data tiżdied u s-sistemi ta' monitoraġġ isiru aktar dinamiċi, jistgħu jkunu ffissati miri biex jagħtu direzzjoni lill-politika ta' integrazzjoni u biex juru r-rieda politika ħalli tittejjeb l-integrazzjoni.
13. Meta jintużaw indikaturi dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti, jista' jsir użu mill-potenzjal innovattiv tal-paraguni trażversali. Jistgħu jsiru paraguni fl-UE kollha fuq numru limitat ta' indikaturi ċentrali. Il-pajjiżi li għandhom prerekwiżiti simili jistgħu jagħmlu paraguni li jilħqu aktar 'il bogħod billi jużaw indikaturi ta' livell aktar baxx.
14. L-iffissar tal-livelli ta' referenza tal-politika ta' integrazzjoni jista' jkun marbut mill-qrib ma' l-aġenda leġiżlattiva. Dan għandu jsaħħaħ l-impatt ġenerali tal-politika tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi.



# L-Anness:
# Biex il-politika tiġi tradotta fi programmi



**Dan l-anness jiġbor fil-qosor seba' passi għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' integrazzjoni. Dawn huma bbażati fuq l-eżempji li ngħataw fil-kapitoli ta' qabel kif ukoll fuq il-prinċipji tal-ġestjoni u ta' l-ippjanar strateġiku tal-programmi. Dawn jgħinu lill-mexxejja u lill-persuni responsabbli biex jittraduċu l-miri ġenerali tal-politika fi programmi ta' integrazzjoni. Barra minn hekk, is-seba' passi jistgħu jintużaw bħala intestaturi għal gruppi ta' miri u għal indikaturi ta' rendiment kif ukoll għall-kapitoli fir-rapport ta' l-attività tal-programm. Fl-aħħarnett, is-seba' passi jistgħu jintużaw bħala qafas biex ikun hemm skambju ta' l-aħjar prattika fuq il-livelli nazzjonali u Ewropej.**

## 1. Tkun provduta raġuni fundamentali għal azzjoni

Biex jinkiseb l-appoġġ politiku u pubbliku meħtieġ għall-allokazzjoni tar-riżorsi għall-programmi ta' integrazzjoni u biex wieħed jieħu l-aħjar mill-impenn tal-partijiet interessati, huwa importanti li tkun provduta raġuni fundamentali għal dawn il-programmi u li din tkun ikkomunikata lill-partijiet interessati u lill-pubbliku ġenerali. Ir-raġuni fundamentali turi li hemm problema, turi x'se jagħmel il-programm, tiddeskrivi l-miri, u torbot programm speċifiku mall-miri ġenerali ta' l-integrazzjoni.

Per eżempju, ir-raġuni fundamentali għall-programmi ta' introduzzjoni u ta' taħriġ fil-lingwa

- *Turi* li gruppi sinifikanti ta' persuni – kemm jekk ikunu immigranti u kemm jekk le – m'għandhomx għarfien tal-lingwa u tal-valuri u tad-drawwiet prinċipali, tant li dan ifixkel il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà
- *Turi* kif għarfien ta' din ix-xorta jsaħħaħ il-konfidenza u l-awto-suffiċjenza tal-benefiċjarji
- *Tiddeskrivi* l-miri – min huma l-benefiċjarji – u l-punt fokali – liema ħiliet għandhom jiġu żviluppati
- *Torbot* dawn il-programmi mall-miri ġenerali ta' l-integrazzjoni u tal-koeżjoni soċjali, tal-parteċipazzjoni u taċ-ċittadinanza

Per eżempju, ir-raġuni fundamentali tal-parteċipazzjoni ċivika

- *Turi* li gruppi sinifikanti ta' persuni m'għandhomx aċċess reali għall-organizzazzjonijiet ta' natura ġenerali minħabba l-karatteristiċi kulturali jew soċjo-ekonomiċi partikolari tagħhom, tant li dan iċaħħadhom milli jgawdu d-drittijiet taċ-ċittadinanza tagħhom għad-detriment tal-benesseri tagħhom. Iċaħħad ukoll lill-organizzazzjonijiet mill-parteċipazzjoni ta' persuni li għandhom kwalitajiet siewja, għad-detriment tal-vitalità ta' l-organizzazzjonijiet.

- *Turi* kif l-organizzazzjonijiet li jirrispondu għad-diversità kulturali u soċjo-ekonomika jtejbu l-kwalità tas-servizzi tagħhom, iżidu s-sodisfazzjon tal-klijenti u jippromwovu sens ta' appartenenza; turi kif l-organizzazzjonijiet, billi jinvolvu lill-membri ta' gruppi differenti, jagħtu kontribut għal soċjetà attiva u parteċipattiva
- *Tiddeskrivi* l-miri – min huma l-benefiċjarji – u l-punt fokali – liema servizzi għandhom jittejbu, it-talenti ta' min għandhom ikunu mobilizzati u liema gruppi għandhom ikunu involuti
- *Torbot* dawn il-programmi mall-miri ġenerali ta' l-integrazzjoni fis-soċjetà – l-aċċess u l-ugwaljanza, il-parteċipazzjoni u l-appartenenza

## 2. Il-formulazzjoni tal-programm

Fl-interess ta' l-effikaċja huwa importanti li l-programmi jkunu fformulati sew u jkunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa tal-problemi li għandhom ikunu indirizzati. Dan jinkludi:

- L-eżerċizzji ta' tqassim
- Ir-riċerka xjentifika
- Il-pariri esperti
- It-tagħlim minn programmi oħra
- Il-konsultazzjonijiet mall-partijiet interessati

## 3. Il-konsultazzjonijiet mall-partijiet interessati

Biex ikun żgurat li l-programmi jkunu qed jindirizzaw il-problemi reali, li l-interessi differenti jkunu rappreżentati sew u li l-programmi jkunu tal-partijiet interessati, huwa importanti ħafna li ssir konsultazzjoni mall-partijiet interessati f'fażi bikrija.

- L-identifikazzjoni tal-partijiet interessati se tagħmel distinzjoni bejn dawk li jkunu jridu u dawk li jimplimentaw il-programmi, kif ukoll bejn dawk li jgawdu direttament u dawk li jgawdu indirettament mill-programmi
- Ir-rikonoxximent u l-ivvalutar tal-fehmiet u l-interessi differenti tagħhom – ħafna drabi skond is-sess, il-pożizzjoni soċjo-ekonomika u l-istorja migratorja – se jagħmluha possibbli li ssir distinzjoni fil-valutazzjoni tal-ħtiġiet
- Inventarju ta' kwistjonijiet sensittivi, ta' nuqqasijiet u ta' perikli possibbli, kif ukoll ta' opportunitajiet u bidliet għas-suċċess, se jagħtu l-possibbiltà lit-tfassil ta' miżuri li saru apposta biex jindirizzawhom
- Djalogu serju u kontinwu mall-partijiet interessati se jiġġenera appoġġ politiku u pubbliku kif ukoll il-kooperazzjoni tal-benefiċjarji; u se jirrinforza l-impenn u d-dedikazzjoni biex jipparteċipaw fil-programmi



## 4. Id-definizzjoni tal-problema

Biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet, il-programmi jridu jiddeskrivu fid-dettal u janalizzaw bir-reqqa l-problemi li jridu jindirizzaw.

- Analiżi tal-problema turi, per eżempju, x'inhuma n-nuqqasijiet fil-lingwa fost liema gruppi jew turi liema barrieri għall-parteċipazzjoni jeżistu għal liema gruppi
- Analiżi tal-partijiet interessati tivvaluta n-numru ta' persuni li huma affettwati direttament u indirettament
- Analiżi teknika tistabbilixxi x'jeħtieġ li jsir biex jissolvew il-problemi
- Analiżi ta' l-organizzazzjoni tiġbed l-attenzjoni dwar liema organizzazzjonijiet għandhom ikunu inklużi jew ikunu konċernati mill-programm

## 5. Id-definizzjoni ta' l-għanijiet

Biex jintlaħaq ftehim dwar il-programm bejn il-partijiet interessati, huwa essenzjali li wieħed jiddeskrivi – f'termini ta' mezzi u għanijiet – lejn xiex qed jimmira l-programm.

- Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni mixtieqa tistabbilixxi l-effetti pożittivi u l-vantaġġi – għall-benefiċjarji u għas-soċjetà kollha
- Id-deskrizzjoni turi x'għandu jinkiseb u tippermetti li jkun stabbilit sett ta' għanijiet ċari u preċiżi u ta' ġerarkija bejniethom
- Din id-deskrizzjoni tippermetti wkoll lill-partijiet interessati li jagħżlu u jiftiehmu dwar l-għanijiet tal-programm – f'termini ta' gruppi konċernati, tip ta' taħriġ, eċċ.
- Valutazzjoni ta' l-għanijiet tiżgura jekk dawn l-għanijiet jistgħux jinkisbu b'dan jew possibilment bi programmi oħra  jew le

## 6. Id-deċiżjonijiet dwar l-istrateġiji

Biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni effettiva tal-programm, huwa essenzjali li jkunu identifikati u jitqiesu l-istrateġiji differenti li huma possibbli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-programm.

- L-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-istrateġiji huma rregolati mill-għanijiet tal-programm
- Il-partijiet interessati jiġu konsultati dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-istrateġiji, u l-opinjonijiet tagħhom jingħataw importanza sinifikanti
- L-allokazzjoni tar-riżorsi tinkludi kwistjonijiet baġitarji – bħalma huma l-livell tas-sussidji, il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarji stess, l-isponsorjar tas-settur privat – il-koo-perazzjoni mas-settur volontarju, eċċ.

- Valutazzjoni ta' kif l-istrateġiji jikkontribwixxu biex tinkiseb l-ugwaljanza tas-sessi u dik etnika hija parti essenzjali mill-proċess ta' l-għażla ta' l-istrateġija

## 7. L-implimentazzjoni tal-programm

Skema għall-implimentazzjoni effiċjenti ta' programm tinkludi

- Ftehim dwar l-aġenzija li fl-aħħar mill-aħħar se tkun responsabbli u li se toħroġ il-fondi f'termini ta' livell ta' gvern – lokali, reġjonali jew nazzjonali
- Fil-każ ta' responsabbiltà komuni – ma' organizzazzjonijiet tas-settur privat, ma' organizzazzjonijiet ta' l-immigranti u volontarji – ftehim dwar il-kontabilità u l-(ko-) finanzjament
- F'każ ta' *outsourcing*, ftehim dwar l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti u dwar in-normi tal-kwalità li jikkonċernaw il-provvista tat-taħriġ
- Pjan għall-evalwazzjoni u għall-valutazzjoni ta' l-impatt li jistabbilixxu jekk il-programm kisibx l-għanijiet tiegħu u jekk indirizzax il-problemi identifikati jew le, jekk il-partijiet interessati żammewx ma' l-impenn tagħhom jew le u jekk l-implimentazzjoni kinitx immexxija tajjeb jew le



## Noti tat-Tmiem

Dan id-dokument jinbena fuq dokumenti dwar il-kwistjoni, fuq dokumenti ta' konklużjoni u fuq il-preżentazzjonijiet miktuba u orali li saru fit-tliet seminars teknići, fuq id-dokumenti sottomessi lill-Kummissjoni u lill-konsulenti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u mid-delegati l-oħra tal-konferenza, kif ukoll fuq il-kwestjonarji dwar il-politika ta' integrazzjoni li kienu ġew sottomessi mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali bħala rispons għat-talbiet tal-Kummissjoni. Sorsi oħra huma elenkati hawn taħt.


European Commission, *Communication on Immigration, Integration and Employment*, COM (2003) 336

European Commission, *First Annual Report on Migration and Integration*, COM(2004) 508

European Commission, *Draft Joint Employment Report 2003/2004*, COM(2004) 24

European Council, *Decision on employment guidelines*, O.I. of the E.U. of 05.08.03, L-197

European Commission, *Draft Joint report on social inclusion summarising the results of the examination of the National Action Plans for Social Inclusion (2003-2005),* COM(2003) 773

Social Protection Committee (2003), *Common Outline for the 2003/2005 NAPs/ inclusion*

European Commission, *A Pocketbook of Enterprise Policy Indicators,* 2003 edition: How Member States and Candidate Countries rank in the 2003 Enterprise Scoreboard

MPG, papers prepared for the Diversity Policies Network Second Cycle seminar, Brussels, 11-12 September 2003

Ines Michalowski, *An overview on introduction programmes for immigrants in seven European Member States*, research commissioned by the ACVZ, February 2004

Caritas Europa, CCME, COMECE, ICMC, JRS-Europe, QCEA, *Comments on the Communication from the European Commission on Immigration, Integration and Employment, COM (2003) 336 final*, April 2004

Department of Immigration and Multicultural Affairs, Australia, *Charter of Public Service in a Culturally Diverse Society*, 1998

Council of Europe, *Local consultative bodies for foreign residents – a handbook*, written by Sonia Gsir and Marco Martiniello, Council of Europe July 2004

INBAS Sozialforschung, *Migrant and Ethnic Minority Volunteering, A transnational exchange programme within the framework of the Community Action Plan to combat social exclusion (2002-2006)*, European synthesis report, August 2003

United Nations Economic and Social Council, *Poverty Reduction Practices: ESCAP Strategies in Poverty Reduction - Transfer of Good and Innovative Practices*, E/ESCAP/CPR/3, 4 August 2003

Alistair Ager, *Indicators of Refugee Integration* [forthcoming, UK Home Office]

Han Entzinger and Renske Biezeveld, *Benchmarking in Immigrant Integration*, report written for the European Commission, 2003

Jan Niessen and Yongmi Schibel, *Benchmarking Citizenship Policies*, paper prepared for the European Inclusion Index, 2004

Council of Europe, *Measurement and indicators of integration*, Community Relations Series, Council of Europe 1997

Council of Europe, *Proposed Indicators for Measuring Integration of Immigrants and Minorities with a View to Equal Rights and Opportunities for all*, MG-IN (2003) 7



## Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni

| | |
|---|---|
| Ir-Repubbklika Ċeka: | Il-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali – l-Unità ta' l-Integrazzjoni tal-Barranin |
| Id-Danimarka: | Il-Ministeru ta' l-Integrazzjoni – l-Unità għall-Politika ta' integrazzjoni |
| Il-Ġermanja: | Bundesministerium des Innern – Referat M8 |
| L-Estonja : | Il-Kanċellerija ta' l-Istat – L-Uffiċċju tal-Ministru għall-Popolazzjoni u l-Affarijiet Etniċi |
| Il-Greċja: | Il-Ministeru ta' l-Intern – Id-Direttorat ta' l-Istranġieri u tal-Migrazzjoni – Is-Settur ta' l-Integrazzjoni Soċjali |
| Spanja: | Il-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali – Is-Segretarju ta' l-Istat għall-Immigrazzjoni u l-Emigrazzjoni – Id-Direttorat ta' l-Integrazzjoni ta' l-Immigranti |
| Franza: | Ministère de l'Emploi, du Travail et de la Cohésion sociale – Direction de la Population et des Migrations |
| L-Irlanda: | Id-Dipartiment tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u r-Riforma fil-Liġi – L-Aġenzija ta' l-Ilqugħ u ta' l-Integrazzjoni |
| L-Italja: | Ministero dell'Interno – Dipartimento per le Libertà Civili e l'Immigrazione – Direzione Centrale per le Politiche dell'Immigrazione e dell'Asilo |
| Il-Latvja: | Is-Segretarjat tal-Ministru għall-Ħidmiet Speċjali għall-Affarijiet ta' l-Integrazzjoni fis-Soċjetà |
| Il-Litwanja: | Il-Ministeru tas-Sigurtà Soċjali u x-Xogħol – Id-Dipartiment ta' l-Integrazzjoni Ewropea u tar-Relazzjonijiet Internazzjonali |
| Il-Lussemburgu: | Ministère de la Famille et de l'Intégration – Commissariat du Gouvernement aux étrangers |
| L-Ungerija: | Il-Ministeru ta' l-Intern – L-Uffiċċju ta' l-Immigrazzjoni u n-Nazzjonalità |

| | |
|---|---|
| L-Olanda: | Il-Ministeru tal-Ġustizzja – Id-Dipartiment tal-Politika ta' Integrazzjoni tal-Minoranzi |
| L-Awstrija: | Bundesministerium für Inneres – Abteilung III/4 |
| Il-Polonja: | Il-Ministeru tal-Politika Soċjali – Id-Dipartiment ta' l-Għajnuna Soċjali u l-Integrazzjoni |
| Il-Portugall: | Gabinete Secretário de Estado Adjunto do Ministro da Presidência |
| Is-Slovenja: | Il-Ministeru ta' l-Intern – Id-Direttorat tal-Migrazzjoni |
| Is-Slovakkja: | Il-Ministeru ta' l-Intern – L-Uffiċċju tal-Migrazzjoni |
| Il-Finlandja: | Il-Ministeru tax-Xogħol – Id-Dipartiment tal-Politika |
| L-Iżvezja: | Il-Ministeru tal-Ġustizzja – Id-Diviżjoni għall-Integrazzjoni u d-Diversità ta' l-Immigranti |
| Ir-Renju Unit: | Il-Ministeru ta' l-Intern – L-Unità tal-Politika Soċjali – Id-Direttorat ta' l-Immigrazzjoni tan-Nazzjonalità |



Dan il-ktejjeb ta' tagħrif joffri l-aħjar prattika u l-aħjar tagħlim li nkisbu mill-25 Stat Membru ta' l-UE fuq it-temi li ġejjin: il-korsijiet ta' introduzzjoni għall-immigranti l-ġodda u għar-refuġjati rikonoxxuti, il-parteċipazzjoni ċivika u l-indikaturi. Ġie żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni u għandu l-għan li jippromwovi l-ħolqien ta' qafas koerenti Ewropew fuq l-integrazzjoni billi jiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza u ta' informazzjoni. Il-ktejjeb ta' tagħrif huwa indirizzat għall-mexxejja u għall-persuni responsabbli fuq il-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u ta' UE.



ISBN 92-79-02521-X

9 789279 025211

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.europa.eu*